# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 130

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

1 ta' Mejju 2014

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali** ..... 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2014 tat-30 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew** ([1]) ..... 37

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 442/2014 tat-30 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 f'dak li jirrigwarda l-inklużjoni fil-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza fir-rigward tal-importazzjoni ta' prodotti organiċi** ([1]) ..... 39

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 443/2014 tat-30 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, fir-rigward tal-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali għat-tadam, il-ħjar, l-għeneb tal-mejda, il-berquq, iċ-ċirasa għajr iċ-ċirasa qarsa, il-ħawħ inkluż in-nuċiprisk u l-għanbaqar** ..... 41

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 444/2014 tat-30 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 43

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Ir-Regolament Nru 57 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem għall-muturi u vetturi ttrattati bħala muturi** ........ 45

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2014/41/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-3 ta' April 2014**

**dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-inizjattiva tar-Renju tal- Belġju, tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Renju ta' Spanja, tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Renju tal-Isvezja,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbilixxiet għaliha stess l-objettiv li żżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(2) Taħt l-Artikolu 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji, li, mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 'l hawn, ġie komunement imsejjaħ bħala bażi importanti tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fi ħdan l-Unjoni.

(3) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI ([2]) indirizzat il-ħtieġa ta' rikonoxximent reċiproku immedjat ta' mandati għall-prevenzjoni tal-qerda, it-trasformazzjoni, iċ-ċaqliq, it-trasferiment jew ir-rimi ta' provi. Madankollu, minħabba l-fatt li l-istrument hu ristrett għall-fażi tal-iffriżar, il-mandat tal-iffriżar jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn talba separata għat-trasferiment tal-provi lill-Istat li jemetti l-ordni ("l-Istat emittenti") f'konformità mar-regoli li japplikaw għall-assistenza reċiproka f'materji kriminali. Dan jirriżulta fi proċedura b'żewġ stadji detrimentali għall-effiċjenza tagħha. Barra minn hekk, dan ir-reġim jikkoeżisti mal-istrumenti tradizzjonali ta' kooperazzjoni u għalhekk rari jintuża fil-prattika mill-awtoritajiet kompetenti.

(4) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/978/ĠAI ([3]) dwar il-mandat Ewropew għall-provi (EEW, European Evidence Warrant) ġiet adottata sabiex jiġi applikat il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u *data* għall-użu fi proċedimenti f'materji kriminali. Madankollu, l-EEW japplika biss għal provi li diġà jeżistu u għalhekk ikopri spettru limitat ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tal-provi. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tiegħu, l-awtoritajiet kompetenti kienu liberi li jużaw ir-reġim il-ġdid jew li jużaw il-proċeduri ta' assistenza legali reċiproka li f'kull każ jibqgħu japplikaw għall-provi li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-EEW.

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2014.

([2]) Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45).

([3]) Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/978/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi sabiex jinkisbu oġġetti, dokumenti u data għall-użu fi proċedimenti f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 72).

(5) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet Kwadru 2003/577/ĠAI u 2008/978/ĠAI 'l hawn, jidher ċar li l-qafas eżistenti għall-ġbir ta' provi huwa wisq frammentat u kkumplikat. Għalhekk, huwa meħtieġ approċċ ġdid.

(6) Fil-programm ta' Stokkolma adottat mill-Kunsill Ewropew tal-10 sal-11 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Ewropew ikkunsidra li l-istabbiliment ta' sistema komprensiva għall-ksib ta' provi f'każijiet b'dimensjoni transkonfinali, abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, għandu jitkompla. Il-Kunsill Ewropew indika li l-istrumenti eżistenti f'dan il-qasam kienu jikkostitwixxu reġim frammentarju u li kien meħtieġ approċċ ġdid, ibbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li madankollu jżomm kont ukoll tal-flessibbiltà tas-sistema tradizzjonali ta' assistenza legali reċiproka. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew appella għal sistema komprensiva li tissostitwixxi l-istrumenti kollha eżistenti f'dan il-qasam, inkluża d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/978/ĠAI, li tkopri kemm jista' jkun it-tipi kollha ta' provi, li tinkludi skadenzi għall-infurzar u tillimita kemm jista' jkun ir-raġunijiet għaċ-ċaħda.

(7) Dan l-approċċ il-ġdid għandu jkun ibbażat fuq strument uniku msejjaħ l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew (OIE). L-OIE għandu jinħareġ għall-fini tat-twettiq ta' miżura investigattiva speċifika waħda jew iżjed fl-Istat li jesegwixxi l-OIE ("l-Istat ta' eżekuzzjoni") bil-ħsieb li jinġabru l-provi. Dan jinkludi l-ksib ta' provi li jkunu diġà fil-pussess tal-awtorità ta' eżekuzzjoni.

(8) L-OIE għandu jkun orizzontali fl-ambitu u għaldaqstant għandu japplika għall-miżuri investigattivi kollha mmirati biex jiġbru l-provi. Madankollu, it-twaqqif ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta u l-ġbir ta' provi fi ħdan skwadra bħal din jeħtieġu regoli speċifiċi li jkun aħjar jekk jiġu ttrattati separatament. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-istrumenti eżistenti għandhom għaldaqstant jibqgħu japplikaw għal din it-tip ta' miżura investigattiva.

(9) Din id-Direttiva ma tapplikax għal sorveljanza transkonfinali kif imsemmi fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ([1]).

(10) L-OIE għandu jiffoka fuq il-miżura investigattiva li għandha tiġi eżegwita. L-awtorità emittenti qiegħda fl-aħjar pożizzjoni li tiddeċiedi, abbażi tal-għarfien tagħha tad-dettalji tal-investigazzjoni kkonċernata, liema miżura investigattiva għandha tintuża. Madankollu, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha, fejn hu possibbli, tuża tip ieħor ta' miżura investigattiva jekk il-miżura indikata ma teżistix taħt il-liġi nazzjonali tagħha jew ma tkunx disponibbli f'każ domestiku simili. Id-disponibbiltà għandha tirriferi għall-okkażjonijiet fejn il-miżura investigattiva indikata teżisti taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni iżda hija legalment disponibbli f'ċerti sitwazzjonijiet biss, pereżempju fejn il-miżura investigattiva tista' tiġi eżegwita biss għal reati ta' ċertu grad ta' serjetà, kontra persuni li fir-rigward tagħhom diġà hemm grad ta' suspett jew bil-kunsens tal-persuna kkonċernata. Għandu jkun permissibbli għall-awtorità ta' eżekuzzjoni li tirrikorri għal tip ieħor ta' miżura investigattiva fejn din tikseb l-istess riżultat bħall-miżura investigattiva prevista fl-OIE b' mezzi li jinvolvu inqas indħil fid-drittijiet fundamentali.

(11) L-OIE għandu jintgħażel fejn l-eżekuzzjoni ta' miżura investigattiva tidher proporzjonata, adegwata u applikabbli għall-każ inkwistjoni. L-awtorità emittenti għandha għalhekk taċċerta jekk il-provi mfittxija humiex meħtieġa u proporzjonati għall-fini tal-proċedimenti, jekk il-miżura investigattiva magħżula hijiex meħtieġa u proporzjonata għall-ġbir ta' dawn il-provi, u jekk, permezz tal-ħruġ ta' OIE, Stat Membru ieħor għandux ikun involut fil-ġbir tal-prova konċernata. L-istess valutazzjoni għandha ssir fil-proċedura ta' validazzjoni, meta tkun meħtieġa l-validazzjoni ta' OIE taħt din id-Direttiva. L-eżekuzzjoni ta' OIE ma għandhiex tiġi rrifjutata għal raġunijiet differenti minn dawk iddikjarati f'din id-Direttiva. Madankollu l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tkun intitolata li tagħżel miżura investigattiva anqas intrusiva minn dik indikata fl-OIE jekk din tippermetti li jinkisbu riżultati simili.

(12) Meta tinħareġ OIE l-awtorità emittenti li toħroġha għandha tagħti attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). Il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet ta' difiża fi proċedimenti kriminali, huma pilastru tad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta fil-qasam tal-ġustizzja kriminali. Kwalunkwe limitazzjoni ta' tali drittijiet minn miżura investigattiva ordnata skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandha tkun konformi b'mod sħiħ mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52 tal-Karta fir-rigward tan-neċessità, il-proporzjonalità u l-għanijiet li għandha tfittex, partikolarment il-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.

---

([1]) Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19).

(13) Sabiex tkun żgurata t-trażmissjoni tal-OIE lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità emittenti tista' tuża kwalunkwe mezz possibbli jew rilevanti ta' trażmissjoni, pereżempju s-sistema sigura tat-telekomunikazzjoni tan-Network Ġudizzjarju Ewropew, il-Eurojust, jew mezzi oħra użati mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew tal-infurzar tal-liġi.

(14) Meta jagħmlu dikjarazzjoni dwar is-sistema lingwistika, l-Istati Membri huma mħeġġa li jinkludu minn tal-inqas lingwa waħda li tintuża komunement fl-Unjoni differenti mil-lingwa jew lingwi uffiċjali tagħhom.

(15) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2010/64/UE ([1]), 2012/13/UE ([2]) u 2013/48/UE ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jinvolvu drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali.

(16) Il-miżuri mhux koerċitivi jistgħu jkunu, pereżempju, miżuri tali li ma jiksrux id-dritt tal-privatezza jew id-dritt tal-proprjetà, skont kif tipprevedi l-liġi nazzjonali.

(17) Il-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa prinċipju fundamentali tal-liġi fl-Unjoni, kif rikonoxxut mill-Karta u żviluppat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tkun intitolata li tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' OIE jekk l-eżekuzzjoni tagħha tmur kontra dak il-prinċipju. Minħabba n-natura preliminari tal-proċedimenti li fuqhom tissejjes OIE, l-eżekuzzjoni tagħha ma għandhiex tkun suġġetta għal rifjut fejn ikollha l-għan li tistabbilixxi jekk hemmx xi kunflitt possibbli mal-prinċipju *ne bis in idem* jew fejn l-awtorità emittenti tkun tat assigurazzjonijiet li l-evidenza trasferita b'riżultat tal-eżekuzzjoni ta' OIE ma tiġix użata għall-finijiet ta' prosekuzzjoni jew biex timponi xi sanzjoni fuq persuna li l-każ tagħha jkun ġie maqtugħ definittivament fi Stat Membru ieħor għall-istess fatti.

(18) Bħal fi strumenti oħra ta' rikonoxximent reċiproku, din id-Direttiva ma għandhiex l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet fundamentali u għall-prinċipji fundamentali legali kif imnaqqxa fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fil-Karta. Sabiex dan ikun ċar, ġiet inserita dispożizzjoni speċifika fit-test.

(19) Il-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Unjoni huwa bbażat fuq fiduċja reċiproka u presunzjoni ta' konformità, minn Stati Membri oħra, mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mad-drittijiet fundamentali. Madankollu, dik il-presunzjoni hija konfutabbli. Konsegwentement, jekk ikun hemm raġunijiet sostantivi biex wieħed jemmen li l-eżekuzzjoni ta' miżura investigattiva indikata fl-OIE tkun tirriżulta fi ksur ta' dritt fundamentali tal-persuna kkonċernata u li l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni ser jinjora l-obbligi tiegħu dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta, l-eżekuzzjoni tal-OIE għandha tiġi rifjutata.

(20) Għandu jkun possibbli li jiġi rrifjutat OIE fejn ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tiegħu fl-Istat ta' eżekuzzjoni jkun jinvolvi ksur ta' immunità jew privileġġ f'dak l-Istat. M'hemm l-ebda definizzjoni komuni dwar x'jikkostitwixxi immunità jew privileġġ fid-dritt tal-Unjoni, id-definizzjoni preċiża ta' dawn it-termini titħalla għalhekk għal-liġi nazzjonali, li tista' tinkludi protezzjonijiet li japplikaw għal professjonijiet mediċi u legali, iżda m'għandhomx jiġu interpretati b'mod li jmur kontra l-obbligu li jiġu aboliti ċerti raġunijiet għar-rifjut fil-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ([4]). Dawn jistgħu jinkludu wkoll, anki jekk mhumiex neċessarjament meqjusa bħala privileġġ jew immunità, regoli relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'mezzi oħra tax-xandir.

(21) Huma meħtieġa limiti taż-żmien biex tiġi żgurata kooperazzjoni rapida, effettiva u konsistenti bejn l-Istati Membri f'materji kriminali. Deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni, u l-eżekuzzjoni proprja ta' miżura investigattiva, għandhom jittieħdu bl-istess rapidità u prijorità bħal fir-rigward ta' każ domestiku simili. Għandu jsir provvediment għal skadenzi ta' żmien biex jiġi żgurat li d-deċiżjoni jew l-eżekuzzjoni jsiru fi żmien raġonevoli jew sabiex jiġu rispettati l-limitazzjonijiet proċedurali fl-Istat emittenti.

---

([1]) Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali, u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

([4]) Protokoll stabbilit mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 21.11.2001, p. 2).

(22) Ir-rimedji legali disponibbli kontra OIE għandhom ikunu tal-inqas ugwali għal dawk disponibbli fil-każ domestiku kontra l-miżura investigattiva kkonċernata. F'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikabbiltà ta' dawk ir-rimedji legali, anke billi jgħarrfu lill kwalunkwe parti interessata fiż-żmien tajjeb bil-possibbiltajiet u l-modi biex tfittixhom. Fil-każijiet fejn oġġezzjonijiet kontra OIE jiġu ppreżentati minn parti interessata fl-Istat ta' eżekuzzjoni fir-rigward tar-raġunijiet sostantivi għall-ħruġ tal-OIE, ikun jaqbel li l-informazzjoni dwar tali kontestazzjoni tintbagħat lill-awtorità emittenti u li l-parti interessata tiġi infurmata b'dan.

(23) L-ispejjeż li jintefqu fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni għall-eżekuzzjoni ta' OIE għandhom jiġu assunti esklużivament minn dak l-Istat, fil-konformitá mal-prinċipju ġenerali tar-rikonoxximent reċiproku. Madankollu, l-eżekuzzjoni ta' OIE tista' tirriżulta fi spejjeż eċċezzjonalment għolja għall-Istat ta' eżekuzzjoni. Dawn l-ispejjeż eċċezzjonalment għolja jistgħu jkunu, pereżempju, opinjonijiet kumplessi minn esperti jew operazzjonijiet estensivi tal-pulizija jew attivitajiet ta' sorveljanza fuq perijodu ta' żmien twil. Dan ma għandux ixekkel l-eżekuzzjoni ta' OIE u l-awtoritajiet emittenti u tal-eżekuzzjoni għandhom jistabbilixxu liema spejjeż ser jitqiesu bħala eċċezzjonalment għolja. Il-kwistjoni tal-ispejjeż tista' ssir suġġetta għal konsultazzjonijiet bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni u huwa rrakkomandat li l-kwistjoni tiġi solvuta fl-istadju ta' konsultazzjonijiet. Bħala l-aħħar rimedju, l-awtorità emittenti tista' tiddeċiedi li tirtira l-OIE jew li żżommu u dik il-parti tal-ispejjeż stmata kemm bħala eċċezzjonalment għolja mill-Istat ta' eżekuzzjoni kif ukoll assolutament meħtieġa waqt l-iżvolġiment tal-proċedimenti, għandha tkun koperta mill-Istat emittenti. Il-mekkaniżmu pprovdut ma għandux jikkostitwixxi raġuni oħra għal ċaħda, u fl-ebda każ ma għandu jintuża abbużivament b'tali mod li jdewwem jew jimpedixxi l-eżekuzzjoni tal-OIE.

(24) L-OIE jistabbilixxi reġim uniku għall-ksib ta' provi. Madankollu, meħtieġa regoli addizzjonali għal xi tipi ta' miżuri investigattivi li għandhom jiġu previsti fl-OIE, bħat-trasferiment temporanju ta' persuni miżmuma f'kustodja, is-seduti permezz ta' vidjokonferenza jew konferenza telefonika, il-ksib ta' informazzjoni relatata ma' kontijiet bankarji jew transazzjonijiet bankarji, konsenji kkontrollati jew investigazzjonijiet sigrieti. Il-miżuri investigattivi li jimplikaw ġbir ta' provi fi żmien reali, kontinwament u matul ċertu perijodu ta' żmien għandhom ikunu koperti mill-OIE, iżda kull fejn ikun meħtieġ għandu jintlaħaq qbil dwar arranġamenti prattiċi bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jiġu akkommodati d-differenzi bejn il-liġijiet nazzjonali ta' dawk l-Istati.

(25) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar it-twettiq, fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, inkluża l-fażi tas-smigħ, ta' miżura investigattiva, jekk meħtieġ bil-parteċipazzjoni tal-persuna kkonċernata bil-ħsieb li jinġabru provi. Pereżempju, OIE jista' jinħareġ għat-trasferiment temporanju tal-persuna konċernata għall-Istat emittenti jew biex isir smigħ b'vidjokonferenza. Madankollu, fejn dik il-persuna għandha tiġi trasferita għal Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' prosekuzzjoni, inkluż it-tressiq ta' dik il-persuna għandha titressaq quddiem qorti biex tiġi proċessata, għandu jinħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW, European Arrest Warrant) f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ([1]).

(26) Bil-ħsieb tal-użu proporzjonat ta' EAW,,l-awtorità emittenti għandha tikkunsidra jekk OIE jkunx mezz effettiv u proporzjonat biex jiġu segwiti proċedimenti kriminali. L-awtorità emittenti għandha tikkunsidra, b'mod partikolari, jekk il-ħruġ ta' OIE għas-smigħ ta' persuna suspettata jew akkużata permezz ta' vidjokonferenza jistax iservi bħala alternattiva effettiva.

(27) OIE jista' jinħareġ biex tinkiseb evidenza rigward il-kontijiet, ta' kwalunkwe tip, li jkunu qed jinżammu fi kwalunkwe bank jew kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja mhux bankarja oħra minn persuna suġġetta għal proċedimenti kriminali. Dik il-possibbiltà għandha tinftiehem fis-sens wiesa' bħala li tkopri mhux il-persuni suspettati jew akkużati biss iżda wkoll kwalunkwe persuna oħra li fir-rigward tagħha tali informazzjoni titqies li tkun meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti matul il-proċedimenti kriminali.

(28) Fejn f'din id-Direttiva ssir referenza għall-istituzzjonijiet finanzjarji, dan it-terminu għandu jinftiehem fis-sens tad-definizzjoni rilevanti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(29) Meta jinħareġ OIE biex jinkisbu "dettalji" ta' kont speċifiku, il-kelma "dettalji" għandha tinftiehem li tinkludi tal-inqas l-isem u l-indirizz tad-detentur tal-kont, id-dettalji ta' kwalunkwe prokura miżmuma fuq il-kont, u kwalunkwe dettall jew dokument ieħor provdut mid-detentur tal-kont meta nfetaħ il-kont u li għadu jinżamm mill-bank.

([1]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

(30) Il-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni taħt din id-Direttiva dwar l-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet ma għandhomx ikunu limitati għall-kontenut tat-telekomunikazzjoni, iżda jistgħu jkopru wkoll id- *data* ta' traffiku u post assoċjata ma' dawn it-telekomunikazzjonijiet, li tippermetti lill-awtoritajiet li joħorġu OIE għall-finijiet li jiksbu *data* inqas intrużiva dwar telekomunikazzjonijiet. OIE li jinħareġ biex tinkiseb *data* storika ta' traffiku u post relatata ma' telekomunikazzjonijiet għandu jiġi ttrattat skont is-sistema ġenerali applikabbli għal-eżekuzzjoni tal-OIE u jista' jkun ikkunsidrat, skont it-termini tal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, bħala miżura investigattiva koerċitiva.

(31) Fejn diversi Stati Membri jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu l-assistenza teknika meħtieġa, OIE għandu jintbagħat lil wieħed minnhom biss u għandha tingħata prijorità lill-Istat Membru fejn tkun tinsab il-persuna konċernata. L-Istati Membri fejn jinsab is-suġġett tal-interċettazzjoni u li minnhom ma tinħtieġ l-ebda assistenza teknika biex issir l-interċettazzjoni għandhom jiġu notifikati dwarha skont din id-Direttiva. Madankollu, fejn l-assistenza teknika tista' ma tiġix riċevuta minn sempliċiment Stat Membru wieħed, OIE jista' jintbagħat lil aktar minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed.

(32) F'OIE li jinkludi talba għall-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet, l-awtorità emittenti għandha tipprovdi lill-awtorità ta' eżekuzzjoni informazzjoni suffiċjenti bħal dettalji tal-għemil kriminali taħt investigazzjoni, sabiex tippermetti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tivvaluta jekk dik il-miżura investigattiva tkunx awtorizzata f'każ domestiku simili.

(33) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-importanza li jiġi żgurat li l-assistenza teknika tista' tiġi pprovduta minn fornitur ta' servizz li jopera networks u servizzi ta' telekomunikazzjoni disponibbli pubblikament fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni skont dan l-istrument fir-rigward tal-interċettazzjoni legali ta' telekomunikazzjonijiet.

(34) Din id-Direttiva, permezz tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha, tittratta biss miżuri provviżorji unikament bil-ħsieb tal-ġbir ta' provi. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li kwalunkwe oġġett, inklużi assi finanzjarji, jista' jkun suġġett għal diversi miżuri interim matul il-proċedimenti kriminali, mhux biss bil-ħsieb tal-ġbir ta' provi iżda wkoll bil-ħsieb ta' konfiska. Id-distinzjoni bejn iż-żewġ objettivi ta' miżuri interim mhijiex dejjem ovvja u li l-objettiv tal-miżura interim jista' jinbidel matul il-proċedimenti. Għal din ir-raġuni, huwa kruċjali li tinżamm interrelazzjoni bla xkiel bejn id-diversi strumenti applikabbli f'dan il-qasam. Barra minn hekk, għall-istess raġuni, il-valutazzjoni ta' jekk punt għandux jintuża fil-provi u għalhekk ikun l-oġġett ta' OIE għandha titħalla għall-awtorità emittenti.

(35) Fejn issir referenza għal għajnuna reċiproka fi strumenti internazzjonali rilevanti, bħal fil-konvenzjonijiet konklużi fil-Kunsill tal-Ewropa, għandu jinftiehem li, bejn l-Istati Membri marbutin b'din id-Direttiva, din id-Direttiva tipprevali fuq dawk il-konvenzjonijiet.

(36) Il-kategoriji ta' reati elenkati fl-Anness D għandhom jiġu interpretati b'mod konsistenti mal-interpretazzjoni tagħhom taħt l-istrumenti legali eżistenti dwar ir-rikonoxximent reċiproku.

(37) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([1]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom sabiex jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iqisu t-trażmissjoni ta' tali dokumenti bħala waħda ġustifikata.

(38) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet meħuda biex jinkisbu provi, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri iżda jista', pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkiseb aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv.

(39) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-TUE u fil-Karta, notevolment it-Titolu VI tagħha, fid-dritt internazzjonali u ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha huma Partijiet, inkluża l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

tagħhom. Ma hemm xejn f'din id-Direttiva li jista' jiġi interpretat li jipprojbixxi ċ-ċaħda tal-eżekuzzjoni ta' OIE meta jkun hemm raġunijiet sabiex wieħed jemmen, abbażi ta' elementi objettivi, li l-OIE nħareġ bil-għan li persuna tiġi proċessata kriminalment jew punita minħabba s-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, iċ-ċittadinanza, il-lingwa jew l-opinjonijiet politiċi tagħha, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi preġudikata għal kwalunkwe waħda minn dawn ir-raġunijiet.

(40) Il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali hija dritt fundamentali. Taħt l-Artikolu 8(1) tal-Karta u l-Artikolu 16(1) tat-TFUE, kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardah.

(41) L-Istati Membri għandhom, fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jipprovdu għal politiki trasparenti fir-rigward talipproċessar tad-*data* personali u għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* għal rimedji legali għall-ħarsien tad-*data* personali tagħhom.

(42) Id-*data* personali li tinkiseb taħt din id-Direttiva għandha tiġi pproċessata biss meta jkun meħtieġ u dan għandu jkun proporzjonat għal finijiet kompatibbli mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' atti kriminali jew l-infurzar ta' sanzjonijiet kriminali u l-eżerċizzju tad-dritt ta' difiża. Persuni awtorizzati biss għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni li fiha *data* personali, li tista' tinkiseb permezz ta' proċessi ta' awtentikazzjoni.

(43) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward talispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(44) F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda firrigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(45) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(46) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ta opinjoni fil-5 ta' Ottubru 2010 ([1]), ibbażata fuq l-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

## L-ORDNI TA' INVESTIGAZZJONI EWROPEW

### *Artikolu 1*

### L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew u l-obbligu li jiġi eżegwit

1. L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew (OIE) huwa deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa jew validata minn awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ("l-Istat emittenti") sabiex waħda jew aktar miżuri investigattivi speċifiċi jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor ("l-Istat ta' eżekuzzjoni") bil-ħsieb li jinkisbu provi f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

L-OIE jista' jinħareġ ukoll biex jinkisbu provi li jkunu diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

([1]) ĠU C 355, 29.12.2010, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' tali data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

2. L-Istati Membri għandhom jeżegwixxu kwalunkwe OIE abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u f'konformità ma' din id-Direttiva.

3. Il-ħruġ ta' OIE jista' jintalab minn persuna suspettata jew akkużata, jew minn avukat f'isimha, fi ħdan il-qafas tad-drittijiet ta' difiża applikabbli f'konformità mal-proċedura kriminali nazzjonali.

4. Din id-Direttiva m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet fundamentali ul-prinċipji legali kif sanċiti fl-Artikolu 6 tat-TUE, inklużi d-drittijiet ta' difiża ta' persuni suġġetti għal proċedimenti kriminali, u kwalunkwe obbligu li jaqa' fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji f'dan ir-rigward ma għandux jiġi affettwat.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Stat emittenti" tfisser l-Istat Membru li fih jinħareġ l-OIE;

(b) "Stat ta' eżekuzzjoni" tfisser l-Istat Membru li jeżegwixxi l-OIE, li fih għandha tiġi eżegwita l-miżura investigattiva;

(c) "awtorità emittenti" tfisser:

(i) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew

(ii) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definita mill-Istat emittenti li, fil-każ speċifiku, qed taġixxi fil-kapaċità tagħha bħala awtorità ta' investigazzjoni fi proċedimenti kriminali b'kompetenza li tordna l-ġbir ta' provi f'konformità mal-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, qabel ma jintbagħat lill-awtorità ta' eżekuzzjoni, l-OIE għandu jiġi vvalidat, wara eżami tal-konformità tiegħu mal-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' OIE taħt din id-Direttiva, partikolarment il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1), minn imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat emittenti. Fejn l-OIE jkun ġie validat minn awtorità ġudizzjarja, dik l-awtorità tista' titqies ukoll bħala awtorità emittenti għall-finijiet ta' trażmissjoni tal-OIE;

(d) "awtorità ta' eżekuzzjoni" tfisser awtorità b'kompetenza li tirrikonoxxi OIE u tiżgura l-eżekuzzjoni tiegħu f'konformità ma' din id-Direttiva u l-proċeduri applikabbli f'każ domestiku simili. Dawn il-proċeduri jistgħu jkunu jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qorti fl-Istat ta' eżekuzzjoni fejn dan ikun previst mil-liġi nazzjonali tiegħu.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni tal-OIE**

L-OIE għandha tkopri kwalunkwe miżura investigattiva bl-eċċezzjoni tal-istabbiliment ta' skwadra investigattiva konġunta u l-ġbir ta' provi fi ħdan tali skwadra kif previst fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("il-Konvenzjoni") u fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI [2], minbarra għall-finijiet tal-applikazzjoni, rispettivament, tal-Artikolu 13(8) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 1(8) tad-Deċiżjoni Kwadru.

*Artikolu 4*

**Tipi ta' proċedimenti li għalihom jista' jinħareġ l-OIE**

OIE jista' jinħareġ:

(a) fir-rigward ta' proċedimenti kriminali istitwiti minn, jew li jistgħu jiġu istitwi quddiem, awtorità ġudizzjarja fir-rigward ta' reat kriminali taħt il-liġi tal-Istat emittenti;

(b) proċedimenti istitwiti minn awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' atti li huma punibbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti billi dawn ikunu jikkostitwixxu ksur tar-regoli tal-liġi u fejn id-deċiżjoni tista' twassal għal proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġuriżdizzjoni, b'mod partikolari, f'materji kriminali;

[1] Konvenzjoni, stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 197, 12.7.2000, p. 3).

[2] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar skwadri ta' investigazzjoni konġunti (ĠU L 162, 20.6.2002, p. 1).

(c) fi proċedimenti istitwiti minn awtoritajiet ġudizzjarji fir-rigward ta' atti li huma punibbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti billi dawn ikunu jikkostitwixxu ksur tal-liġi u fejn id-deċiżjoni tista' twassal għal proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġuriżdizzjoni, b'mod partikolari, f'materji kriminali; u

(d) b'rabta ma' proċedimenti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) li huma relatati ma' reati jew ksur ta' liġijiet li għalihom persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli jew tiġi punita fl-Istat emittenti.

*Artikolu 5*

**Kontenut u għamla tal-OIE**

1. L-OIE fil-forma stabbilita fl-Anness A għandu jitlesta, jiġi ffirmat, u l-kontenut tiegħu jiġi ċċertifikat bħala preċiż u korrett mill-awtorità emittenti.

L-OIE għandu, b'mod partikolari, jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) *data* dwar l-awtorità emittenti u, fejn applikabbli, l-awtorità ta' validazzjoni;

(b) is-suġġett tal-OIE u r-raġunijiet għall-OIE;

(c) l-informazzjoni meħtieġa li tkun disponibbli dwar il-persuna jew persuni kkonċernati;

(d) deskrizzjoni tal-att kriminali, li jkun l-oġġett tal-investigazzjoni jew proċedimenti, u d-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi kriminali tal-Istat emittenti;

(e) deskrizzjoni tal-miżura jew miżuri investigattivi mitluba u tal-provi li għandhom jinkisbu.

2. Kull Stat Membru għandu jindika l-lingwa jew lingwi li, fost il-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u flimkien mal-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat, jistgħu jintużaw sabiex jitlesta jew jiġi tradott l-OIE meta l-Istat Membru konċernat ikun l-Istat ta' eżekuzzjoni.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tittraduċi l-OIE stabbilit fl-Anness A għal lingwa uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew kwalunkwe lingwa oħra indikata mill-Istat ta' eżekuzzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU II

**PROĊEDURI U SALVAGWARDJI GĦALL-ISTAT EMITTENTI**

*Artikolu 6*

**Kondizzjonijiet għall-emissjoni u t-trażmissjoni ta' OIE**

1. L-awtorità emittenti tista' toħroġ OIE biss fejn tkun sodisfatta li ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-emissjoni tal-OIE tkun meħtieġa u proporzjonata għall-fini tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 4 b'kont meħud tad-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata; u

(b) il-miżura jew miżuri investigattivi indikati fl-OIE setgħu ġew ordnati taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili.

2. Il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu vvalutati mill-awtorità emittenti f'kull każ.

3. Fejn l-awtorità ta' eżekuzzjoni jkollha raġuni għalxiex temmen li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma ġewx sodisfatti, hija tista' tikkonsulta lill-awtorità emittenti dwar l-importanza li l-OIE jiġi eżegwit. Wara dik il-konsultazzjoni, l-awtorità emittenti tista' tiddeċiedi li tirtira l-OIE.

*Artikolu 7*

**Trażmissjoni tal-OIE**

1. L-OIE, li jkun tlesta f'konformità mal-Artikolu 5, għandu jintbagħat mill-awtorità emittenti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni bi kwalunkwe mezz li jista' jipproduċi rekord bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' eżekuzzjoni li jistabbilixxi l-awtentiċità.

2. Kull komunikazzjoni uffiċjali ulterjuri għandha ssir direttament bejn l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(d), kull Stat Membru jista' jinnomina awtorità ċentrali jew, fejn is-sistema legali tiegħu tkun tipprovdi għal dan, aktar minn awtorità ċentrali waħda, sabiex jassistu lill-awtoritajiet kompetenti. Stat Membru jista', jekk meħtieġ, minħabba l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja interna tiegħu, jirrendi lill-awtorità jew awtoritajiet ċentrali tiegħu responsabbli għat-trażmissjoni u r-riċezzjoni amministrattivi ta' OIE, kif ukoll għal korrispondenza uffiċjali oħra relatata ma' OIE.

4. L-awtorità emittenti tista' tittrażmetti OIE permezz tas-sistema ta' telekomunikazzjoni tan-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE), kif stabbilit mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/428/ĠAI ([1]).

5. Jekk l-identità tal-awtorità ta' eżekuzzjoni ma tkunx magħrufa, l-awtorità emittenti għandha tagħmel l-istħarriġ kollu meħtieġ, inkluż permezz tal-punti ta' kuntatt tal-NĠE, sabiex tikseb dik l-informazzjoni mill-Istat ta' eżekuzzjoni.

6. Fejn l-awtorità fl-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi l-OIE ma jkollha l-ebda kompetenza biex tirrikonoxxi l-OIE jew biex tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tiegħu, hija għandha, *ex officio*, tittrażmetti l-OIE lill-awtorità ta' eżekuzzjoni u b'hekk tinforma lill-awtorità emittenti b'dan.

7. Id-diffikultajiet kollha marbutin mat-trażmissjoni jew l-awtentiċità ta' kwalunkwe dokument meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-OIE għandhom jiġu ttrattati permezz ta' kuntatti diretti bejn l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni li jkunu involuti, jew, fejn ikun il-każ, bl-involviment tal-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri.

*Artikolu 8*

**OIE relatat ma' OIE preċedenti**

1. Fejn awtorità emittenti toħroġ OIE li jissupplimenta OIE preċedenti, hija għandha tindika dan il-fatt fl-OIE fit-Taqsima D tal-formola stabbilita fl-Anness A.

2. Jekk l-awtorità emittenti tgħin fl-eżekuzzjoni tal-OIE fl-Istat ta' eżekuzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 9(4), hija tista', mingħajr preġudizzju għan-notifiki magħmula taħt l-Artikolu 33(1)(c), tindirizza OIE li jissupplimenta OIE preċedenti direttament lill-awtorità ta' eżekuzzjoni, waqt li tkun preżenti f'dak l-Istat.

3. L-OIE li jissupplimenta OIE preċedenti għandu jikkonforma mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) u, fejn ikun applikabbli, jiġi validat f'konformità mal-Artikolu 2(c).

KAPITOLU III

**PROĊEDURI U SALVAGWARDJI GĦALL-ISTAT TA' EŻEKUZZJONI**

*Artikolu 9*

**Rikonoxximent u eżekuzzjoni**

1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi OIE, mibgħut f'konformità ma' din id-Direttiva, mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe formalità ulterjuri, u tiżgura l-eżekuzzjoni tiegħu bl-istess mod u taħt l-istess modalitajiet bħallikieku l-miżura investigattiva konċernata ġiet ordnata minn awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni, sakemm dik l-awtorità ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni jew waħda mir-raġunijiet għal posponiment previsti f'din id-Direttiva.

([1]) Azzjoni Konġunta 98/428/ĠAI tad-29 ta' Ġunju 1998 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Network Ġudizzjarju Ewropew (ĠU L 191, 7.7.1998, p. 4).

2. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtorità emittenti sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva u sakemm dawn il-formalitajiet u proċeduri ma jmorrux kontra l-prinċipji fundamentali ta' dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

3. Fejn awtorità ta' eżekuzzjoni tirċievi OIE li ma jkunx inħareġ minn awtorità emittenti kif speċifikat fl-Artikolu 2(c), l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tibgħat lura l-OIE lill-Istat emittenti.

4. L-awtorità emittenti tista' titlob li awtorità waħda jew aktar awtoritajiet tal-Istat emittenti jagħtu assistenza fl-eżekuzzjoni tal-OIE b'appoġġ għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni sa fejn l-awtoritajiet maħtura tal-Istat emittenti jkunu kapaċi jagħtu assistenza fl-eżekuzzjoni tal-miżuri investigattivi indikati fl-OIE f'każ domestiku simili. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonforma ma' din it-talba sakemm tali assistenza ma tmurx kontra l-prinċipji fundamentali ta' dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew ma tkunx ta' ħsara għall-interessi essenzjali ta' sigurtà nazzjonali tiegħu.

5. L-awtoritajiet tal-Istat emittenti preżenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandhom ikunu marbuta bil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni matul l-eżekuzzjoni tal-OIE. Huma ma jkollhom ebda setgħa ta' infurzar tal-liġi fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni, ħlief jekk l-eżekuzzjoni ta' tali setgħa fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni tkun f'konformità mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni u sa fejn ikun miftiehem bejn l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni.

6. L-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni jistgħu jikkonsultaw lil xulxin, bi kwalunkwe mezz adatt, bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-applikazzjoni effiċjenti ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 10*

**Rikors għal tip differenti ta' miżura investigattiva**

1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandu jkollha, fejn possibbli, rikors għal miżura investigattiva differenti minn dik prevista fl-OIE fejn:

(a) il-miżura investigattiva indikata fl-OIE ma tkunx teżisti taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni; jew

(b) il-miżura investigattiva indikata fl-OIE ma tkunx disponibbli f'każ domestiku simili.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, il-paragrafu 1 ma japplikax għall-miżuri investigattivi li ġejjin, li dejjem għandhom ikunu disponibbli taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni:

(a) il-ksib ta' informazzjoni jew provi li jkunu diġà fil-pussess tal-awtorità ta' eżekuzzjoni u l-informazzjoni jew il-provi jistgħu jkunu nkisbu, f'konformità mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, fil-qafas ta' proċedimenti kriminali domestiċi simili jew għall-finijiet tal-OIE;

(b) il-ksib ta' informazzjoni li tinsab fil-bażijiet ta' *data* miżmuma mill-pulizija jew l-awtoritajiet ġudizzjarji u li tkun aċċessibbli direttament mill-awtorità ta' eżekuzzjoni fil-qafas ta' proċedimenti kriminali;

(c) is-smigħ ta' xhud, espert, vittma, persuna suspettata jew akkużata jew parti terza fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni;

(d) kwalunkwe miżura investigattiva mhux koerċitiva kif definita taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni;

(e) l-identifikazzjoni ta' persuni li jkollhom abbonament ta' numru tat-telefown speċifiku jew indirizz IP speċifiku.

3. L-awtorità ta' eżekuzzjoni jista' jkollha wkoll rikors għal miżura investigattiva għajr dik indikata fl-OIE fejn il-miżura investigattiva magħżula mill-awtorità ta' eżekuzzjoni jkollha l-istess riżultat permezz ta' mezzi inqas intrużivi mill-miżura indikata fl-OIE.

4. Meta l-awtorità ta' eżekuzzjoni tiddeċiedi li tagħmel użu mill-possibbiltà msemmija fil- paragrafi 1 u 3, hija għandha l-ewwelnett tinforma lill-awtorità emittenti, li tista' tiddeċiedi li tirtira jew tissupplimenta l-OIE.

5. Fejn, kif previst fil-paragrafu 1, il-miżura investigattiva indikata fl-OIE ma teżistix taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew ma tkunx disponibbli f'każ domestiku simili u fejn ma jkun hemm l-ebda miżura investigattiva oħra li jkollha l-istess riżultat bħall-miżura investigattiva mitluba, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tinnotifika lill-awtorità emittenti li ma kienx possibbli li tiġi pprovduta l-għajnuna mitluba.

*Artikolu 11*

**Raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(4), ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' OIE jistgħu jiġu rifjutati fl-Istat ta' eżekuzzjoni fejn:

(a) ikun hemm immunità jew privileġġ taħt il-liġi tal-Istat emittenti li jagħmlu impossibbli l-eżekuzzjoni tal-OIE jew ikun hemm regoli dwar id-determinazzjoni u l-limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'mezzi oħrajn tax-xandir, li jagħmlu impossibbli l-eżekuzzjoni tal-OIE;

(b) f'xi każ speċifiku l-eżekuzzjoni tal-OIE tkun ta' dannu għall-interessi essenzjali ta' sigurtà nazzjonali, tipperikola s-sors tal-informazzjoni jew tinvolvi l-użu ta' informazzjoni klassifikata relatata ma' attivitajiet speċifiċi ta' intelligence;

(c) l-OIE jkun inħareġ fi proċedimenti msemmija fl-Artikolu 4(b) u (c) u l-miżura investigattiva ma tkunx awtorizzata taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'każ domestiku simili;

(d) l-eżekuzzjoni tal-OIE tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*;

(e) l-OIE jkun relatat ma' reat kriminali li allegatament ikun sar barra t-territorju tal-Istat emittenti u kollu kemm hu jew parzjalment fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni, u l-għemil li fir-rigward tiegħu jkun inħareġ l-OIE ma jkunx reat fl-Istat ta' eżekuzzjoni;

(f) ikun hemm raġunijiet sostantivi għalxiex jitwemmen li l-eżekuzzjoni ta' miżura investigattiva indikata fl-OIE tkun inkompatibbli mal-obbligi tal-Istat ta' eżekuzzjoni taħt l-Artikolu 6 tat-TUE u l-Karta;

(g) l-għemil li fir-rigward tiegħu jkun inħareġ l-OIE ma jikkostitwixxix reat taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, sakemm ma jikkonċernax reat elenkat fost il-kategoriji ta' reati mogħtija fl-Anness D, kif indikat mill-awtorità emittenti fl-OIE, jekk ikun punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-anqas tliet snin; jew

(h) l-użu tal-miżura investigattiva indikata fl-OIE jkun ristrett taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni għal lista jew kategorija ta' reati jew għal reati punibbli minn ċertu limitu minimu, li ma jinkludix ir-reat kopert mill-OIE.

2. Il-paragrafi 1(g) u 1(h) ma japplikawx għal miżuri investigattivi msemmijin fl-Artikolu 10(2).

3. Fejn l-OIE jikkonċerna reat konness ma' taxxi jew dazji, dwana u kambju, l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma għandhiex tirrifjuta r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni għar-raġuni li l-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma timponix l-istess tip ta' taxxa jew dazju jew m'għandhiex regolament dwar taxxa, dazju, dwana u kambju tal-istess tip bħal-liġi tal-Istat emittenti.

4. Fil-każijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (d), (e) u (f) tal-paragrafu 1 qabel ma jiġi deċiż li OIE ma jiġix rikonoxxut jew eżegwit, kompletament jew parzjalment, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta lill-awtorità emittenti, bi kwalunkwe mezz adatt, u għandha, fejn ikun il-każ, titlob biex l-awtorità emittenti tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.

5. Fil-każ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1(a) u fejn is-setgħa li ta' rinunzja għall-privileġġ jew l-immunità tkun tal-awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha titolbu li teżerċita dik is-setgħa minnufih. Fejn tkun awtorità ta' Stat ieħor jew organizzazzjoni internazzjonali li jkollha s-setgħa li tirrinunzja għall-privileġġ jew l-immunità, għandha tkun l-awtorità emittenti li titlob lill-awtorità konċernata biex din teżerċita dik is-setgħa.

*Artikolu 12*

**Skadenzi għar-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni**

1. Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni għandha tittieħed, u l-miżura investigattiva għandha tiġi eżegwita, bl-istess rapidità u prijorità bħal f'każ domestiku simili u, fi kwalunkwe każ, fl-iskadenzi previsti f'dan l-Artikolu.

2. Fejn awtorità emittenti tkun indikat fl-OIE li, minħabba skadenzi proċedurali, jew il-gravità tar-reat jew ċirkostanzi oħrajn partikolarment urġenti, tkun meħtieġa skadenza iqsar minn dawk previsti f'dan l-Artikolu, jew jekk l-awtorità emittenti tkun indikat fl-OIE li l-miżura investigattiva għandha tiġi eżegwita f'data speċifika, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha kemm jista' jkun tieħu kont sħiħ ta' dan ir-rekwiżit.

3. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tal-OIE malajr kemm jista' jkun u, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, mhux iktar tard minn 30 jum wara r-riċezzjoni tal-OIE mill-awtorità kompetenti ta' eżekuzzjoni.

4. Sakemm ma jeżistux raġunijiet għal posponiment taħt l-Artikolu 15 jew il-provi msemmija fil-miżura investigattiva koperta mill-OIE ma jkunux diġà fil-pussess tal-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha teżegwixxi l-miżura investigattiva mingħajr dewmien u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, mhux aktar tard minn 90 jum wara li tittieħed id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3.

5. Jekk ma jkunx prattikabbli f'każ speċifiku għall-awtorità kompetenti ta' eżekuzzjoni li tikkonforma mal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 3 jew li tissodisfa d-data speċifika stabbilita fil-paragrafu 2, hija għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bi kwalunkwe mezz, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u stima taż-żmien meħtieġ għat-teħid tad-deċiżjoni. F'tali każ, l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 3 tista' tiġi estiża b'massimu ta' 30 jum.

6. Jekk ma jkunx prattikabbli f'każ speċifiku għall-awtorità kompetenti ta' eżekuzzjoni li tikkonforma mal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 4, hija għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bi kwalunkwe mezz, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u għandha tikkonsulta l-awtorità emittenti dwar l-aħjar mument biex teżegwixxi l-miżura investigattiva.

*Artikolu 13*

**Trasferiment ta' provi**

1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tittrasferixxi l-provi miksuba jew li jkunu diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni bħala riżultat tal-eżekuzzjoni tal-OIE lill-Istat emittenti.

Fejn jintalbu fl-OIE u jekk ikun possibbli taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, il-provi għandhom ikunu trasferiti immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti li jkunu qegħdin jassistu fl-eżekuzzjoni tal-OIE f'konformità mal-Artikolu 9(4).

2. It-trasferiment tal-provi jista' jiġi sospiż, sa meta toħroġ id-deċiżjoni rigward rimedju legali, sakemm ma jkunux indikati raġunijiet suffiċjenti fl-OIE li jkun essenzjali trasferiment immedjat għat-tmexxija korretta tal-investigazzjonijiet tagħha jew għall-preservazzjoni tad-drittijiet individwali. Madankollu, it-trasferiment tal-provi għandu jiġi sospiż jekk ikun ser jikkawża dannu serju u irriversibbli lill-persuna kkonċernata.

3. Meta tittrasferixxi l-provi miksuba, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tindika jekk tkunx teħtieġ li l-provi jintraddu lura lill-Istat ta' eżekuzzjoni hekk kif ma jibqgħux meħtieġa fl-Istat emittenti.

4. Fejn l-oġġetti, id-dokumenti, jew id-*data* kkonċernata jkunu wkoll rilevanti għal proċedimenti oħrajn, l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista', fuq it-talba espliċita ta', u wara konsultazzjoni ma' l-awtorità emittenti, tittrasferixxi dawk il-provi temporanjament bil-kondizzjoni li jintraddu lill-Istat ta' eżekuzzjoni hekk kif ma jibqgħux meħtieġa fl-Istat emittenti jew fi kwalunkwe żmien jew okkażjoni oħra maqbula bejn l-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 14*

**Rimedji legali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li rimedji legali ekwivalenti għal dawk disponibbli f'każ domestiku simili jkunu applikabbli għall-miżuri investigattivi indikati fl-OIE.

2. Ir-raġunijiet sostantivi għall-ħruġ tal-OIE jistgħu jiġu kkontestati biss f'rikors fl-Istat emittenti, mingħajr preġudizzju għall-garanziji tad-drittijiet fundamentali fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

3. Fejn dan ma jimminax il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni, taħt l-Artikolu 19(1), l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex jiżguraw li tkun ipprovduta informazzjoni dwar il-possibbiltajiet disponibbli taħt il-liġi nazzjonali għal tfittxija tar-rimedji legali meta dawn isiru applikabbli u fiż-żmien tajjeb biex jippermetti l-eżerċizzju effettiv tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskadenzi għat-tfittxija ta' rimedju legali jkunu l-istess bħal dawk previsti f'kawżi domestiċi simili u li jiġu applikati b'mod li jiggarantixxi l-possibbiltà tal-eżerċizzju effettiv ta' dawn ir-rimedji legali għal-partijiet konċernati.

5. L-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar ir-rimedji legali mitluba kontra l-ħruġ, ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' OIE.

6. Kontestazzjoni legali ma għandhiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-miżura investigattiva, ħlief jekk ikollha dak l-effett f'kawżi domestiċi simili.

7. L-Istat emittenti għandu jieħu kont ta' kontestazzjoni li jkollha suċċess kontra r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' OIE skont il-liġi nazzjonali. Mingħajr preġudizzju għar-regoli proċedurali nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi proċedimenti kriminali fl-Istat emittenti jkunu rispettati d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal proċedimenti ġusti meta ssir il-valutazzjoni tal-provi miksuba permezz tal-OIE.

*Artikolu 15*

**Raġunijiet għall-posponiment ta' rikonoxximent jew eżekuzzjoni**

1. Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tal-OIE jistgħu jiġu posposti fl-Istat ta' eżekuzzjoni meta:

(a) l-eżekuzzjoni tiegħu tista' tippreġudika investigazzjoni kriminali kurrenti jew prosekuzzjoni kurrenti, sa meta l-Istat ta' eżekuzzjoni jikkunsidra li jkun raġonevoli;

(b) l-oġġetti, id-dokumenti jew id-*data* kkonċernati jkunu diġà qegħdin jintużaw fi proċedimenti oħrajn, sa meta dawn ma jkunux aktar meħtieġa għal dik il-fini.

2. Hekk kif ir-raġuni għal posponiment ma tibqax teżisti, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-OIE u tinforma lill-awtorità emittenti bi kwalunkwe mezz li jista' jipproduċi rekord bil-miktub.

*Artikolu 16*

**Obbligu li tingħata informazzjoni**

1. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi l-OIE għandha, mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimgħa mir-riċezzjoni tal-OIE, tirrikonoxxi r-riċezzjoni tal-OIE billi timla u tibgħat il-formola stabbilita fl-Anness B.

Fejn awtorità ċentrali tkun ġiet maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(3), dak l-obbligu għandu japplika kemm għall-awtorità ċentrali kif ukoll għall-awtorità ta' eżekuzzjoni li tirċievi l-OIE mill-awtorità ċentrali.

Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 7(6), dak l-obbligu għandu japplika kemm għall-awtorità kompetenti li inizjalment tkun irċeviet l-OIE kif ukoll għall-awtorità ta' eżekuzzjoni li finalment lilha jkun intbagħat l-OIE.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4) u (5), l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tinforma lill-awtorità emittenti immedjatament bi kwalunkwe mezz:

(a) jekk ikun impossibbli għall-awtorità ta' eżekuzzjoni li tieħu deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni minħabba l-fatt li l-formola prevista fl-Anness A ma tkunx kompluta jew tkun manifestament skorretta;

(b) jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni, matul l-eżekuzzjoni tal-OIE, tikkunsidra mingħajr stħarriġ ulterjuri li jista' jkun il-każ li jiġu eżegwiti miżuri investigattivi li ma kinux previsti inizjalment, jew li ma setgħux jiġu speċifikati meta nħareġ l-OIE, sabiex l-awtorità emittenti tkun tista' tieħu azzjoni ulterjuri fil-każ speċifiku; jew

(c) jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni tistabbilixxi li, fil-każ speċifiku, hija ma tistax tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri espressament indikati mill-awtorità emittenti skont l-Artikolu 9.

Fuq talba tal-awtorità emittenti, l-informazzjoni għandha tiġi kkonfermata, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe mezz li jista' jipproduċi rekord bil-miktub.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(4) u (5), l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tinforma lill-awtorità emittenti mingħajr dewmien bi kwalunkwe mezz li jista' jipproduċi rekord bil-miktub:

(a) bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda taħt l-Artikoli 10 jew 11;

(b) bi kwalunkwe deċiżjoni ta' posponiment tal-eżekuzzjoni jew rikonoxximent tal-OIE, ir-raġunijiet għall-posponiment u, jekk ikun possibbli, kemm ikun mistenni jdum il-posponiment.

*Artikolu 17*

**Responsabbiltà kriminali rigward l-uffiċjali**

Meta jkunu preżenti fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni fil-qafas tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-uffiċjali mill-Istat emittenti għandhom jitqiesu bħala uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni fir-rigward ta' reati li jsiru kontrihom jew minnhom.

*Artikolu 18*

**Responsabbiltà ċivili rigward l-uffiċjali**

1. Fejn, fil-qafas tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-uffiċjali ta' Stat Membru jkunu preżenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, l-ewwel Stat Membru għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-uffiċjali tiegħu matul l-operazzjonijiet tagħhom, f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu qed joperaw.

2. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet ikkawżata l-ħsara msemmija fil-paragrafu 1 għandu jagħmel tajjeb għal din il-ħsara taħt il-kondizzjonijiet applikabbli għal ħsara kkawżata mill-uffiċjali tiegħu stess.

3. L-Istat Membru li l-uffiċjali tiegħu jkunu kkawżaw ħsara lil kwalunkwe persuna fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandu jrodd lura bis-sħiħ kwalunkwe somma lill-Istat Membru tal-aħħar ħallas lill-vittmi jew lill-persuni intitolati f'isimhom.

4. Mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu vis-à-vis partijiet terzi u bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 3, kull Stat Membru għandu jiddesisti, fil-każijiet previsti fil-paragrafu 1, milli jitlob radd lura tal-ħsara li jkun ġarrab minn Stat Membru ieħor.

*Artikolu 19*

**Kunfidenzjalità**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li fl-eżekuzzjoni tal-OIE l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni jieħdu kont dovut tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni.

2. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, tiggarantixxi l-kunfidenzjalità tal-fatti u s-sustanza tal-OIE, bl-eċċezzjoni ta' dak li jkun meħtieġ biex teżegwixxi l-miżura investigattiva. Jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma tkunx tista' tikkonforma mar-rekwiżit ta' kunfidenzjalità, hija għandha tinnotifika lill-awtorità emittenti mingħajr dewmien.

3. L-awtorità emittenti m'għandiex, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha u dment li ma jkunx indikat mod ieħor mill-awtorità ta' eżekuzzjoni, ma għandhiex tiżvela kwalunkwe prova jew informazzjoni pprovduta mill-awtorità ta' eżekuzzjoni, b'eċċezzjoni fejn dak l-iżvelar jkun meħtieġ għall-investigazzjonijiet jew il-proċedimenti deskritti fl-OIE.

4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-banek ma jiżvelawx lill-klijent bankarju konċernat jew lil terzi persuni oħrajn li tkun ġiet trażmessa informazzjoni lill-Istat emittenti f'konformità mal-Artikoli 26 u 27 jew li tkun qiegħda ssir investigazzjoni.

*Artikolu 20*

## ***Protezzjoni ta'* data *personali***

Meta jimplimentaw din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* personali tkun protetta u li tista' tiġi pproċessata biss skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI ([1]) u l-prinċipji tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 għall-ħarsien tal-Individwi fir-rigward tal Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali u l-Protokoll Addizzjonali tagħha.

L-aċċess għal tali *data* għandu jiġi ristrett, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*. Persuni awtorizzati biss jista' jkollhom aċċess għal tali *data*.

*Artikolu 21*

## **Spejjeż**

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Direttiva, l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jassumi l-ispejjeż kollha mġarrba fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni li jkunu relatati mal-eżekuzzjoni ta' OIE.

2. Fejn l-awtorità ta' eżekuzzjoni tqis li l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni ta' OIE jistgħu jitqiesu eċċezzjonalment għolja, hija tista' tikkonsulta l-awtorità emittenti dwar jekk l-ispejjeż għandhomx jinqasmu, u kif, jew l-OIE għandux jiġi modifikat, u kif.

L-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jinforma lill-awtorità emittenti minn qabel bl-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tal-parti tal-ispejjeż meqjusa eċċezzjonalment għolja.

3. F'sitwazzjonijiet eċċezzjonali fejn ma jistax jintlaħaq qbil fir-rigward tal-ispejjeż imsemmijin fil-paragrafu 2, l-awtorità emittenti tista' tiddeċiedi li:

(a) tirtira l-OIE kompletament jew parzjalment; jew

(b) iżżomm l-OIE, u tassumi l-parti tal-ispejjeż meqjusa eċċezzjonalment għolja.

KAPITOLU IV

## **DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL ĊERTI MIŻURI INVESTIGATTIVI**

*Artikolu 22*

## **Trasferiment temporanju lejn l-Istat emittenti ta' persuni miżmuma f'kustodja għall-fini li tiġi eżegwita miżura investigattiva**

1. OIE jista' jinħareġ għat-trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja fl-Istat ta' eżekuzzjoni għall-fini li tiġi eżegwita miżura investigattiva biex jinġabru provi li għalihom tkun meħtieġa l-preżenza ta' dik il-persuna fit-territorju tal-Istat emittenti, sakemm hija terġa' tintbagħat lura fi żmien il-perijodu stipulat mill-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. Flimkien mar-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni li huma msemmija fl-Artikolu 11, l-eżekuzzjoni ta' OIE tista' wkoll tiġi rifjutata jekk:

(a) il-persuna miżmuma f'kustodja ma tagħtix kunsens; jew

(b) it-trasferiment jista' jtawwal id-detenzjoni tal-persuna miżmuma f'kustodja.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 (a), fejn l-Istat ta' eżekuzzjoni jqis li hekk ikun meħtieġ minħabba l-età jew il-kundizzjoni fiżika jew mentali tal-persuna, l-opportunità ta' stqarrija tal-opinjoni dwar it-trasferiment temporanju għandha tingħata lir-rappreżentant legali tal-persuna miżmuma f'kustodja.

([1]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60).

4. F'każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, it-transitu tal-persuna miżmuma f'kustodja mit-territorju ta' Stat Membru terz ("l-Istat Membru ta' transitu") għandu jingħata b'applikazzjoni, flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa.

5. L-arranġamenti prattiċi rigward it-trasferiment temporanju tal-persuna inklużi d-dettalji tal-kondizzjonijiet tal-kustodja tagħha fl-Istat emittenti, u d-dati sa meta għandha tiġi trasferita minn u rritornata fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandhom jiġu maqbula bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li titqies il-kondizzjoni fiżika u mentali tal-persuna konċernata, kif ukoll il-livell ta' sigurtà meħtieġ fl-Istat emittenti.

6. Il-persuna trasferita għandha tibqa' miżmuma f'kustodja fit-territorju tal-Istat emittenti u, fejn applikabbli, fit-territorju tal-Istat Membru ta' transitu, għall-atti jew il-kundanni li għalihom tkun inżammet f'kustodja fl-Istat ta' eżekuzzjoni, dment li l-Istat ta' eżekuzzjoni ma japplikax għar-rilaxx tagħha.

7. Il-perijodu ta' kustodja fit-territorju tal-Istat emittenti għandu jitnaqqas mill-perijodu ta' detenzjoni li l-persuna kkonċernata hija jew ser tkun obbligata tagħmel fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

8. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, persuna trasferita m'għandhiex tiġi suġġetta għal prosekuzzjoni jew tinżamm f'detenzjoni jew tiġi suġġetta għal kwalunkwe restrizzjoni oħra fuq il-libertà personali tagħha fl-Istat emittenti għal atti li saru jew għal kundanni li ngħataw qabel it-tluq tagħha mit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni u li ma jkunux speċifikati fl-OIE.

9. L-immunità msemmija fil-paragrafu 8 ma għandhiex tibqa' teżisti jekk il-persuna trasferita, wara li kellha l-opportunità li titlaq għal perijodu ta' 15-il jum konsekuttiv mid-data meta l-preżenza tagħha ma tkunx għadha meħtieġa mill-awtoritajiet emittenti:

(a) madankollu tkun baqgħet fit-territorju; jew

(b) wara li tkun telqet minnu, tkun reġgħet lura.

10. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu f'konformità mal-Artikolu 21, ħlief għall-ispejjeż li jirriżultaw mit-trasferiment tal-persuna lejn l-Istat emittenti u lura, li għandhom jitħallsu minn dak l-Istat.

*Artikolu 23*

**Trasferiment temporanju lill-Istat ta' eżekuzzjoni ta' persuni miżmuma f'kustodja għall-fini li tiġi eżegwita miżura investigattiva**

1. OIE jista' jinħareġ għat-trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja fl-Istat emittenti għall-fini li tiġi eżegwita miżura investigattiva bil-ħsieb li jinġabru provi li għaliha tkun meħtieġa l-preżenza tagħha fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. Il-paragrafu 2(a) u l-paragrafi 3 sa 9 tal-Artikolu 22 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe trasferiment temporanju taħt dan l-Artikolu.

3. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu f'konformità mal-Artikolu 21, ħlief għall-ispejjeż li jirriżultaw mit-trasferiment tal-persuna konċernata lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni u lura, li għandhom jitħallsu mill-Istat emittenti.

*Artikolu 24*

**Smigħ b'vidjokonferenza jew bi trażmissjoni awdjoviżiva oħra**

1. Fejn persuna tkun fit-territorju ta' Stat ta' eżekuzzjoni u jkun meħtieġ li din tinstema' bħala xhieda jew esperta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti, l-awtorità emittenti tista' toħroġ OIE biex ix-xhieda jew l-esperta tinstema' b'vidjokonferenza jew bi trażmissjoni awdjoviżiva oħra f'konformità mal-paragrafi 5 sa 7.

L-awtorità emittenti tista' wkoll toħroġ OIE għall-fini li persuna suspettata jew akkużata tinstema' b'vidjokonferenza jew bi trażmissjoni awdjoviżiva oħra.

2. Flimkien mar-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni li huma msemmija fl-Artikolu 11, l-eżekuzzjoni ta' OIE tista' wkoll tiġi rifjutata jekk:

(a) il-persuna suspettata jew akkużata ma tagħtix kunsens; jew

(b) l-eżekuzzjoni ta' tali miżura investigattiva f'każ partikolari tmur kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

3. L-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandhom jaqblu dwar l-arranġamenti prattiċi. Meta jsir qbil dwar dawn l-arranġamenti, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha timpenja ruħha li:

(a) issejjaħ lix-xhud jew lill-espert ikkonċernat biex jidher fil-ħin u l-post tas-smigħ jew;

(b) issejjaħ lill-persuni suspettati jew akkużati biex jidhru għas-smigħ f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti fil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni u tinforma lil dawn il-persuni dwar id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi tal-Istat emittenti, fi żmien xieraq li jippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom b'mod effettiv;

(c) tiżgura l-identifikazzjoni tal-persuna li għandha tinstema'.

4. Jekk f'ċirkostanzi ta' każ partikolari l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma jkollha ebda aċċess għal mezzi tekniċi għal smigħ li jsir permezz ta' vidjokonferenza, l-Istat emittenti jista' jagħmel disponibbli għaliha dawn il-mezzi permezz ta' ftehim reċiproku.

5. Fejn isir smigħ b'vidjokonferenza jew bi trażmissjoni awdjoviżiva oħra, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tkun preżenti matul is-smigħ, fejn meħtieġ assistita minn interpretu, u għandha wkoll tkun responsabbli biex tiżgura kemm l-identifikazzjoni tal-persuna li għandha tinstema' kif ukoll ir-rispett għall-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

   Jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni tkun tal-fehma li matul is-smigħ il-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni jkunu qegħdin jiġu miksura, hija għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li s-smigħ ikompli f'konformità ma' dawk il-prinċipji;

(b) fejn meħtieġ, għandu jkun hemm qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u dawk tal-Istat ta' eżekuzzjoni dwar il-miżuri għall-protezzjoni tal-persuna li għandha tinstema';

(c) is-smigħ għandu jitmexxa direttament mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, jew taħt id-direzzjoni tagħha, f'konformità mal-liġijiet proprji tiegħu;

(d) fuq it-talba tal-Istat emittenti jew tal-persuna li għandha tinstema', l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jiżgura li l-persuna li għandha tinstema' tkun assistita minn interpretu, jekk meħtieġ;

(e) il-persuni suspettati jew akkużati għandhom jiġu mgħarrfa qabel is-smigħ dwar id-drittijiet proċedurali li jgawdu, inkluż id-dritt li ma jixhdux taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni u tal-Istat emittenti. Ix-xhieda u l-esperti jistgħu jitolbu d-dritt li ma jixhdux li huma jkunu jgawdu taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew dak emittenti u għandhom jiġu mgħarrfa dwar dan id-dritt qabel is-smigħ.

6. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura maqbula għall-protezzjoni tal-persuni, meta s-smigħ ikun ġie konkluż, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tfassal il-minuti li fihom tindika d-data u l-post tas-smigħ, l-identità tal-persuna mismugħa, l-identitajiet u l-funzjonijiet tal-persuni l-oħrajn kollha fl-Istat ta' eżekuzzjoni li jipparteċipaw fis-smigħ, kwalunkwe ġurament li jkun ittieħed u l-kondizzjonijiet tekniċi li taħthom ikun sar is-smigħ. Id-dokument għandu jintbagħat mill-awtorità ta' eżekuzzjoni lill-awtorità emittenti.

7. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li, fejn il-persuna tkun qed tinstema' fit-territorju tagħha f'konformità ma' dan l-Artikolu u tirrifjuta li tixhed meta tkun taħt obbligu li tixhed jew ma tixhidx il-verità, il-liġi nazzjonali tagħha tapplika bl-istess mod bħallikieku s-smigħ sar fi proċedura nazzjonali.

*Artikolu 25*

**Smigħ b'konferenza telefonika**

1. Jekk persuna tkun fit-territorju ta' Stat Membru u jkollha tinstema' bħala xhieda jew esperta mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, l-awtorità emittenti tal-Istat Membru tal-aħħar tista', fejn ma jkunx xieraq jew possibbli għall-persuna li għandha tinstema' li tidher fiżikament fit-territorju tiegħu, u wara li jkunu ġew eżaminati mezzi oħra adatti, toħroġ OIE sabiex tinstema' x-xhieda jew l-espert permezz ta' konferenza telefonika kif previst fil-paragrafu 2.

2. Sakemm ma jsirx qbil mod ieħor, l-Artikolu 24(3), (5), (6) u (7) għandu japplika *mutatis mutandis* għal smigħ b'konferenza telefonika.

*Artikolu 26*

**Informazzjoni dwar kontijiet bankarji u finanzjarji oħra**

1. OIE jista' jinħareġ biex jiġi determinat jekk kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika suġġetta għall-proċedimenti kriminali konċernati żżommx jew tikkontrollax kont wieħed jew aktar, irrispettivament min-natura tiegħu, fi kwalunkwe bank li jinstab fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni, u jekk dan ikun il-każ, biex jinkisbu d-dettalji kollha tal-kontijiet identifikati.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa li jkunu jippermettuh jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha wkoll, jekk tintalab fl-OIE, tinkludi l-kontijiet li għalihom il-persuna suġġetta għall-proċedimenti kriminali konċernati jkollha prokura.

4. L-obbligu stabbilit f'dan l-Artikolu għandu japplika biss safejn l-informazzjoni tkun fil-pussess tal-bank li jkun qiegħed iżomm il-kont.

5. Fl-OIE l-awtorità emittenti għandha tindika r-raġunijiet għaliex tqis li l-informazzjoni mitluba x'aktarx li hi ta' valur sostanzjali għall-fini tal-proċedimenti kriminali konċernati u għal liema raġunijiet hija tippreżumi li l-banek fl-Istat ta' eżekuzzjoni jżommu l-kont u, safejn ikun disponibbli, liema banek jistgħu jkunu involuti. Fl-OIE hija għandha tinkludi wkoll kwalunkwe informazzjoni disponibbli li tista' tiffaċilita l-eżekuzzjoni tiegħu.

6. OIE jista' jinħareġ ukoll biex jiġi determinat jekk il-persuna fiżika jew ġuridika suġġetta għall-proċedimenti kriminali konċernati għandhiex kont wieħed jew aktar, fi kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja mhux bankarja li tinsab fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Il-paragrafi 3 sa 5 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. F'tali każ u flimkien mar-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni li huma msemmija fl-Artikolu 11, l-eżekuzzjoni tal-OIE tista' wkoll tiġi rifjutata jekk l-eżekuzzjoni tal-miżura investigattiva ma tkunx awtorizzata f'każ domestiku simili.

*Artikolu 27*

**Informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji u finanzjarji oħra**

1. OIE jista' jinħareġ sabiex jinkisbu d-dettalji ta' kontijiet bankarji speċifikati u ta' operazzjonijiet bankarji li jkunu saru matul perijodu definit permezz ta' kont wieħed jew aktar speċifikati fih, inklużi d-dettalji ta' kwalunkwe kont ta' trażmissjoni jew ta' riċezzjoni ta' flus.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex ikun jista' jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

3. L-obbligu stabbilit f'dan l-Artikolu għandu japplika biss safejn l-informazzjoni tkun fil-pussess tal-bank li fih jinżamm il-kont.

4. Fl-OIE l-awtorità emittenti għandha tindika r-raġunijiet għaliex tikkunsidra l-informazzjoni mitluba rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali konċernati.

5. OIE jista' jinħareġ ukoll fir-rigward tal-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1 b'referenza għal operazzjonijiet finanzjarji li jkunu saru minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji. Il-paragrafi 3 sa 4 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. F'tali każ u flimkien mar-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni li huma msemmija fl-Artikolu 11, l-eżekuzzjoni tal-OIE tista' wkoll tiġi rifjutata fejn l-eżekuzzjoni tal-miżura ma tkunx awtorizzata f'każ domestiku simili.

*Artikolu 28*

**Miżuri investigattivi li jimplikaw il-ġbir ta' provi fi żmien reali, kontinwament u matul ċertu perijodu ta' żmien**

1. Meta l-OIE jinħareġ għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' miżura investigattiva li tkun teħtieġ il-ġbir ta' provi fi żmien reali, kontinwament u matul ċertu perijodu ta' żmien, bħal dawn li ġejjin:

(a) il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet bankarji jew finanzjarji oħrajn li jkunu qed isiru permezz ta' kont speċifikat jew aktar;

(b) il-konsenji kkontrollati fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

l-eżekuzzjoni tagħha tista' tiġi rifjutata, flimkien mar-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni li huma msemmija fl-Artikolu 11, jekk l-eżekuzzjoni tal-miżura investigattiva konċernata ma tiġix awtorizzata f'każ domestiku simili.

2. L-arranġamenti prattiċi rigward il-miżura msemmija fil-paragrafu 1(b) u kull fejn ikun meħtieġ għandhom jinqablu bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni.

3. L-awtorità emittenti għandha tindika fl-OIE għaliex tikkunsidra l-informazzjoni mitluba rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali konċernati.

4. Id-dritt ta' azzjoni, ta' direzzjoni u ta' kontroll tal-operazzjonijiet relatati mal-eżekuzzjoni tal-OIE kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

*Artikolu 29*

**Investigazzjonijiet sigrieti**

1. OIE jista' jinħareġ biex l-Istat ta' eżekuzzjoni jintalab jassisti lill-Istat emittenti fit-tmexxija ta' investigazzjonijiet ta' kriminalità minn uffiċjali li jaġixxu taħt identità sigrieta jew falza ("investigazzjonijiet sigrieti").

2. L-awtorità emittenti għandha tindika fl-OIE għaliex tikkonsidra li l-investigazzjoni sigrieta x'aktarx tkun rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali konċernati. Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' OIE maħruġ taħt dan l-Artikolu għandha tittieħed f'kull każ individwali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni b'attenzjoni dovuta għal-liġi nazzjonali u l-proċeduri tiegħu.

3. Flimkien mar-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni li huma msemmija fl-Artikolu 11, l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li tesegwixxi OIE kif imsemmi fil-paragrafu 1 fejn:

(a) l-eżekuzzjoni tal-investigazzjoni sigrieta ma tkunx awtorizzata f'każ domestiku simili; jew

(b) ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil dwar l-arranġamenti għall-investigazzjonijiet sigrieti taħt il-paragrafu 4.

4. L-investigazzjonijiet sigrieti għandhom isiru skont il-liġi nazzjonali u l-proċeduri tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jsiru l-investigazzjonijiet sigrieti. Id-dritt ta' azzjoni, ta' direzzjoni u ta' kontroll tal-operazzjoni relatata mal-investigazzjoni sigrieta għandhom ikunu unikament tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni. It-tul ta' żmien tal-investigazzjoni sigrieta, il-kondizzjonijiet dettaljati, u l-istatus legali tal-uffiċjali involuti fl-investigazzjonijiet sigrieti għandhom jinqablu bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni b'kont debitament meħud tal-liġijiet nazzjonali u l-proċeduri tagħhom.

KAPITOLU V

**INTERĊETTAZZJONI TA' TELEKOMUNIKAZZJONIJIET**

*Artikolu 30*

**Interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet b'assistenza teknika ta' Stat Membru ieħor**

1. OIE jista' jinħareġ għall-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet fl-Istat li minnu tkun meħtieġa assistenza teknika.

2. Fejn aktar minn Stat Membru wieħed ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu l-assistenza teknika kollha meħtieġa għall-istess interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet, l-OIE għandu jintbagħat biss lil wieħed minnhom, u għandu dejjem jingħata prijorità lill-Istat Membru fejn tkun tinsab jew tkun ser tinsab il-persuna suġġetta għall-interċettazzjoni.

3. OIE msemmi fil-paragrafu 1 għandu wkoll jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni meħtieġa biex jiġi identifikat is-suġġett tal-interċettazzjoni;

(b) it-tul ta' żmien mixtieq tal-interċettazzjoni; u

(c) *data* teknika suffiċjenti, b'mod partikolari l-identifikatur tal-miri, biex jiġi żgurat li l-OIE jista' jiġi eżegwit.

4. L-awtorità emittenti għandha tindika fl-OIE r-raġunijiet għaliex tikkunsidra l-miżura investigattiva indikata li tkun rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali konċernati.

5. Flimkien mar-raġunijiet sabiex ma jingħatax ir-rikonoxximent jew ma ssirx l-eżekuzzjoni li huma msemmija fl-Artikolu 11, l-eżekuzzjoni ta' OIE msemmi fil-paragrafu 1 tista' wkoll tiġi rifjutata fejn il-miżura investigattiva kkonċernata ma tkunx giet awtorizzata f'każ domestiku simili. L-Istat ta' eżekuzzjoni jista' jagħmel il-kunsens tiegħu suġġett għal kwalunkwe kondizzjoni li tiġi sodisfatta f'każ domestiku simili.

6. OIE msemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi eżegwit permezz ta':

(a) it-trażmissjoni immedjata ta' telekomunikazzjonijiet lill-Istat emittenti; jew

(b) l-interċettazzjoni, ir-reġistrazzjoni u sussegwentement it-trażmissjoni tal-eżitu tal-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet lill-Istat emittenti.

L-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-ħsieb tal-qbil dwar jekk l-interċettazzjoni ssirx skont il-punt (a) jew (b).

7. Meta toħroġ l-OIE msemmi fil-paragrafu 1 jew matul l-interċettazzjoni, l-awtorità emittenti tista', fejn ikollha raġuni partikolari biex tagħmel hekk, titlob ukoll traskrizzjoni, dekodifikar u decrypting tar-reġistrazzjoni li tkun l-oġġett ta' qbil mill-awtorità ta' eżekuzzjoni.

8. L-ispejjez li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu f'konformità mal-Artikolu 21, ħlief għall-ispejjeż li jirriżultaw mit-traskrizzjoni, id-dekodifikar u d-decrypting tal-komunikazzjoni ta' interċettazzjoni li għandhom jitħallsu mill-Istat emittenti.

*Artikolu 31*

**Notifika tal-Istat Membru fejn jinsab is-suġġett tal-interċettazzjoni li minnu ma tinħtieġ l-ebda assistenza teknika**

1. Fejn, għall-fini tat-twettiq ta' miżura investigattiva, l-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet tiġi awtorizzata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed (l-"Istat Membru ta' interċettazzjoni") u l-indirizz ta' komunikazzjoni tal-persuna suġġetta għall-interċettazzjoni li jkun speċifikat fl-ordni tal-interċettazzjoni jkun qed jintuża fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (l-"Istat notifikat") li minnu ma tinħtieġ l-ebda assistenza teknika biex issir l-interċettazzjoni, l-Istat Membru ta' interċettazzjoni għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru notifikat bl-interċettazzjoni:

(a) qabel l-interċettazzjoni f'każijiet fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' interċettazzjoni tkun taf meta tordna l-interċettazzjoni li l-persuna suġġetta għall-interċettazzjoni tinsab jew ser tkun fit-territorju tal-Istat Membru notifikat;

(b) matul l-interċettazzjoni jew wara li tkun saret l-interċettazzjoni, minnufih hekk kif isir jaf li l-persuna suġġetta għall-interċettazzjoni tinsab jew kienet tinsab, matul l-interċettazzjoni, fit-territorju tal-Istat Membru notifikat.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness C.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri notifikati tista', f'każ fejn l-interċezzjoni ma tkunx awtorizzata f'każ domestiku simili, tinnotifika, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 96 siegħa wara r-riċezzjoni tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' interċettazzjoni b'dawn li ġejjin:

(a) li l-interċettazzjoni tista' ma ssirx jew li għandha tiġi terminata; u

(b) fejn meħtieġ, li kull materjal diġà interċettat waqt li l-persuna suġġetta għall-interċettazzjoni kienet tinsab fit-territorju tiegħu ma jistax jintuża, jew jista' jintuża biss taħt il-kondizzjonijiet li hija għandha tispeċifika. L-awtorità kompetenti tal-Istat notifikat għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' interċettazzjoni dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw dawk il-kondizzjonijiet.

4. L-Artikolu 5(2) għandu jkun applikabbli *mutatis mutandis* għan-notifika msemmija fil-paragrafu 2.

KAPITOLU VI

**MIŻURI PROVVIŻORJI**

*Artikolu 32*

**Miżuri provviżorji**

1. L-awtorità emittenti tista' toħroġ OIE sabiex tittieħed kwalunkwe miżura bil-ħsieb li tiġi evitata provviżorjament il-qerda, it-trasformazzjoni, it-tneħħija, it-trasferiment jew ir-rimi ta' oġġett li jista' jintuża bħala prova.

2. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tiddeċiedi u tikkomunika d-deċiżjoni dwar il-miżura provviżorja malajr kemm jista' jkun u, kull fejn ikun possibbli, fi żmien 24 siegħa mir-riċezzjoni tal-OIE.

3. Fejn tintalab miżura provviżorja msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità emittenti għandha tindika fl-OIE jekk il-provi għandhomx jiġu trasferiti lill-Istat emittenti jew jekk għandhomx jibqgħu fl-Istat ta' eżekuzzjoni. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi u teżegwixxi l-OIE u tittrasferixxi l-provi f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din id-Direttiva.

4. Fejn, skont il-paragrafu 3, OIE jkun akkumpanjat minn istruzzjoni li l-provi għandhom jibqgħu fl-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità emittenti għandha tindika d-data tat-terminazzjoni tal-miżura provviżorja msemmija fil-paragrafu 1, jew id-data prevista għall-preżentazzjoni tat-talba biex il-provi jiġu trasferiti lill-Istat emittenti.

5. Wara li tikkonsulta lill-awtorità emittenti, l-awtorità ta' eżekuzzjoni, skont il-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali tagħha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet adatti fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ sabiex jiġi limitat il-perijodu ta' żmien li fih il-miżura provviżorja msemmija fil-paragrafu 1 tkun ser tinżamm. Jekk, skont dawn il-kondizzjonijiet, hija tipprevedi li ġġib fi tmiemha l-miżura provviżorja, hija għandha tgħarraf lill-awtorità emittenti, li għandha tingħata l-opportunità li tressaq il-kummenti tagħha. L-awtorità emittenti għandha minnufih tinnotifika lill-awtorità ta' eżekuzzjoni li ġew terminati l-miżuri provviżorji msemmija fil-paragrafu 1.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 33*

**Notifiki**

1. Sal-22 ta' Mejju 2017, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan li ġej:

(a) l-awtorità jew l-awtoritajiet li, f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, huma kompetenti skont l-Artikolu 2(c) u (d) meta dan l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' eżekuzzjoni;

(b) il-lingwi aċċettati għall-OIE, kif imsemmi fl-Artikolu 5(2);

(c) l-informazzjoni rigward l-awtorità jew l-awtoritajiet ċentrali maħtura jekk l-Istat Membru jkun jixtieq jagħmel uzu mill-possibbiltà taħt l-Artikolu 7(3). Din l-informazzjoni għandha tkun vinkolanti għall-awtoritajiet tal-Istat emittenti;

2. Kull Stat Membru jista' wkoll jipprovdi lill-Kummissjoni l-lista ta' dokumenti meħtieġa li jeħtieġ skont l-Artikolu 22(4).

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-informazzjoni li tkun irceviet taħt dan l-Artikolu għad-disponibbiltà ta' kull Stat Membru u tan-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE). Il-NĠE għandu jirrendi l-informazzjoni disponibbli fuq is-sit tal-internet imsemmi fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI ([1]).

*Artikolu 34*

**Relazzjonijiet ma' strumenti legali, ftehimiet u arranġamenti oħrajn**

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom bejn l-Istati Membri u Stati terzi u l-applikazzjoni temporanja tagħhom taħt l-Artikolu 35, din id-Direttiva tissostitwixxi, mill-22 ta' Mejju 2017, id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-konvenzjonijiet li ġejjin li japplikaw fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri marbutin b'din id-Direttiva:

(a) il-Konvenzjoni Ewropea dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali tal-Kunsill tal-Ewropa tal-20 ta' April 1959 kif ukoll iż-żewġ protokolli addizzjonali tagħha, u l-ftehimiet bilaterali konklużi skont l-Artikolu 26 ta' dik il-Konvenzjoni;

(b) il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen;

(c) il-Konvenzjoni rigward assistenza legali reċiproka f'materji kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-protokoll tagħha.

2. Id-Deċiżjoni Kwadru 2008/978/ĠAI hija b'dan sostitwita għall-Istati Membri marbutin minn din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI huma sostitwiti għall-Istati Membri kollha marbutin minn din id-Direttiva fir-rigward tal-iffriżar tal-evidenza.

Għall-Istati Membri marbutin b'din id-Direttiva, ir-referenzi għad-Deċiżjoni Kwadru 2008/978/ĠAI u, fir-rigward tal-iffriżar tal-evidenza, għad-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI, għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva.

3. Addizzjonalment għal din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jikkonkludu jew ikomplu japplikaw ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' Stati Membri oħra wara l-22 ta' Mejju 2017 biss sakemm dawn jippermettu li l-għanijiet ta' din id-Direttiva jkomplu jissaħħu u jikkontribwixxu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għall-ġbir ta' provi u sakemm il-livell ta' salvagwardji stabbiliti f'din id-Direttiva jiġi rispettat.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-22 ta' Mejju 2017 dwar il-ftehimiet u l-arranġamenti eżistenti msemmija fil-paragrafu 3 li huma jixtiequ jkomplu japplikaw. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-iffirmar ta' kwalunkwe ftehimiet jew arranġament ġdid imsemmi fil-paragrafu 3.

*Artikolu 35*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Talbiet għal assistenza reċiproka li jaslu qabel il-22 ta' Mejju 2017 għandhom ikomplu jkunu regolati minn strumenti eżistenti relatati ma' assistenza reċiproka f'materji kriminali. Id-deċiżjonijiet dwar l-iffriżar tal-provi taħt id-Deċiżjoni Qafas 2003/577/ĠAI u riċevuti qabel il-22 ta' Mejju 2017 għandhom ukoll ikunu regolati minn dik id-Deċiżjoni Qafas.

2. L-Artikolu 8(1) għandu japplika *mutatis mutandis* għall-OIE wara deċiżjoni ta' ffriżar meħuda taħt id-Deċiżjoni Qafas 2003/577/ĠAI.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 130).

*Artikolu 36*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-22 ta' Mejju 2017.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. Sal-22 ta' Mejju 2017, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Direttiva.

*Artikolu 37*

**Rapport dwar l-applikazzjoni**

Mhux aktar tard minn ħames snin wara l-21 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, abbażi kemm ta' informazzjoni kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, inklużi b'mod partikolari, l-evalwazzjoni tal-impatt tagħha fuq il-kooperazzjoni f'materji kriminali u l-protezzjoni tal-individwi, kif ukoll l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet fid-dawl ta' żviluppi tekniċi. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti għal emendi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 38*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 39*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

*ANNESS A*

**ORDNI TA' INVESTIGAZZJONI EWROPEW (OIE)**

Dan l-OIE inħareġ minn awtorità kompetenti. L-awtorità emittenti tiċċertifika li l-ħruġ ta' dan l-OIE huwa neċessarju u proporzjonat għall-fini tal-proċedimenti speċifikati fiha b'kont meħud tad-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata u li l-miżuri investigattivi mitluba setgħu ġew ordnati taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili. Jiena nitlob li l-miżura jew miżuri investigattivi speċifikati hawn taħt jiġu eżegwiti b'kont debitament meħud tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni u li l-provi li jinkisbu b'riżultat tal-eżekuzzjoni tal-OIE jiġu ttrasferiti.

TAQSIMA A

Stat Emittenti: ..........

Stat ta' Eżekuzzjoni: ..........

TAQSIMA B: **Urġenza**

Jekk jogħġbok indika jekk hemmx xi urġenza minħabba

☐ Evidenza moħbija jew meqruda

☐ Data tas-smigħ imminenti

☐ Kull raġuni oħra

Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt:

Skadenzi għall-eżekuzzjoni tal-OIE huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/41/UE. Madankollu, jekk ikun meħtieġ limitu taż-żmien iqsar jew speċifiku, jekk jogħġbok ipprovdi d-data u spjega r-raġuni għal din:

..........

..........

..........

TAQSIMA C: Miżura jew miżuri investigattivi li għandhhom jiġu eżegwiti

1. Iddeskrivi l-assistenza/il-miżura jew miżuri investigattivi rikjestai U indika, jekk applikabbli, jekk hijiex waħda mill-miżuri investigattivi li ġejjin:

..........

..........

..........

..........

..........

..........

..........

..........

☐ Ksib ta' informazzjoni jew evidenza li tkun diġà fil-pussess tal-awtorità ta' eżekuzzjoni

☐ Ksib ta' informazzjoni li tinsab fid-databases miżmuma mill-pulizija jew mill-awtoritajiet ġudizzjarji

☐ Smigħ

- ☐ xhud
- ☐ espert
- ☐ persuna suspettata jew akkużata
- ☐ vittma
- ☐ parti terza

☐ Identifikazzjoni ta' persuni li għandhom abbonament ta' numru tat-telefown jew indirizz IP speċifiku

☐ Trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja lejn l-Istat emittenti

☐ Trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni

- ☐ Smigħ permezz ta' vidjokonferenza jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra
  - ☐ xhud
  - ☐ espert
  - ☐ persuna suspettata jew akkużata
- ☐ Smigħ permezz ta' konferenza telefonika
  - ☐ xhud
  - ☐ espert
- ☐ Informazzjoni dwar kontijiet bankarji u finanzjarji oħra
- ☐ Informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji u finanzjarji oħra
- ☐ Miżura investigattiva li timplika l-ġbir ta' evidenza fi żmien reali, kontinwament u matul ċertu perijodu ta' żmien
  - ☐ monitoraġġ ta' operazzjonijiet bankarji jew finanzjarji oħra
  - ☐ konsenji kkontrollati
  - ☐ oħrajn
- ☐ Investigazzjonijiet sigrieti
- ☐ Interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet
- ☐ Miżura jew miżuri provviżorji għall-prevenzjoni tal-qerda, it-trasformazzjoni, iċ-ċaqliq, it-trasferiment jew ir-rimi ta' oġġett li jista' jintuża bħala evidenza

TAQSIMA D: Relazzjoni ma' OIE preċedenti

Indika jekk dan l-OIE jissupplimentax OIE preċedenti. Jekk applikabbli, agħti informazzjoni rilevanti li tidentifika l-OIE preċedenti (id-data tal-ħruġ tal-OIE, l-awtorità li lilha ġiet trażmessa u, jekk disponibbli, id-data tat-trażmissjoni tal-OIE, u n-numri ta' referenza mogħtija mill-awtoritajiet emittenti u ta' eżekuzzjoni);

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

Jekk rilevanti jekk jogħġbok indika jekk l-OIE kienx diġà indirizzat lil Stat Membru ieħor fl-istess każ:

..........................................................................................................................................

TAQSIMA E: Identità tal-persuna kkonċernata

1. Niżżel l-informazzjoni kollha, magħrufa, rigward l-identità tal-persuna/i (i) fiżika/fiżiċi jew (ii) ġuridika/ġuridiċi kkonċernata/i mill-miżura investigattiva (jekk aktar minn persuna waħda hija kkonċernata, jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni dwar kull persuna):

(i) Fil-każ ta' persuna/i fiżika/fiżiċi

Kunjom:..........................................................................................................................

Isem/ismijiet: ...................................................................................................................

Isem/ismijiet rilevanti oħra, jekk applikabbli: ......................................................................

Psewdonimi, jekk applikabbli: ............................................................................................

Sess:...............................................................................................................................

Nazzjonalità: ....................................................................................................................

Numru tal-identità jew numru

tas-sigurtà soċjali……………………………………….

Tip u numru tad-dokument(i) tal-identità (karta tal-identità, passaport), jekk disponibbli:

..........................................................................................................................................

Data tat-twelid:..................................................................................................................

Post tat-twelid: .................................................................................................................

Residenza u/jew indirizz magħruf, jekk l-indirizz mhuwiex magħruf, ikteb l-aħħar indirizz magħruf:

..........................................................................................................................................

Lingwa/i li l-persuna tifhem:

..........................................................................................................................................

(ii) Fil-każ ta' persuna/i ġuridika/ġuridiċi

Isem: ..........................................................................................................................................

Għamla ta' persuna ġuridika: ...............................................................................................................

Isem imqassar, isem ta' użu komuni jew isem kummerċjali, jekk applikabbli:

..........................................................................................................................................

Sede rreġistrat: ..........................................................................................................................

Numru tar-reġistrazzjoni: ..................................................................................................................

Indirizz tal-persuna ġuridika: .............................................................................................................

Isem ir-rappreżentant tal-persuna ġuridika: .........................................................................................

Jekk jogħġbok iddeskrivi l-pożizzjoni li l-persuna kkonċernata għandha fil-proċedimenti:

☐ persuna suspettata jew akkużata

☐ vittma

☐ xhud

☐ espert

☐ parti terza

☐ oħra (jekk jogħġbok speċifika) ...........................................................................................

2. Jekk differenti mill-indirizz ta' hawn fuq, jekk jogħġbok indika l-post li fih għandha tiġi eżegwita l-miżura investigattiva:

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

3. Agħti kwalunkwe informazzjoni oħra li ser tgħin fl-eżekuzzjoni tal-OIE:

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

TAQSIMA F: Tipi ta' proċedimenti li għalihom qed jinħareġ l-OIE:

☐ (a) fir-rigward ta' proċedimenti kriminali mressqa minn, jew li għandhom jitressqu quddiem, awtorità ġudizzjarja fir-rigward ta' reat kriminali taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti; jew

☐ (b) proċedimenti mressqa minn awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' atti li huma punibbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti billi huma ksur tar-regoli tal-liġi, u fejn id-deċiżjoni tista' twassal għal proċedimenti quddiem qorti li għandha ġuriżdizzjoni b'mod partikolari f'materji kriminali; jew

☐ (c) proċedimenti mressqa minn awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' atti li huma punibbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti billi huma ksur tal-liġi, u fejn id-deċiżjoni tista' twassal għal proċedimenti quddiem qorti li għandha ġuriżdizzjoni b'mod partikolari f'materji kriminali; jew

☐ (d) proċedimenti mressqa minn awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' atti li huma punibbli taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti billi huma ksur tal-liġi, u fejn id-deċiżjoni tista' twassal għal proċedimenti quddiem qorti li għandha ġuriżdizzjoni b'mod partikolari f'materji kriminali; jew

TAQSIMA G: Raġunijiet għall-ħruġ tal-OIE

1. Sommarju tal-fatti

Niżżel ir-raġunijiet għaliex qed jinħareġ l-OIE, inkluż sommarju tal-fatti sottostanti, deskrizzjoni tar-reati tal-akkuża jew taħt investigazzjoni, l-istadju li waslet fih l-investigazzjoni, ir-raġunijiet għal kwalunkwe fattur ta' riskju u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

2. In-natura u klassifikazzjoni legali tar-reat(i) li għalihom inħareġ l-OIE u d-dispożizzjoni/kodiċi statutorja applikabbli:

………………………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………………………

3. Ir-reat li għalih inħareġ l-OIE, hija punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' mill-inqas tliet snin kif definit mil-liġi tal-Istat emittenti u inkluż fil-lista ta' reati li tinsab hawn taħt? (jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti)

☐ parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali

☐ terroriżmu

☐ traffikar tal-bnedmin

☐ sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal

☐ traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi

☐ traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi

☐ korruzzjoni

☐ frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea

☐ ħasil ta' flus ta' rikavat minn attività kriminali

☐ falsifikazzjoni ta' munita, inkluża tal-euro

☐ kriminalità relatata mal-informatika

☐ reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu u ta' speċi u varjetajiet ta' pjanti fil-periklu

☐ iffaċilitar ta' dħul u residenza mhux awtorizzati

☐ omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna

☐ kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani

☐ ħtif ta' persuna, żamma illegali ta' persuna u teħid ta' ostaġġi

☐ razziżmu u ksenofobija

☐ serq organizzat jew bl-użu ta' armi

☐ traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi oġġetti tal-antikitajiet u opri tal-arti

☐ qligħ b'qerq

☐ racketeering u estorsjoni

☐ falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti

☐ falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom

☐ falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas

☐ traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi oħra tat-tkabbir

☐ traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi

☐ traffikar ta' vetturi misruqin

☐ stupru

☐ ħruq

☐ reati li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali

☐ ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/ta' bastimenti

☐ sabotaġġ

TAQSIMA H: Rekwiżiti addizzjonali għal ċerti miżuri

Imla t-taqsimiet rilevanti għall-miżura jew miżuri investigattivi rikjesti:

Taqsima H1: Trasferiment ta' persuna miżmuma f'kustodja

(1) Jekk huwa rikjest trasferiment temporanju għall-Istat emittenti ta' persuna miżmuma f'kustodja għall-fini ta' investigazzjoni, jekk jogħġbok indika jekk il-persuna tatx il-kunsens tagħha għal din il-miżura:

☐ Iva ☐ Le ☐ Nirrikjedi li jintalab il-kunsens tal-persuna

(2) Jekk huwa rikjest trasferiment temporanju għall-Istat ta' eżekuzzjoni ta' persuna miżmuma f'kustodja għall-fini ta' investigazzjoni, jekk jogħġbok indika jekk il-persuna tatx il-kunsens tagħha għal din il-miżura:

☐ Iva ☐ Le

TAQSIMA H2: Vidjokonferenza jew konferenza telefonika jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra

Jekk huwa rikjest smigħ permezz ta' vidjokonferenza jew konferenza telefonika jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra:

Jekk jogħġbok indika l-isem tal-awtorità li għandha tmexxi s-smigħ (dettalji/lingwa ta' kuntatt):

..........................................................................................................................................................

Jekk jogħġbok indika r-raġunijiet li għalihom ġiet rikjesta din il-miżura: .....................................................

..........................................................................................................................................................

☐ (a) smigħ permezz ta' vidjokonferenza jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra:

☐ il-persuna suspettata jew akkużata tat il-kunsens tagħha

☐ (b) smigħ permezz ta' konferenza telefonika

TAQSIMA H3: Miżuri provviżorji

Jekk hija rikjesta miżura provviżorja għall-prevenzjoni tal-qerda, it-trasformazzjoni, iċ-ċaqliq, it-trasferiment jew ir-rimi ta' oġġett, li jista' jintuża bħala evidenza, jekk jogħġbok indika jekk:

☐ l-oġġett għandux jiġi ttrasferit lill-Istat emittenti

☐ l-oġġett għandux jibqa' fl-Istat ta' eżekuzzjoni; jekk jogħġbok indika d-data prevista:

għat-tneħħija tal-miżura provviżorja:........................................................................................

għall-preżentazzjoni ta' talba sussegwenti rigward l-oġġett: .................................................................

TAQSIMA H4: Informazzjoni kontijiet bankarji jew kontijiet finanzjarji oħra

(1) Jekk hija rikjesta informazzjoni dwar kontijiet bankarji jew kontijiet finanzjarji oħra li l-persuna għandha jew tikkontrolla, jekk jogħġbok indika, għal kull wieħed minnhom, ir-raġunijiet għaliex int tqis li l-miżura hija rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali u għal liema raġunijiet tippreżumi li l-kont huwa miżmum f'bank fl-Istat ta' eżekuzzjoni:

☐ informazzjoni dwar kontijiet bankarji li l-persuna żżomm jew li fir-rigward tagħhom huwa jew hija għandha prokura.

☐ informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji oħra li l-persuna żżomm jew li fir-rigward tagħhom huwa jew hija għandha prokura

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

(2) Jekk hija rikjesta informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji jew operazzjonijiet finanzjarji oħra, jekk jogħġbok indika, għal kull waħda minnhom, ir-raġunijiet għaliex int tqis li l-miżura hija rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali:

☐ informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji

☐ informazzjoni dwar operazzjonijiet finanzjarji oħra

…

…

…

…

Indika l-perijodu ta' żmien rilevanti u l-kontijiet relatati:

…

…

TAQSIMA H5: Miżuri investigattivi li jimplikaw il-ġbir ta' provi fi żmien reali, kontinwament jew matul ċertu perijodu ta' żmien

Jekk hija rikjesta miżura investigattiva bħal din jekk jogħġbok indika, ir-raġunijiet għaliex int tqis li l-informazzjoni rikjesta hija rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali:

…

…

TAQSIMA H6: Investigazzjonijiet sigrieti

Jekk hija rikjesta investigazzjoni sigrieta jekk jogħġbok indika, ir-raġunijiet għaliex int tqis li l-miżura investigattiva x'aktarx hija rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali:

…

…

TAQSIMA H7: Interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet

(1) Jekk hija rikjesta interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet jekk jogħġbok indika, ir-raġunijiet għaliex int tqis li l-miżura investigattiva hija rilevanti għall-fini tal-proċedimenti kriminali:

…

…

(2) Jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni għall-fini li tiġi identifikata l-persuna suġġetta għall-proċedimenti kriminali li tkun is-suġġett tal-interċettazzjoni:

…

(b) it-tul ta' żmien mixtieq tal-interċettazzjoni:

…

(c) *data* teknika (b'mod partikolari l-identifikatur tal-mira — bħal telefown ċellulari, telefown b'linja fissa, indirizz elettroniku, konnessjoni tal-Internet), biex jiġi żgurat li l-OIE jista' jiġi esegwit:

…

(3) Jekk jogħġbok indika l-preferenza tiegħek rigward il-metodu tal-eżekuzzjoni

☐ Trażmissjoni immedjata

☐ Rekordjar u trażmissjoni sussegwenti

Jekk jogħġbok indika jekk hux qed tirrikjedi wkoll ta' traskrizzjoni, dekodifikar jew decrypting tal-materjal interċettat (*):

…

…

(*) Jekk jogħġbok innota li l-ispejjeż ta' kwalunkwe traskrizzjoni, dekodifikar jew decrypting għandhom jiġu koperti mill-Istat emittenti.

TAQSIMA I: Formalitajiet u proċeduri rikjesti għall-eżekuzzjoni

1. Immarka u imla, jekk applikabbli

☐ Huwa rikjest li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri li ġejjin (…):

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

2. Immarka u imla, jekk applikabbli

☐ Huwa rikjest li uffiċjal wieħed jew diversi uffiċjali tal-Istat emittenti jassistu fl-eżekuzzjoni tal-OIE b'appoġġ għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

Dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjali:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

Lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni: ……………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

TAQSIMA J: Rimedji legali

1. Jekk jogħġbok indika jekk intalabx diġà rimedju legali kontra l-ħruġ ta' OIE, jekk iva, jekk jogħġbok agħti aktar dettalji (deskrizzjoni tar-rimedju legali, inklużi l-passi li meħtieġ li jittieħdu u l-iskadenzi):

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

2. Awtorità fl-Istat emittenti li tista' tagħti aktar informazzjoni dwar proċeduri sabiex jiġu mitluba rimedji legali fl-Istat emittenti u jekk l-assistenza legali u l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni humiex disponibbli:

Isem: ……………………………………………………………………………………………………………

Persuna ta' kuntatt (jekk applikabbli): …………………………………………………………………

Indirizz: …………………………………………………………………………………………………………

Nru tat-telefown: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ……………………………………………

Numru tal-fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ………………………………………………

Indirizz elettroniku: :……………………………………………………………………………………………

TAQSIMA K: Dettalji tal-awtorità li ħarġet l-OIE

Immarka t-tip ta' awtorità li ħarġet l-OIE:

☐ awtorità ġudizzjarja

☐ (*) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definit mil-liġi tal-Istat emittenti

(*) Jekk jogħġbok imla ukoll it-taqsima (L)

Isem tal-awtorità:

……………………………………………………………………………………………………………………

Isem tar-rappreżentant / il-punt ta' kuntatt:

……………………………………………………………………………………………………………………

Nru tal-fajl: ………………………………………………………………………………………………………

Indirizz: …………………………………………………………………………………………………………

Nru tat-telefown: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ……………………………………………

Numru tal-fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ………………………………………………

Indirizz elettroniku……………………………………………………………………………………………

Lingwi li bihom hija possibbli l-komunikazzjoni mal-awtorità emittenti:

……………………………………………………………………………………………………………………

Jekk differenti minn dawk ta' hawn fuq, id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i li għandha/hom tiġi/jiġu kkuntattjata/i għal informazzjoni addizzjonali jew biex isiru arranġamenti prattiċi għat-trasferiment ta' evidenza:

Isem/Titolu/Organizzazzjoni: ..............................................................................................................

Indirizz: ..............................................................................................................

Indirizz elettroniku/Nru tat-Telefown ta' Kuntatt: ..............................................................................................................

Firma tal-awtorità emittenti u/jew tar-rappreżentant tagħha li tiċċertifika li l-kontenut tal-OIE huwa preċiż u korrett:

Isem: ..............................................................................................................

Pożizzjoni (titolu/grad): ..............................................................................................................

Data: ..............................................................................................................

Timbru uffiċjali (jekk disponibbli):

TAQSIMA L: Dettalji tal-awtorità ġudizzjarja li rratifikat l-OIE

Jekk jogħġbok indika t-tip ta' awtorità ġudizzjarja li rratifikat l-OIE:

☐ (a) imħallef jew qorti

☐ (b) maġistrat inkwirenti

☐ (c) prosekutur pubbliku

Isem uffiċjali tal-awtorità li tirratifika:

..............................................................................................................

Isem ir-rappreżentant tagħha:

..............................................................................................................

Pożizzjoni (titolu/grad):

..............................................................................................................

Nru tal-fajl: ..............................................................................................................

Indirizz: ..............................................................................................................

..............................................................................................................

Nru tat-telefown: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ..............................................................................................................

Numru tal-fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ..............................................................................................................

Indirizz elettroniku:..............................................................................................................

Lingwi li bihom hija possibbli l-komunikazzjoni mal-awtorità li tirratifika:

..............................................................................................................

Jekk jogħġbok indika jekk il-punt ta' kuntatt prinċipali għall-awtorità ta' eżekuzzjoni għandux ikun:

☐ l-awtorità emittenti

☐ l-awtorità li tirratifika

Firma u dettalji tal-awtorità li tirratifika

Isem:..............................................................................................................

Pożizzjoni (titolu/grad): ..............................................................................................................

Data: ..............................................................................................................

Timbru uffiċjali (jekk disponibbli):

*ANNESS B*

**KONFERMA TA' RIĊEZZJONI TA' OIE**

Din il-formola għandha timtela' mill-awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tkun irċeviet l-OIE msemmi hawn taħt.

(A) L-OIE KKONCERNAT

L-awtorità li ħarġet l-OIE:

...................................................................................................

Referenza tal-fajl:...................................................................................

Data ta' ħruġ: ........................................................................................

Data meta waslet: ..................................................................................

(B) L-AWTORITA LI RCEVIET L-OIE ([1])

Isem uffiċjali tal-awtorità kompetenti:

...................................................................................................

Isem ir-rappreżentant tagħha:

...................................................................................................

Pożizzjoni (titolu/grad):

...................................................................................................

Indirizz:

...................................................................................................

...................................................................................................

...................................................................................................

Nru tat-telefown: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ..................................

Numru tal-fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ......................................

Indirizz elettroniku: ..............................................................................

Referenza tal-fajl:...................................................................................

Lingwi li bihom tista' ssir komunikazzjoni mal-awtorità:

...................................................................................................

(C) (FEJN APPLIKABBLI) L-AWTORITA KOMPETENTI LI LILHA JKUN GIE TRAZMESS L-OIE MILL-AWTORITÀ TAĦT (B)

Isem uffiċjali tal-awtorità:

...................................................................................................

Isem tar-rappreżentant tagħha:

...................................................................................................

Pożizzjoni (titolu/grad):

...................................................................................................

Indirizz:

...................................................................................................

...................................................................................................

Nru tat-telefown: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ..................................

Numru tal-fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ......................................

Indirizz elettroniku: ..............................................................................

Data tat-trażmissjoni: ............................................................................

Referenza tal-fajl:...................................................................................

Lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni:

...................................................................................................

([1]) Din it-taqsima għandha timtela minn kull awtorità li tkun irċeviet l-OIE. Dan l-obbligu jaqa' fuq l-awtorità kompetenti li tirrikonoxxi u teżegwixxi l-OIE u, skont il-każ, fuq l-awtorità ċentrali jew l-awtorità li ttrażmettiet l-OIE lill-awtorità kompetenti.

| |
|---|
| (D) KWALUNKWE INFORMAZZJONI OĦRA LI TISTA' TKUN RILEVANTI GĦALL-AWTORITÀ EMITTENTI:<br>…<br>…<br>… |
| (E) FIRMA U DATA<br>Firma:<br>Data: …<br>Timbru uffiċjali (jekk disponibbli): |

*ANNESS C*

**NOTIFIKA**

Din il-formola tintuża sabiex Stat Membru jiġi notifikat dwar l-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet li ser issir, qed issir jew saret fit-territorju tiegħu mingħajr l-assistenza teknika tiegħu. Jiena b'dan qed ninforma lil ………………………………….(l-Istat notifikat) dwar l-interċettazzjoni.

(A) ([1]) L-AWTORITÀ KOMPETENTI

Isem uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat ta' interċettazzjoni:

…………………………………………………………………………………………………………………………

Isem ir-rappreżentant tagħha:

…………………………………………………………………………………………………………………………

Pożizzjoni (titolu/grad):

…………………………………………………………………………………………………………………………

Indirizz:

…………………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………………

Nru tat-telefown: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ……………………………………………………………

Numru tal-fax: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ………………………………………………………………

Indirizz elettroniku: ……………………………………………………………………………………………………

Referenza tal-fajl…………………………………………………………………………………………………………

Data ta' ħruġ: ……………………………………………………………………………………………………………

Lingwi li bihom tista' ssir komunikazzjoni mal-awtorità:

…………………………………………………………………………………………………………………………

(B) INFORMAZZJONI RIGWARD L-INTERĊETTAZZJONI

(I) Informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali: Din in-notifika ssir (jekk jogħġbok immarka)

- ☐ qabel l-interċettazzjoni
- ☐ matul l-interċettazzjoni
- ☐ wara l-interċettazzjoni

(II) The (anticipated) duration of the interception (as known to the issuing authority):

……………………………………………, starting from ……………………………………………………………………

(III) Mira tal-interċettazzjoni: (numru tat-telefown, numru tal-IP jew indirizz elettroniku)

…………………………………………………………………………………………………………………………

(IV) Identità tal-persuni kkonċernati

Niżżel l-informazzjoni kollha, sa fejn magħrufa, rigward l-identità tal-persuna/i (i) fiżika/fiżiċi jew (ii) ġuridika/ġuridiċi li kontriha/hom qed isiru/jistgħu jsiru l-proċedimenti:

(i) Fil-każ ta' persuna/i fiżika/fiżiċi

Kunjom:…………………………………………………………………………………………………

Isem/ismijiet: ……………………………………………………………………………………………

Isem/ismijiet rilevanti oħra, jekk applikabbli: ………………………………………………………

Psewdonimi, jekk applikabbli: …………………………………………………………………………

Sess: ……………………………………………………………………………………………………

Nazzjonalità: ……………………………………………………………………………………………

Numru tal-identità jew numru tas-sigurtà soċjali: ……………………………………………………

([1]) L-awtorità li qed issir referenza għaliha hawnhekk hija dik li għandha tiġi kkuntattjata f'korrispondenza ulterjuri mal-Istat emittenti.

Data tat-twelid: ...........................................................................................................

Post tat-twelid: ...........................................................................................................

Residenza u/jew indirizz magħruf; jekk l-indirizz mhux magħruf, niżżel l-aħħar indirizz magħruf:

...........................................................................................................

Lingwa/i li l-persuna tifhem:

...........................................................................................................

(ii) Fil-każ ta' persuna/i ġuridika/ġuridiċi

Isem: ...........................................................................................................

Għamla ta' persuna ġuridika: ...........................................................................................................

Isem imqassar, isem ta' użu komuni jew isem kummerċjali, jekk applikabbli:

Sede rreġistrat: ...........................................................................................................

Numru tar-reġistrazzjoni:...........................................................................................................

Indirizz tal-persuna ġuridika: ...........................................................................................................

Isem u dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant tal-persuna ġuridika:.......................................:

(V) Informazzjoni dwar il-fini ta' din l-interċettazzjoni:

Niżżel l-informazzjoni neċessarja kollha, inkluża deskrizzjoni tal-każ, il-klassifikazzjoni legali tar-reat(i) u d-dispożizzjoni/kodiċi statutorja applikabbli, sabiex l-awtorità notifikata tkun tista' tivvaluta dan li ġej:

☐ jekk l-interċettazzjoni tiġix awtorizzata f'każ domestiku simili; u jekk il-materjal miksub jistax jintuża fi proċedimenti legali

☐ fejn l-interċettazzjoni tkun diġà saret, jekk dak il-materjal jistax jintuża fi proċedimenti legali

...........................................................................................................

...........................................................................................................

...........................................................................................................

...........................................................................................................

...........................................................................................................

...........................................................................................................

Jekk jogħġbok innota li kwalunkwe oġġezzjoni għall-interċettazzjoni jew għall-użu ta' materjal interċettat diġà, għandha ssir mhux aktar tard minn 96 siegħa wara l-wasla ta' din in-notifika.

(C) FIRMA U DATA

Firma:

Data: ...........................................................................................................

Timbru uffiċjali (jekk disponibbli):

*ANNESS D*

**IL-KATEGORIJI TA' REATI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 11**

— parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,
— terroriżmu,
— traffikar tal-bnedmin,
— sfruttament sesswali ta' tfal u pedopornografija,
— traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi,
— traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi,
— korruzzjoni,
— frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea,
— ħasil ta' flus ta' rikavat minn attività kriminali,
— falsifikazzjoni ta' munita, inkluż tal-euro,
— kriminalità relatata mal-informatika,
— reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-periklu,
— l-iffaċilitar ta' dħul u residenza mhux awtorizzati,
— qtil, offiża gravi fuq il-persuna,
— kummerċ illegali ta' organi u tessuti tal-bniedem,
— ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u teħid ta' ostaġġi,
— razziżmu u ksenofobija,
— serq organizzat jew bl-użu ta' armi,
— traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti,
— qligħ b'qerq,
— racketeering u estorsjoni,
— falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,
— falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,
— falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,
— traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi oħra tat-tkabbir,
— traffikar illeċitu ta' materjal nukleari jew radjoattiv,
— traffikar ta' vetturi misruqa,
— stupru,
— ħruq,
— atti kriminali li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
— ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/ta' bastimenti,
— sabotaġġ.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 441/2014

**tat-30 ta' April 2014**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabbiltà tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament tal-interoperabbiltà) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 ([3]) jistabbilixxi rekwiżiti biex jiddaħħlu b'mod koordinat servizzi ta' kollegament tad-dejta li jibbażaw fuq komunikazzjoni ta' dejta mill-ajru għall-art minn punt għall-ieħor.

(2) Il-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 29/2009 tiddefinixxi l-ispazju tal-ajru 'l fuq minn FL285 li fih ikun japplika dak ir-Regolament mill-5 ta' Frar 2015.

(3) Il-Kroazja ssieħbet fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013. Għalhekk l-ispazju tal-ajru Kroat għandu jiżdied kif jixraq mal-ispazju tal-ajru li fih japplika r-Regolament (KE) Nru 29/2009.

(4) Madankollu l-Kroazja għandha tingħata perjodu ta' tranżizzjoni ta' sena, meta mqabbel mad-data tal-applikazzjoni tal-5 ta' Frar 2015 li jkun japplika għall-Istati Membri l-oħra koperti bil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 29/2009, permezz ta' applikazzjoni differita ta' dan ir-Regolament, biex il-partijiet regolati bħall-operaturi u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru (ATS) ikunu jistgħu jħejju għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 29/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 29/2009, tiddaħħal linja ġdida "— Zagreb FIR," wara l-linja "— Warszawa FIR,".

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
([2]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 13, 17.1.2009, p. 3.)

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-5 ta' Frar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 442/2014**

**tat-30 ta' April 2014**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 f'dak li jirrigwarda l-inklużjoni fil-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza fir-rigward tal-importazzjoni ta' prodotti organiċi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 33(2) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ([2]) jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċedura għar-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' ekwivalenza skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-biedja organika tat-3237 laqgħa tal-Kunsill tal-Agrikoltura u s-Sajd li saret bejn it-13 u l-14 ta' Mejju 2013, ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-mekkaniżmi li jeżistu fil-preżent sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ internazzjonali fi prodotti organiċi u sabiex f'kull ftehim kummerċjali jkunu meħtieġa r-reċiproċità u t-trasparenza.

(3) Ir-rieżami li għadu għaddej tal-qafas legali tas-settur tal-produzzjoni organika żvela n-nuqqasijiet li jeżistu bħalissa fis-sistema ta' rikonoxximent ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' ekwivalenza. Il-biċċa l-kbira tal-arranġamenti ta' ekwivalenza ffirmati mill-Kummissjoni u minn pajjiżi terzi ġew applikati mill-Kummissjoni Ewropea b'mod unilaterali, u dan ma għinx biex jippromwovi kundizzjonijiet ekwi. Ġie konkluż li r-rikonoxximent tal-ekwivalenza ma' pajjiżi terzi għandu jiġi stabbilit permezz ta' ftehimiet internazzjonali. Għaldaqstant, l-iskema tar-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi li teżisti fil-preżent għall-iskop ta' ekwivalenza bbażata fuq arranġamenti ta' ekwivalenza għandha tinbidel u ssir skema bbażata fuq ftehimiet internazzjonali bbilanċjati, bil-għan li tippromwovi kundizzjonijiet ekwi, trasparenza u ċertezza legali.

(4) Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-iskema l-ġdida ta' rikonoxximent ibbażata fuq ftehimiet internazzjonali, huwa xieraq li tiġi introdotta data finali sa meta jistgħu jaslu talbiet ġodda għall-inklużjoni fil-lista prevista fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 u stabbilita fl-Anness III ta' dak ir-Regolament. It-talbiet li jaslu wara dik id-data ma għandhomx jibqgħu jkunu ammissibbli.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jinbidel b' dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk tinkludix pajjiż terz fil-lista li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 7 wara li tirċievi talba għall-inklużjoni mir-rappreżentant tal-pajjiż terz ikkonċernat, sakemm din it-talba titressaq qabel l-1 ta' Lulju 2014".

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2014.

*F'isem il-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 443/2014

## tat-30 ta' April 2014

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, fir-rigward tal-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali għat-tadam, il-ħjar, l-għeneb tal-mejda, il-berquq, iċ-ċirasa għajr iċ-ċirasa qarsa, il-ħawħ inkluż in-nuċiprisk u l-għanbaqar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 [2] jipprevedi s-sorveljanza tal-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness XVIII tiegħu. Din is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [3].

(2) Għall-finijiet tal-Artikolu 5 (4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura [4] konkluż fil-qafas tan-negozjati kummerċjali multilaterali tar-Rawnd tal-Urugwaj, u abbażi tal-aħħar dejta disponibbli għall-2011, l-2012 u l-2013, jeħtieġ li jiġu modifikati l-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali għall-ħjar u ċ-ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa b'seħħ mill-1 ta' Mejju 2014 u l-berquq, it-tadam, l-għanbaqar, il-ħawħ, inkluż in-nuċiprisk u l-għeneb tal-mejda b'seħħ mill-1 ta' Ġunju 2014.

(3) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 għandu jiġi emendat skont dan. Għal raġunijiet ta' leġġibbiltà, jeħtieġ li l-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament jinbidel fl-intier tiegħu.

(4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li r-Regolament preżenti jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, il-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali għat-tadam, il-ħjar, l-għeneb tal-mejda, il-berquq, iċ-ċirasa għajr iċ-ċirasa qarsa, il-ħawħ inkluż in-nuċiprisk u l-għanbaqar għandhom jiġu sostitwiti mil-livelli elenkati fil-kolonna korrispondenti ta' dan l-Anness kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Kommunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

[4] ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

*ANNESS*

*"ANNESS XVIII*

**DAZJI ADDIZZJONALI TAL-IMPORTAZZJONI: TITOLU IV, KAPITOLU I, TAQSIMA 2**

Bla ħsara għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata bħala indikattiva biss. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji addizzjonali, għall-finijiet ta' dan l-Anness, huwa ddeterminat abbażi tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

*(f'tunnellati)*

| Numru tal-ordni | Il-Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu tal-applikazzjoni | Livelli tal-iskattar |
|---|---|---|---|---|
| 78.0015 | 0702 00 00 | Tadam | Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 445 127 |
| 78.0020 | | | Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 27 287 |
| 78.0065 | 0707 00 05 | Ħjar | Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru | 12 678 |
| 78.0075 | | | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April | 12 677 |
| 78.0085 | 0709 91 00 | Qaqoċċ | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju | 12 663 |
| 78.0100 | 0709 93 10 | Zukkini | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru | 112 241 |
| 78.0110 | 0805 10 20 | Larinġ | Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju | 252 542 |
| 78.0120 | 0805 20 10 | Klementini | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar | 82 192 |
| 78.0130 | 0805 20 30<br>0805 20 50<br>0805 20 70<br>0805 20 90 | Mandolin (inklużi l-varjetajiet tangerine u satsuma); wilkings u ibridi taċ-ċitru simili | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar | 81 570 |
| 78.0155 | 0805 50 10 | Lumi | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru | 310 090 |
| 78.0160 | | | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju | 51 670 |
| 78.0170 | 0806 10 10 | Għeneb tal-mejda | Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru | 69 907 |
| 78.0175 | 0808 10 80 | Tuffieħ | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu | 553 379 |
| 78.0180 | | | Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru | 72 914 |
| 78.0220 | 0808 30 90 | Lanġas | Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April | 183 233 |
| 78.0235 | | | Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru | 25 489 |
| 78.0250 | 0809 10 00 | Berquq | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju | 5 630 |
| 78.0265 | 0809 29 00 | Ċirasa. għajr iċ-ċirasa qarsa | Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu | 32 371 |
| 78.0270 | 0809 30 | Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 3 146 |
| 78.0280 | 0809 40 05 | Pruna | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 16 404" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 444/2014

## tat-30 ta' April 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 KG)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | CL | 173,8 |
| | MA | 38,6 |
| | TN | 89,9 |
| | TR | 97,3 |
| | ZZ | 99,9 |
| 0707 00 05 | AL | 41,5 |
| | MA | 35,6 |
| | TR | 132,1 |
| | ZZ | 69,7 |
| 0709 93 10 | MA | 70,8 |
| | TR | 93,5 |
| | ZA | 31,4 |
| | ZZ | 65,2 |
| 0805 10 20 | EG | 41,1 |
| | IL | 70,8 |
| | MA | 52,6 |
| | TN | 64,4 |
| | TR | 50,5 |
| | ZZ | 55,9 |
| 0805 50 10 | MA | 35,6 |
| | TR | 85,1 |
| | ZZ | 60,4 |
| 0808 10 80 | AR | 113,3 |
| | BR | 86,2 |
| | CL | 97,3 |
| | CN | 98,7 |
| | MK | 30,8 |
| | NZ | 140,7 |
| | US | 213,6 |
| | ZA | 118,9 |
| | ZZ | 112,4 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:

http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

## Ir-Regolament Nru 57 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem għall-muturi u vetturi ttrattati bħala muturi

Li jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-serje ta' emendi 02 — Data tad-dħul fis-seħħ: it-12 ta' Settembru 2001

WERREJ

REGOLAMENT


1. Ambitu
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' fanal ta' quddiem
4. Immarkar
5. Approvazzjoni
6. Speċifikazzjonijiet ġenerali
7. Speċifikazzjonijiet speċjali
8. Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-lentijiet u l-filtri kkuluriti
9. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali
10. Konformità tal-produzzjoni
11. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
12. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni ta' tip ta' fanal ta' quddiem
13. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
14. Ismijiet u indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, u tad-dipartimenti amministrattivi


ANNESSI:


Anness 1 — Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar tal-approvazzjoni jew il-produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' fanal ta' quddiem skont ir-Regolament Nru 57

Anness 2 — Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

Anness 3 — Testijiet fotometriċi

Anness 4 — Testijiet tal-istabbiltà tal-prestazzjoni fotometrika tal-fanali ta' quddiem waqt it-tħaddim

Anness 5 — Rekwiżiti minimi għall-proċeduri ta' kontroll tal-konformità tal-produzzjoni

Anness 6 — Rekwiżiti għall-fanali li fihom lentijiet magħmula minn materjal tal-plastik — l-ittestjar ta' kampjuni tal-lenti jew tal-materjal u ta' fanali kompluti.

Anness 7 — Rekwiżiti minimi għat-teħid ta' kampjuni minn spettur

1. AMBITU

Dan ir-Regolament japplika għall-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem li jużaw bozoz tal-filament u li jinkorporaw lentijiet magħmula minn materjal tal-ħġieġ jew tal-plastik ([1]), li huma pprovduti għat-tagħmir tal-muturi u vetturi ttrattati bħala muturi.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-fini ta' dan ir-Regolament,

2.1. "Lenti" tfisser il-komponent ta' barra nett tal-fanal ta' quddiem (unità) li tittrażmetti d-dawl minn ġos-superfiċje illuminanti;

2.2. "Kisja" tfisser kwalunkwe prodott jew prodotti applikati f'saff wieħed jew iktar lill-wiċċ ta' barra tal-lenti;

2.3. Fanali ta' quddiem ta' "tipi" differenti huma fanali ta' quddiem li huma differenti f'aspetti essenzjali bħal:

2.3.1. l-isem kummerċjali jew it-trejdmark;

2.3.2. l-immarkar tal-fanal ta' quddiem kif definit fil-paragrafu 4.1.4 ta' hawn taħt;

2.3.3. il-karatteristiċi tas-sistema ottika;

2.3.4. l-inklużjoni jew is-soppressjoni tal-komponenti li jistgħu jimmodifikaw l-effetti ottiċi permezz ta' riflessjoni, rifrazzjoni jew assorbiment u/jew deformazzjoni waqt l-użu. Bidla fil-kulur tar-raġġi mitfugħa minn fanali ta' quddiem li l-karatteristiċi l-oħra tagħhom ma nbidlux, ma tikkostitwix bidla tat-tip tal-fanal ta' quddiem. L-istess numru tal-approvazzjoni għandu għalhekk jiġi assenjat lil dawk il-fanali ta' quddiem.

2.3.5. il-materjali li jikkostitwixxu l-lentijiet u l-kisja, jekk ikun hemm.

3. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' FANAL TA' QUDDIEM ([2])

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha titressaq mill-proprjetarju tal-isem kummerċjali jew tat-trejdmark jew mir-rappreżentant akkreditat b'mod xieraq tiegħu.

3.2. Kull applikazzjoni għall-approvazzjoni għandu jkollha magħha:

3.2.1. tliet kopji tad-disinni f'dettall suffiċjenti biex jippermetti l-identifikazzjoni tat-tip u li jirrappreżentaw kif jidher minn quddiem il-fanal ta' quddiem, b'dettalji tar-ribbing tal-lenti, jekk ikun hemm, u s-sezzjoni trasversali; id-disinni għandhom jindikaw l-ispazju rriservat għall-marka tal-approvazzjoni;

3.2.2. deskrizzjoni teknika qasira li tindika, b'mod partikolari, il-kategorija jew il-kategoriji tal-bozza tal-filament ipprovduta (ara l-anness 3, il-paragrafu 6, ta' dan ir-Regolament);

3.2.3. żewġ kampjuni tat-tip tal-fanal ta' quddiem b'lentijiet bla kulur ([3]);

3.2.4. għat-test tal-materjal tal-plastik li minnu huma magħmula l-lentijiet:

3.2.4.1. tlettax-il lenti;

3.2.4.1.1. sitta minn dawn il-lentijiet jistgħu jiġu ssostitwiti b'sitt kampjuni ta' materjal b'daqs ta' mill-inqas 60 × 80 mm, li jkollhom is-superfiċje ta' barra ċatta jew konvessa u b'erja sostanzjalment ċatta (bir-raġġ tal-kurvatura mhux inqas minn 300 mm) fin-nofs ta' b'daqs ta' mill-inqas 15 × 15 mm;

3.2.4.1.2. kull waħda minn dawn il-lentijiet jew il-kampjuni tal-materjal għandha tiġi prodotta permezz tal-metodu li għandu jintuża fil-produzzjoni tal-massa;

3.2.4.2. riflettur li jistgħu jitwaħħlu miegħu l-lentijiet skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

3.3. Il-materjali li minnhom huma magħmula l-lentijiet u l-kisjiet, jekk ikun hemm, għandhom ikollhom magħhom ir-rapport tat-test tal-karatteristiċi ta' dawn il-materjali u l-kisjiet jekk diġà jkunu ġew ittestjati.

3.4. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti sabiex ikunu żgurati kontrolli effettivi tal-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

---

([1]) Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jwaqqaf lil Parti għall-Ftehim li qed tapplika dan ir-Regolament milli tipprojbixxi li fanal ta' quddiem li jinkorpora lenti ta' materjal tal-plastik approvata skont dan ir-Regolament tingħaqad ma' strument mekkaniku għat-tindif tal-fanal ta' quddiem (bil-wajpers).

([2]) Applikazzjoni għall-approvazzoni ta' bozza tal-filament: ara r-Regolament Nru 37.

([3]) Jekk tkun maħsuba għall-manifattura tal-fanali ta' quddiem bil-lentijiet ikkuluriti, għandhom jintbagħtu wkoll żewġ kampjuni tal-lentijiet ikkuluriti għall-ittestjar tal-kulur biss.

4. IMMARKAR

4.1. Il-fanali ta' quddiem imressqa għall-approvazzjoni għandhom ikollhom fuqhom l-iskrizzjonijiet li ġejjin b'mod ċar, li jinqara u li ma jitħassarx:

4.1.1. l-isem kummerċjali jew it-trejdmark tal-applikant;

4.1.2. esternament u/jew fuq il-lenti, l-indikazzjoni tal-immarkar estern tal-fanal ta' quddiem, viżibbli meta l-fanal ta' quddiem ikun imwaħħal fuq il-vettura.

L-unitajiet kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li huma ddisinjati b'tali mod li l-filament tar-raġġ tad-dawl baxx ma jkunx jista' jinxtegħel fl-istess ħin ma' xi funzjoni ta' dawl oħra li jista' jkun inkorporat reċiprokament magħha, għandhom ikunu mmarkati b'linja djagonali (/) wara s-simbolu tar-raġġ tad-dawl baxx fil-marka tal-approvazzjoni.

4.1.3. fuq in-naħa ta' wara tal-fanal ta' quddiem l-indikazzjoni tal-kategorija S1 u/jew S2 tal-bozza tal-filament ammessa;

4.1.4. il-marki huma elenkati fit-tabella li ġejja:

| Immarkar estern tal-fanali ta' quddiem | Indikazzjoni tal-kategorija tal-bozza tal-filament |
|---|---|
| MB | $S_1$ |
| MB | $S_2$ |
| MB | $S_1/S_2$ |

4.1.5. Fuq fanali ta' quddiem li jinkorporaw lenti magħmula minn materjal tal-plastik, l-ittri "PL" iridu jitwaħħlu ħdejn is-simbolu preskritt fil-paragrafi 4.1.2 u 4.1.4 hawn fuq.

4.2. Barra minn hekk, għandhom jinkludu, fuq il-lenti u fuq il-parti prinċipali ([1]), spazji ta' daqs suffiċjenti għall-marka tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali li jissemmew fil-paragrafu 4; dawn l-ispazji għandhom jiġu indikati fuq l-illustrazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.2.1 imsemmi qabel.

5. APPROVAZZJONI

5.1. Jekk il-kampjuni kollha ta' tip ta' fanal ta' quddiem sottomessi skont il-paragrafu 3. imsemmi qabel jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata l-approvazzjoni.

5.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (bħalissa 01 li jikkorrispondu għas-sejre ta' emendi 01 li daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Frar 1989) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi ewlenija reċenti li saru lir-Regolament fiż-żmien tal-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti m'għandhiex tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' fanal ta' quddiem, ħlief fil-każ ta' estensjoni tal-approvazzjoni għal fanal ta' quddiem li jvarja biss fil-kulur tad-dawl mitfugħ.

5.3. In-notifika tal-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' fanal ta' quddiem skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lill-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-anness 1 ta' dan ir-Regolament.

5.4. Minbarra l-marki preskritti fil-paragrafu 4.1, kull fanal ta' quddiem li jikkonforma ma' tip approvat skont dan ir-Regolament għandu jkollu, fl-ispazji msemmija fil-paragrafu 4.2 hawn fuq:

5.4.1. marka tal-approvazzjoni internazzjonali ([2]) li tikkonsisti minn:

5.4.1.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi lill-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([3]);

5.4.1.2. numru tal-approvazzjoni.

([1]) Ir-riflettur qed jiġi kkunsidrat bħala parti prinċipali. Jekk il-lenti ma tistax tinqala' mill-parti ewlenija tal-fanal ta' quddiem, spazju fuq il-lenti għandu jkun biżżejjed.

([2]) Jekk tipi differenti ta' fanali ta' quddiem ikollhom lenti identika jew riflettur identiku, il-lenti u r-riflettur jista' jkollhom fuqhom id-diversi marki tal-approvazzjoni ta' dawn it-tipi ta' fanali ta' quddiem, bil-kundizzjoni li n-numru tal-approvazzjoni mogħti għat-tip speċifiku sottomess ikun jista' jiġi identifikat mingħajr ambigwità.

([3]) In-numri differenti tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.2/Amend.1

5.4.2. F'kull każ, il-mod operattiv rilevanti użat matul il-proċedura tat-test skont il-paragrafu 1.1.1.1 tal-anness 4 u l-vultaġġi permessi skont il-paragrafu 1.1.1.2 tal-anness 4 għandhom jiġu stipulati fuq iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni u fuq l-avviż trażmess lill-pajjiżi li huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim u li japplikaw dan ir-Regolament.

Fil-każijiet korrispondenti l-apparat għandu jiġi mmarkat kif ġej:

Fuq unitajiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li huma ddisinjati b'tali mod li l-filament tar-raġġ tad-dawl baxx ma jkunx jista' jinxtegħel fl-istess ħin ma' xi funzjoni ta' dawl oħra li jista' jkun inkorporat reċiprokament magħha, għandha titqiegħed linja djagonali (/) wara s-simbolu tar-raġġ tad-dawl baxx fil-marka tal-approvazzjoni.

5.5. Il-marki skont il-paragrafu 5.4 għandhom ikunu jistgħu jinqraw faċilment u jkunu indelibbli.

5.6. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempju tal-arranġament tal-marka tal-approvazzjoni.

6. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

6.1. Kull kampjun ta' tip ta' fanal ta' quddiem għandu jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 7 hawn taħt u, jekk meħtieġ, ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 8.

6.2. Il-fanali ta' quddiem għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'mod li, waqt l-użu normali, minkejja l-vibrazzjonijiet li jkunu soġġetti għalihom, jibqa' jiġi żgurat it-tħaddim tagħhom u ma jitilfux il-karatteristiċi stipulati b'dan ir-Regolament.

6.2.1. Il-fanali ta' quddiem għandhom ikunu mgħammra b'apparat li bih jistgħu jkunu aġġustati fuq il-vetturi sabiex jikkonformaw mar-regoli applikabbli għalihom. Strument bħal dan m'għandux għalfejn jitwaħħal fuq komponenti li fihom ir-riflettur u l-lenti tad-diffużjoni ma jistgħux jiġu sseparati, sakemm l-użu ta' komponenti bħal dawn isir biss f'vetturi li fuqhom il-fanali ta' quddiem ikunu jistgħu jiġu aġġustati b'xi mezzi oħra.

Fejn fanal ta' quddiem li jipprovdi raġġ għas-sewqan u fanal ta' quddiem li jipprovdi raġġ tad-dawl baxx, kull wieħed minnhom mgħammar bil-bozza tiegħu, ikunu mmuntati biex jifformaw unità komposta, l-istrument li jaġġusta għandu jippermetti li kull sistema ottika tkun tista' tiġi aġġustata b'mod individwali kif ikun hemm bżonn.

6.2.2. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal assemblaġġi ta' fanali ta' quddiem li r-riflettturi tagħhom ma jistgħux jiġu diviżi. Għal dan it-tip ta' assemblaġġ, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 7.3 tar-Regolament preżenti għandhom japplikaw. Fejn jintuża aktar minn sors ta' dawl wieħed biex jipprovdi r-raġġ ewlieni, għandhom jintużaw il-funzjonijiet tagħhom flimkien biex ikun iddeterminat il-valur massimu tal-illuminazzjoni ($E_{max}$).

6.3. Il-partijiet intiżi biex iżommu l-bozza tal-filament fir-riflettur għandhom ikunu mfassla b'tali mod li, anki fid-dlam, il-bozza tal-filament ma tkun tista' titwaħħal f'ebda pożizzjoni ħlief f'dik it-tajba.

6.4. Għandhom jitwettqu testijiet komplementari skont ir-rekwiżiti tal-anness 4 sabiex ikun żgurat li waqt l-użu ma jkun hemm l-ebda bidla eċċessiva fil-prestazzjoni fotometrika.

6.5. Jekk il-lenti tal-fanal ta' quddiem tkun magħmula minn materjal tal-plastik, it-testijiet għandhom jitwettqu skont ir-rekwiżiti tal-anness 6.

7. SPEĊIFIKAZZJONIJIET SPEĊJALI

7.1. Il-pożizzjoni korretta tal-lenti fir-rigward tas-sistema ottika għandha tkun immarkata b'mod ċar u tissakkar biex ma ddurx waqt it-tħaddim.

7.2. Għall-kejl tal-illuminazzjoni prodotta mill-fanal ta' quddiem, għandu jintuża skrin tal-kejl kif deskritt fl-anness 3 ta' dan ir-Regolament u bozza tal-filament standard ($S_1$ u/jew $S_2$, ir-Regolament Nru 37) b'bozza lixxa u bla kulur.

Il-bozza tal-filament standard għandha tiġi aġġustata għall-fluss luminuż ta' referenza applikabbli skont il-valuri preskritti għal dawn il-bozoz.

7.3. Ir-raġġ tad-dawl il-baxx għandu jkollu punt tal-waqfien ċar biżżejjed sabiex l-immirar ikun jista' jsir b'mod sodisfaċenti bl-għajnuna tiegħu. Il-"punt tal-waqfien" għandu jkun kemm jista' jkun dritt u orizzontali fuq firxa ta' mill-inqas 5° fuq kull naħa tal-linja v-v (ara l-anness 3).

Meta mmirati skont l-anness 3, il-fanali ta' quddiem għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fih.

7.4. Id-disinn tar-raġġ ma għandux jippreżenta varjazzjonijiet laterali detrimentali għall-viżibilità tajba.

7.5. L-illuminazzjoni tal-iskrin imsemmi fil-paragrafu 7.2 għandha titkejjel permezz ta' fotoelement li jkollu erja utli fi ħdan kaxxa b'ġenb ta' 65 mm.

8. DISPOŻIZZJONIJIET LI JIKKONĊERNAW IL-LENTIJIET U L-FILTRI KKULURITI

8.1. Approvazzjoni tista' tinkiseb għall-fanali ta' quddiem li jitfgħu dawl bla kulur jew isfar selettiv b'bozza tal-filament mhux kulurita. Espressi f'koordinati trikromatiċi CIE, il-karatteristiċi kolorimetriċi korrispondenti għal-lentijiet jew il-filtri sofor huma dawn li ġejjin:

Filtru selettiv isfar (skrin jew lenti)

| | |
|---|---|
| Limitu lejn l-aħmar | $y \geq 0{,}138 + 0{,}58\ x$ |
| Limitu lejn l-aħdar | $y \leq 1{,}29\ x — 0{,}1$ |
| Limitu lejn l-abjad | $y \geq —\ x + 0{,}966$ |
| Limitu lejn valur spettrali | $y \leq —\ x + 0{,}992$ |

li jista' jiġi espress kif ġej:

| | |
|---|---|
| tul tal-mewġiet dominanti | 575 — 585 n m |
| fattur tal-purità | 0,90 — 0,98 |

Il-fattur tat-trażmissjoni għandu jkun ≥ 0,78

Il-fattur tat-trażmissjoni għandu jkun ddeterminat bl-użu ta' sors tad-dawl b'temperatura tal-kulur ta' 2 856 K. (Korrispondenti għall-illuminanti A tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-illuminazzjoni (CIE)).

8.2. Il-filtru għandu jkun parti mill-fanal ta' quddiem, u għandu jingħaqad magħha b'tali mod li l-utent ma jkun jista jneħħih bi żball jew intenzjonalment, b'għodod ordinarji.

8.3. Osservazzjoni dwar il-kulur

Billi kull approvazzjoni skont dan ir-Regolament tingħata, skont il-paragrafu 8.1 hawn fuq, għal tip ta' fanal ta' quddiem li jitfa' raġġ ta' dawl bla kulur jew dawl isfar selettiv, l-artikolu 3 tal-ftehim li r-Regolament huwa anness miegħu ma għandux jimpedixxi lill-Partijiet Kontraenti milli jipprojbixxu fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ ta' dawl bla kulur jew isfar selettiv fuq vetturi rreġistrati minnhom.

9. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

9.1. Wara sitt xhur mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 113, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jieqfu jagħtu approvazzjonijiet ECE skont dan ir-Regolament.

9.2. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu estensjonijiet tal-approvazzjoni jekk it-tip tal-fanal ta' quddiem ikun jikkorrispondi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi 01.

9.3. Approvazzjonijiet MB eżistenti mogħtija skont dan ir-Regolament qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 113 u l-estensjonijiet kollha ta' dawn l-approvazzjonijiet, inklużi dawk għal serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament mogħtija sussegwentement, għandhom jibqgħu validi indefinitivament.

9.4. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu approvazzjonijiet għall-fanali ta' quddiem fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament, bil-kundizzjoni li l-fanali ta' quddiem ikunu maħsuba bħala sostituzzjonijiet biex jitwaħħlu fuq vetturi li qed jintużaw.

9.5. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 113, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tipprojbixxi t-twaħħil ta' fanal ta' quddiem fuq tip ġdid ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament Nru 113.

9.6. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jippermettu t-twaħħil fuq tip ta' vettura jew vettura ta' fanal ta' quddiem approvat skont dan ir-Regolament.

9.7. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jippermettu t-twaħħil jew l-użu fuq vettura li qed tintuża ta' fanal ta' quddiem approvat skont dan ir-Regolament kif emendat bis-serje preċedenti ta' emendi, sakemm il-fanal ta' quddiem ikun intiż għas-sostituzzjoni.

10. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

10.1. Il-fanali ta' quddiem approvati skont dan ir-Regolament għandhom ikunu mmanifatturati b'mod li jikkonformaw mat-tip approvat billi jissodisfaw ir-rekwiżiti elenkati fil-paragrafu 7 hawn fuq.

10.2. Sabiex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti tal-paragrafu 10.1 ġew sodisfatti, għandhom isiru kontrolli adegwati tal-produzzjoni.

10.3. Id-detentur tal-approvazzjoni għandu, b'mod partikolari:

10.3.1. jassigura l-eżistenza ta' proċeduri għal kontroll effettiv tal-kwalità tal-prodotti;

10.3.2. ikollu aċċess għat-tagħmir ta' kontroll meħtieġ għall-verifika tal-konformità ma' kull tip approvat;

10.3.3. jiżgura li d-dejta tar-riżultati tat-testijiet tiġi rreġistrata u li d-dokumenti relatati għandhom jibqgħu disponibbli għal perjodu li għandu jiġi ddeterminat f'konformità mad-dipartiment amministrattiv;

10.3.4. janalizza r-riżultati ta' kull tip ta' test, sabiex jikkontrolla u jiżgura l-istabbiltà tal-karatteristiċi tal-prodott filwaqt li jagħmel konċessjoni għal varjazzjoni fil-produzzjoni industrijali;

10.3.5. jiżgura li, għal kull tip ta' prodott, għall-inqas jitwettqu t-testijiet preskritti fl-anness 5 ta' dan ir-Regolament;

10.3.6. jassigura li kull ġbir ta' kampjuni li jagħtu evidenza ta' nuqqas ta' konformità mat-tip tat-test ikkunsidrat, jagħti lok għal teħid ta' kampjun ieħor u test ieħor. Għandhom jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità tal-produzzjoni korrispondenti.

10.4. L-awtorità kompetenti li tat l-approvazzjoni tat-tip tista', meta jidhrilha, tivverifika l-metodi ta' kontroll dwar il-konformità applikabbli għal kull unità tal-produzzjoni.

10.4.1. F'kull spezzjoni, il-kotba tat-test u r-reġistri tal-istħarriġ dwar il-produzzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-ispettur li jkun żar il-post.

10.4.2. L-ispettur jista' jieħu kampjuni kif ġie ġie biex jiġu ttestjati fil-laboratorju tal-manifattur. In-numru minimu ta' kampjuni jista' jiġi ddeterminat fid-dawl tar-riżultati tal-kontrolli tal-manifattur stess.

10.4.3. Meta l-livell tal-kwalità jidher li mhux sodisfaċenti jew meta jidher li jinħtieġ li tiġi vverifikata l-validità tat-testijiet imwettqa fl-applikazzjoni tal-paragrafu 10.4.2. imsemmi qabel, l-ispettur għandu jagħżel il-kampjuni, sabiex jintbagħtu lid-dipartiment tekniku li jkun wettaq it-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip, permezz tal-kriterji tal-anness 7.

10.4.4. L-awtorità kompetenti tista' twettaq kull test preskritt f'dan ir-Regolament. Dawn it-testijiet isiru fuq kampjuni magħżula kif ġie ġie mingħajr ma tiġi kkawżata distorsjoni tal-impenji ta' kunsinna tal-manifattur u f'konformità mal-kriterji tal-anness 7.

10.4.5. L-awtorità kompetenti għandha taħdem biex tikseb frekwenza ta' spezzjoni ta' darba kull sentejn. Madankollu, dan huwa fid-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti u l-kunfidenza tagħhom fl-arranġamenti sabiex jiġi żgurat kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni. Fil-każ li jiġu rreġistrati riżultati negattivi, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità tal-produzzjoni malajr kemm jista' jkun.

10.5. Il-fanali ta' quddiem b'difetti evidenti ma jiġux ikkunsidrati.

11. PENALI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

11.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-tip ta' fanal ta' quddiem f'konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq ma jkunux sodisfatti, jew jekk fanal ta' quddiem li għandu l-marka tal-approvazzjoni ma jikkonformax mat-tip approvat.

11.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolment tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, din għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-anness 1 ta' dan ir-Regolament.

12. MODIFIKA U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' TIP TA' FANAL TA' QUDDIEM

12.1. Kull modifika tat-tip ta' fanal ta' quddiem għandha tkun innotifikata lid-dipartimenti amministrattivi li approvaw it-tip ta' fanal ta' quddiem. Id-Dipartiment imbagħad jista' jew:

12.1.1. Jikkunsidra li mhux probabbli li l-modifiki li saru jkollhom effett negattiv notevoli u li, fi kwalunkwe każ, il-fanal ta' quddiem xorta huwa konformi mar-rekwiżiti; jew

12.1.2. Jitlob rapport ieħor tat-testijiet mis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

12.2. Il-konferma jew iċ-ċaħda tal-approvazzjoni, li tispeċifika l-alterazzjonijiet għandha tiġi kkomunikata skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 5.3 hawn fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

12.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tagħti numru tas-serje lil estensjoni bħal din u tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li taqbel mal-mudell fl-anness 1 ta' dan ir-Regolament.

13. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf kompletament milli jimmanifattura tip ta' fanal ta' quddiem approvat skont dan ir-Regolament, għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċevi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

14. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

Il-Partijiet għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li għandhom jintbagħtulhom il-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

*ANNESS 1*

**KOMUNIKAZZJONI**

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))




maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....................................................................................

.....................................................................................

.....................................................................................

dwar(2): Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni miċħuda

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' fanal ta' quddiem skont ir-Regolament Nru 57

Nru tal-Approvazzjoni ................................................................ Nru tal-Estensjoni ..........................................................

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tal-fanal ta' quddiem: ..............................................................................................
2. L-isem tal-manifattur għat-tip ta' fanal ta' quddiem: ..............................................................................................
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: ..............................................................................................
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: ..............................................................................................
5. Imressqa għall-approvazzjoni nhar: ..............................................................................................
6. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: ..............................................................................................
7. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: ..............................................................................................
8. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: ..............................................................................................
9. Deskrizzjoni konċiża:
   - Il-kategorija kif deskritta mill-immarkar rilevanti: MB, MB/, MB PL, MB/PL (2)
   - Kategorija tal-bozza tal-filament: $S_1$, $S_2$, $S_1/S_2$ (2),

   Kulur tad-dawl mitfugħ: abjad/isfar selettiv (2)
10. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni: ..............................................................................................
11. Ir-raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk ikun applikabbli): ..............................................................................................
12. Approvazzjoni mogħtija/irrifjutata/estiża/irtirata (2)
13. Post: ..............................................................................................
14. Data: ..............................................................................................
15. Firma: ..............................................................................................
16. Il-lista tad-dokumenti ddepożitati mas-Servizz Amministrattiv li ta l-approvazzjoni hija annessa ma' din il-komunikazzjoni u tista' tinkiseb fuq talba.

---

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).

(2) Aqta' barra dak li ma japplikax.

*ANNESS 2*

**ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI**







a = 12 mm min.

Il-fanal ta' quddiem li għandu l-marka tal-approvazzjoni t'hawn fuq ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) bin-numru tal-approvazzjoni 012439. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni nħarġet skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje tal-emendi 01.

*Nota* : In-numru tal-approvazzjoni jrid jitqiegħed qrib iċ-ċirku u jew fuq jew taħt l-"E" jew inkella fuq ix-xellug jew il-lemin ta' dik l-ittra. Iċ-ċifri tan-numru tal-approvazzjoni jridu jkunu fuq l-istess naħa tal-"E" u jridu jħarsu fl-istess direzzjoni. L-użu tan-numri Rumani bħala numru tal-approvazzjoni għandu jiġi evitat sabiex ma jkunx hemm konfużjoni ma' simboli oħra.

Identifikazzjoni ta' fanal ta' quddiem li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 57 Il-fanal ta' quddiem ikun iddisinjat b'tali mod li l-filament tar-raġġ tad-dawl baxx

jista' jinxtegħel ma għandux jinxtegħel

simultanjament mar-raġġ għas-sewqan u/jew funzjoni oħra tad-dawl inkorporata reċiprokament.




Il-fanal ta' quddiem li għandu l-marka tal-approvazzjoni t'hawn fuq huwa fanal ta' quddiem li jinkorpora lenti ta' materjal tal-plastik li ġie approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) bin-numru tal-approvazzjoni 01 2440. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje tal-emendi 01.

Huwa ddisinjat b'tali mod li l-filament tar-raġġ tad-dawl baxx jista' jinxtegħel simultanjament mar-raġġ għas-sewqan u/jew funzjoni ta' dawl ieħor inkorporata reċiprokament.

*ANNESS 3*

**TESTIJIET FOTOMETRIĊI**

1. Għall-immirar, l-iskrin tal-immirar għandu jitqiegħed f'distanza ta' mill-anqas 10 m quddiem il-fanal ta' quddiem, u l-linja h-h għandha tkun orizzontali. Għall-kejl, il-fotoelement għandha tkun f'distanza ta' 25 m quddiem il-fanal ta' quddiem u perpendikulari mal-linja li tgħaqqad il-filament tal-bozza tal-filament u l-punt HV.

2. Lateralment, il-fanal ta' quddiem għandu jkun immirat b'mod li ċ-ċentru tar-raġġ għas-sewqan ikun fuq il-linja vertikali v-v.

3. Vertikalment, il-fanal ta' quddiem għandu jkun immirat b'mod li l-"punt tal-waqfien" tar-raġġ tad-dawl baxx ikun jinsab 250 mm taħt il-linja h-h.

4. Il-fanal ta' quddiem, meta mmirat skont il-paragrafi 2 u 3 hawn fuq, simili għall-kundizzjonijiet tar-raġġ għas-sewqan, għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

4.1. iċ-ċentru luminuż tar-raġġ għas-sewqan għandu jkun jinsab mhux iktar minn 0,6° 'il fuq jew taħt il-linja h-h.

4.2. l-illuminazzjoni tar-raġġ għas-sewqan għandha tilħaq il-valur massimu tagħha $E_{max}$ fiċ-ċentru tad-disinn tar-raġġ sħiħ u tonqos lateralment;

4.3. l-illuminazzjoni massima ($E_{max}$) tar-raġġ għas-sewqan għandha tkun mill-inqas 32 lux;

4.3.1. 32 lux għall-fanali ta' quddiem tal-klassi MB;

4.4. l-illuminazzjoni prodotta mir-raġġ għas-sewqan għandha tissodisfa l-valuri li ġejjin:

4.4.1. il-punt tal-intersezzjoni (HV) tal-linji h-h u v-v għandu jinstab fl-isolux 90 fil-mija tal-illuminazzjoni massima.

4.4.2. mill-punt HV, orizzontalment lejn il-lemin u x-xellug, l-illuminazzjoni tar-raġġ għas-sewqan ma għandhiex tkun inqas minn 12 lux għall-fanali ta' quddiem tal-klassi MB sa distanza ta' 1,125 m u mhux inqas minn 3 lux sa distanza ta' 2,25 m.

4.5. l-illuminazzjoni li tiġi mir-raġġ tad-dawl baxx fuq l-iskrin għandha tissodisfa l-valuri li ġejjin:

| Il-punt tal-kejl | Fanal ta' quddiem tal-klassi MB |
|---|---|
| Kwalunkwe punt fuq u 'l fuq mil-linja h-h | ≤ 0,7 lux |
| Kwalunkwe punt fuq il-linja 50L-50R ħlief 50 V (*) | ≥ 1,5 lux |
| Il-punt 50 V | ≥ 3 lux |
| Kwalunkwe punt fuq il-linja 25L-25R | ≥ 3 lux |
| Kwalunkwe punt fiż-żona IV | ≥ 1,5 lux |

(*) intensità $\frac{50R}{50V} = 0{,}25$minimu.

5. L-ISKRIN TAL-KEJL U L-IMMIRAR

(dimensjonijiet f'mm għal distanza ta' 25 m)




6. Għall-bozoz tal-filament, għandhom jintużaw il-kategoriji $S_1$ jew $S_2$ skont ir-Regolament Nru 37.

*ANNESS 4*

**TESTIJIET TAL-ISTABBILTÀ TAL-PRESTAZZJONI FOTOMETRIKA TAL-FANALI TA' QUDDIEM WAQT IT-TĦADDIM**

IT-TESTIJIET FUQ IL-FANALI TA' QUDDIEM KOMPLUTI

Ladarba jkunu tkejlu l-valuri fotometriċi konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tar-Regolament preżenti, fil-punti għal $E_{max}$ għar-raġġ għas-sewqan u HV, 50 R, 50 L, B 50 għar-raġġ tad-dawl baxx, għandu jiġi ttestjat kampjun ta' fanal ta' quddiem komplut għall-istabbiltà tal-prestazzjoni fotometrika waqt it-tħaddim. "Fanal ta' quddiem komplut" għandha tinftiehem bħala l-fanal innifsu komplut inklużi dawk il-partijiet tal-bodi ta' madwaru u l-fanali li jistgħu jinfluwenzaw id-dissipazzjoni termali tiegħu.

1. TEST GĦALL-ISTABBILTÀ TAL-PRESTAZZJONI FOTOMETRIKA

It-testijiet għandhom jitwettqu f'atmosfera xotta u mingħajr ċaqliq f'temperatura tal-ambjent ta' 23 °C ± 5 °C, bil-fanali ta' quddiem kompluti mmuntati fuq bażi li tirrappreżenta l-installazzjoni korretta fuq il-vettura.

1.1. Fanal ta' quddiem nadif

Il-fanal ta' quddiem għandu jitħaddem għal 12-il siegħa kif deskritt fis-sottoparagrafu 1.1.1 u jiġi ċċekkjat kif preskritt fis-sottoparagrafu 1.1.2.

1.1.1. Proċedura tat-test

Il-fanal ta' quddiem għandu jitħaddem għal perjodu skont il-ħin speċifikat, sabiex:

1.1.1.1. (a) fil-każ fejn se tiġi approvata funzjoni waħda biss ta' tidwil (raġġ għas-sewqan jew ir-raġġ baxx), għandu jinxtegħel il-filament korrispondenti għall-ħin preskritt ([1]),

(b) fil-każ ta' fanal tar-raġġ baxx u fanal tas-sewqan reċiprokament inkorporati (bozza b'żewġ filamenti jew żewġ bozoz bil-filament):

Jekk l-applikant jiddikjara li l-fanal ta' quddiem għandu jintuża b'filament wieħed mixgħul ([2]) f'ħin wieħed, it-test għandu jitwettaq skont din il-kundizzjoni, u jattiva funzjoni wara l-oħra għal nofs iż-żmien speċifikat fil-paragrafu 1.1;

Fil-każijiet l-oħra kollha, il-fanal ta' quddiem għandu jkun soġġett għaċ-ċiklu li ġej sakemm il-ħin speċifikat jintlaħaq:

15-il minuta, bil-filament tar-raġġ tad-dawl baxx mixgħul;

5 minuti, il-filamenti kollha mixgħula.

(c) fil-każ ta' funzjonijiet tad-tidwil raggruppati, il-funzjonijiet individwali kollha għandhom jinxtegħlu simultanjament għaż-żmien speċifikat għall-funzjonijiet tad-tidwil individwali (a) ukoll bil-qies tal-użu tal-funzjonijiet tad-tidwil inkorporati reċiprokament (b), skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur.

1.1.1.2. Vultaġġ tal-ittestjar

Il-vultaġġ għandu jkun aġġustat b'tali mod li jfornixxi 90 % tal-watts massimi speċifikati għall-bozoz tal-filament tal-kategorija S fir-Regolament Nru. 37.

Il-qawwa applikata għandha tikkonforma fil-każijiet kollha mal-valur korrispondenti ta' bozza tal-filament b'vultaġġ stmat ta' 12 V, minbarra fil-każ fejn l-applikant għall-approvazzjoni jispeċifika li l-fanal ta' quddiem jista' jintuża b'vultaġġ differenti.

1.1.2. Riżultati tal-ittestjar

1.1.2.1. Spezzjoni viżwali

Ladarba l-fanal ta' quddiem ikun ġie stabilizzat għat-temperatura ambjentali, il-lenti tal-fanal ta' quddiem u l-lenti esterna, jekk applikabbli, għandhom jitnaddfu b'ċarruta tal-qoton nadifa u niedja. Il-fanal għandu mbagħad jiġi spezzjonat viżwalment; ma għandu jkun hemm ebda tgħawwiġ, deformazzjoni, tixqiq jew bidla fil-kulur la tal-lenti tal-fanal ta' quddiem u lanqas tal-lenti esterna, jekk applikabbl.

---

([1]) Meta l-fanal ta' quddiem ittestjat ikun raggruppat u/jew reċiprokament inkorporat ma' bozoz li jagħtu s-sinjali, dawn tal-aħħar għandhom jinxtegħlu sakemm idum it-test.

([2]) Jekk żewġ bozoz tal-filament jew aktar ikunu mixgħula simultanjament meta l-fanal ta' quddiem jkun qed jintuża għall-ifflexxjar, dan m'għandux jitqies li jkun użu normali tal-filamenti simultanjament.

1.1.2.2. It-test fotometriku

Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-valuri fotometriċi għandhom jiġu verifikati għall-punti li ġejjin:

Raġġ tad-dawl baxx:

50 R, 50 L, B 50 HV

Raġġ għas-sewqan:

Punt ta' $E_{max}$

Jista' jsir immirar ieħor biex issir konċessjoni għal kwalunkwe deformazzjoni tal-bażi tal-fanal ta' quddiem minħabba s-sħana (il-bidla fil-pożizzjoni tal-linja tal-punt ta' waqfien hija koperta fil-paragrafu 2 ta' dan l-anness).

Hija permissibbli diskrepanza ta' 10 % bejn il-karatteristiċi fotometriċi u l-valuri mkejla qabel it-test inklużi t-tolleranzi tal-proċedura fotometrika.

1.2. Fanal ta' quddiem maħmuġ

Wara li tiġi ttestjata kif speċifikat fis-sottoparagrafu 1.1 imsemmi qabel, il-fanal ta' quddiem għandu jitħaddem għal siegħa kif deskritt fis-sottoparagrafu 1.1.1, wara li jkun ġie ppreparat kif preskritt fis-sottoparagrafu 1.2.1, u vverifikat kif preskritt fis-sottoparagrafu 1.1.2.

1.2.1. Preparazzjoni tal-fanal ta' quddiem

1.2.1.1. Taħlita tal-ittestjar

1.2.1.1.1. Għal fanal ta' quddiem bil-lenti ta' barra tal-ħġieġ:

It-taħlita ta' ilma u ta' aġent li jniġġes li għandha tiġi applikata mal-fanal ta' quddiem għandha tkun magħmula minn:

9 partijiet skont il-piż ta' ramel tas-silika b'partikuli ta' 0 – 100 μm,

parti waħda skont il-piż ta' trab tal-karbonju veġetali (tal-fagu) b'partikuli ta' 0 – 100 μm,

0,2 partijiet skont il-piż ta' NaCMC ([3]), u

ammont xieraq ta' ilma distillat, b'konduttività ta' ≤ 1 mS/m.

Ma jridux ikunu għaddew iktar minn 14-il ġurnata minn fuq it-taħlita.

1.2.1.1.2. Għal fanal ta' quddiem bil-lenti ta' barra tal-plastik:

It-taħlita ta' ilma u ta' aġent li jniġġes li għandha tiġi applikata fuq il-fanal ta' quddiem għandha tkun magħmula minn:

9 partijiet skont il-piż ta' ramel tas-silika b'partikuli ta' 0 – 100 μm,

parti waħda skont il-piż ta' trab tal-karbonju veġetali (tal-fagu) b'partikuli ta' 0 – 100 μm,

parti skont il-piż ta' NaCMC,

13-il parti skont il-piż ta' ilma distillat b'konduttività ta'≤ 1 mS/m, u

2 ± 1 partijiet skont il-piż ta' surface-actant ([4]).

Ma jridux ikunu għaddew iktar minn 14-il ġurnata minn fuq it-taħlita.

1.2.1.2. L-applikazzjoni tat-taħlita tat-test mal-fanal ta' quddiem

It-taħlita tat-test għandha tkun applikata b'mod uniformi mas-superfiċje kollha li titfa' d-dawl tal-fanal ta' quddiem u mbagħad titħalla tinxef. Din il-proċedura għandha tiġi rripetuta sakemm il-valur tal-illuminazzjoni jkun naqas għal 15–20 % tal-valuri mkejla għal kull wieħed mill-punti li ġejjin fl-kundizzjonijiet deskritti f'dan l-anness:

Il-punt ta' $E_{max}$ fir-raġġ tad-dawl tas-sewqan, id-distribuzzjoni fotometrika għal fanal bir-raġġ tas-sewqan/bir-raġġ baxx,

Il-punt ta' $E_{max}$ fir-raġġ tad-dawl tas-sewqan, id-distribuzzjoni fotometrika għal fanal bir-raġġ tas-sewqan biss,

B 50 u 50 V ([5]) għal fanal tad-dawl baxx biss.

([3]) NaCMC jirrappreżenta l-melħ tas-sodju tal-karbossimetilċelluloża, ġeneralment imsejjaħ CMC. L-NaCMC użat fit-taħlita tal-ħmieġ irid ikollu grad ta' sostituzzjoni (DS) ta' 0,6 – 0,7 u viskożità ta' 200 – 300 cPgħal soluzzjoni ta' 2 % f'20 °C.

([4]) It-tolleranza fuq il-kwantità hija minħabba l-ħtieġa li jinkiseb ħmieġ li jinfirex b'mod korrett fuq il-lenti kollha tal-plastik.

([5]) Il-punt 50 V jinstab 375 mm 'l isfel minn HV fuq il-linja vertikali v-v fuq l-iskrin f'distanza ta' 25 m.

1.2.1.3. It-tagħmir għall-kejl

It-tagħmir għall-kejl għandu jkun ekwivalenti għal dak użat matul it-testijiet tal-approvazzjoni tal-fanali ta' quddiem. Għandu jintuża bozza tal-filament standard (ta' referenza) għall-verifika fotometrika.

2. VERIFIKA TAĊ-ĊAQLIQ VERTIKALI TAL-PUNT TAL-WAQFIEN TAĦT L-EFFETT TAS-SĦANA

Dan it-test jikkonsisti fil-verifika li t-tendenza vertikali tal-linja tal-punt tal-waqfien taħt l-influwenza tas-sħana ma taqbiżx valur speċifikat għal fanal tad-dawl baxx li jkun qed jitħaddem.

Il-fanal ta' quddiem ittestjat skont il-paragrafu 1, għandu jkun soġġett għat-test deskritt fil-paragrafu 2.1, mingħajr ma jitneħħa minn fejn kien imwaħħal matul it-test jew aġġustat mill-ġdid.

2.1. It-test

It-test għandu jitwettaq f'atmosfera xotta u mingħajr ċaqliq f'temperatura tal-ambjent ta' 23 °C ± 5 °C.

Bl-użu ta' bozza tal-filament prodotta bil-massa li ntużat għal mill-inqas siegħa, il-fanal ta' quddiem għandu jitħaddem biex jitfa' r-raġġ baxx mingħajr ma jkun żarmat jew mingħajr ma tkun aġġustat mill-ġdid minn kif kien imwaħħal matul it-test. (Għall-fini ta' dan it-test, il-vultaġġ għandu jiġi aġġustat kif speċifikat fil-paragrafu 1.1.1.2). Il-pożizzjoni tal-linja tal-punt tal-waqfien fil-parti orizzontali tagħha (bejn il-linji vertikali li jgħaddu mill-punt 50 L u 50 R) trid tiġi verifikata 3 minuti (r3) u 60 minuta (r60) rispettivament wara t-tħaddim.

Il-kejl tal-varjazzjoni fil-pożizzjoni tal-linja tal-punt tal-waqfien kif deskritt qabel għandu jitwettaq permezz ta' kwalunkwe metodu li jagħti preċiżjoni aċċettabbli u riżultati li jistgħu jistgħu riprodotti.

2.2. Riżultati tal-ittestjar

2.2.1. Ir-riżultat f'milliradians (mrad) għandu jitqies bħala aċċettabbli għal bozza tad-dawl baxx, biss meta l-valur assolut $\Delta r_I = (r_3 - r_{60})$ irreġistrat fuq il-fanal ta' quddiem ma jkunx aktar minn 1,0 mrad ($\Delta rI \leq 1{,}0$ mrad).

2.2.2. Madankollu, jekk dan il-valur ikun aktar minn 1,0 mrad imma mhux aktar minn 1,5 mrad ($1{,}0 \text{ mrad} < \Delta r_I \leq 1{,}5 \text{ mrad}$) fanal ta' quddiem ieħor għandu jiġi ttestjat kif deskritt fil-paragrafu 2.1 wara li jkun ġie soġġett għaċ-ċiklu kif deskritt hawn taħt għal tliet darbiet konsekuttivi, sabiex tiġi stabbilizzata l-pożizzjoni tal-partijiet mekkaniċi tal-fanal ta' quddiem fuq bażi li tirrappreżenta l-installazzjoni korretta fuq il-vettura:

It-tħaddim tal-bozza bir-raġġ tad-dawl il-baxx għal siegħa, (il-vultaġġ għandu jiġi aġġustat kif speċifikat fil-paragrafu 1.1.1.2),

Perjodu ta' serħan għal siegħa.

It-tip tal-fanal ta' quddiem għandu jitqies bħala aċċettabbli jekk il-valur medju tal-valuri assoluti $\Delta r_I$ imkejla fuq l-ewwel kampjun u $\Delta r_{II}$ imkejla fuq it-tieni kampjun ma jkunx aktar minn 1,0 mrad:

$$\left(\frac{\Delta r_I + \Delta r_{II}}{2} \leq 1{,}0 \text{mrad}\right)$$

*ANNESS 5*

**REKWIŻITI MINIMI GĦALL-PROĊEDURI TA' KONTROLL TAL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI**

1. ĠENERALI

1.1. Ir-rekwiżiti tal-konformità għandhom jiġu kkunsidrati milħuqa minn perspettiva mekkanika u ġeometrika, jekk id-differenzi ma jaqbżux id-devjazzjonijiet fil-manifattura inevitabbli skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

1.2. Fir-rigward tal-prestazzjoni fotometrika, il-konformità ta' fanali ta' quddiem prodotti bil-massa m'għandhiex tiġi kkontestata jekk, meta tiġi ttestjata l-prestazzjoni fotometrika ta' kwalunkwe fanal ta' quddiem magħżul kif ġie ġie u mgħammar b'bozza tal-filament standard:

1.2.1. l-ebda valur li jitkejjel ma jvarja negattivament b'iżjed minn 20 % mill-valuri minimi preskritti f'dan ir-Regolament. Għall-valur fiż-żona III, id-devjazzjoni mhux favorevoli massima tista' tkun rispettivament ta':

0,3 lux ekwivalenti 20 %

0,45 lux ekwivalenti 30 %

1.2.2. u jekk, għar-raġġ għas-sewqan, HV ikun jinstab fl-isolux 0,75 $E_{max}$, tkun osservata tolleranza ta' ± 20 % għall-valuri massimi u ta' — 20 % għall-valuri minimi għall-valuri fotometriċi fi kwalunkwe punt tal-kejl speċifikat fil-paragrafi 4.3 u 4.4 tal-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

1.2.3. Jekk ir-riżultati tat-testijiet deskritti aktar 'il fuq ma jissodisfawx ir-rekwiżiti, it-testijiet fuq il-fanal ta' quddiem għandhom jiġu repetuti bl-użu ta' fanal bil-filament standard ieħor.

1.3. Fir-rigward tal-verifika tal-bidla fil-pożizzjoni vertikali tal-linja tal-punt tal-waqfien taħt l-influwenza tas-sħana, din il-proċedura għandha tiġi applikata:

Wieħed mill-fanali ta' quddiem li huwa parti mill-kampjun għandu jiġi ttestjat skont il-proċedura deskritta fil-paragrafu 2.1 tal-Anness 4 wara li jkun ġie soġġett għal tliet darbiet konsekuttivi għaċ-ċiklu deskritt fil-paragrafu 2.2.2 tal-Anness 4.

Il-fanal ta' quddiem għandu jiġi kkunsidrat aċċettabbli jekk Δr ma jeċċedix 1,5 mrad.

Jekk dan il-valur jeċċedi 1,5 mrad imma ma jkunx ta' aktar minn 2,0 mrad, fanal ta' quddiem ieħor għandu jiġi soġġett għat-test biex b'hekk il-medja tal-valuri assoluti rreġistrati fuq iż-żewġ kampjuni ma teċċedix l-1,5 mrad.

1.4. Il-koordinati tal-kromatiċità għandhom ikunu konformi ma' meta l-fanal ta' quddiem ikun mgħammar b'bozza tal-filament stabbilita f'temperatura tal-kulur Standard A.

Il-prestazzjoni fotometrika ta' fanal ta' quddiem li qed jitfa' dawl isfar selettiv meta jkun mgħammar b'bozza tal-filament bla kulur għandha tkun il-valuri inklużi f'dan ir-Regolament immultiplikati b'0,84.

2. REKWIŻITI MINIMI GĦALL-VERIFIKA TAL-KONFORMITÀ MILL-MANIFATTUR

Għal kull tip ta' fanal ta' quddiem id-detentur tal-marka tal-approvazzjoni għandu jwettaq mill-inqas dawn it-testijiet, f'intervalli xierqa. It-testijiet għandhom jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Jekk jittieħdu kampjuni u jirriżulta li skont it-tip ta' test li jkun sarilhom ma jikkonformawx, iridu jerġgħu jittieħdu kampjuni oħrajn u jerġgħu jiġu sottomessi għat-testijiet. Il-manifattur għandu jieħu passi biex jiżgura l-konformità tal-produzzjoni kkonċernata.

2.1. In-natura tat-testijiet

It-testijiet tal-konformità f'dan ir-Regolament għandhom ikopru l-karatteristiċi fotometriċi u l-verifika tal-bidla fil-pożizzjoni vertikali tal-linja tal-punt tal-waqfien taħt l-influwenza tas-sħana.

2.2. Metodi użati fit-testijiet

2.2.1. It-testijiet għandhom ġeneralment jitwettqu skont il-metodi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2.2.2. Fi kwalunkwe test tal-konformità mwettaq mill-manifattur, metodi ekwivalenti jistgħu jintużaw bil-kunsens tal-awtorità kompetenti responsabbli għal testijiet tal-approvazzjoni. Il-manifattur huwa responsabbli biex jipprova li l-metodi applikati jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2.2.3. L-applikazzjoni tal-paragrafi 2.2.1 u 2.2.2 teħtieġ kalibrar regolari tal-apparat tat-test u l-korrelazzjoni tiegħu ma' kejl magħmul minn awtorità kompetenti.

2.2.4. Fil-każijiet kollha l-metodi ta' referenza għandhom ikunu dawk ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-iskop ta' verifika amministrattiva u teħid ta' kampjuni.

2.3. In-natura tat-teħid tal-kampjuni

Kampjuni ta' fanali ta' quddiem għandhom jingħażlu kif ġie ġie mill-produzzjoni ta' lott uniformi. Lott uniformi tfisser sett ta' fanali ta' quddiem tal-istess tip, definit skont il-metodi tal- produzzjoni tal-manifattur.

L-evalwazzjoni għandha ġeneralment tkopri produzzjoni tas-serje minn fabbriki individwali. Madankollu, manifattur jista' jiġbor flimkien rekords dwar l-istess tip minn diversi fabbriki, sakemm dawn jaħdmu blistess sistema ta' kwalità u ġestjoni tal-kwalità.

2.4. Karatteristiċi fotometriċi mkejlin u rreġistrati

Il-fanali ta' quddiem li huma parti mill-kampjun għandhom ikunu soġġetti għall-kejl fotometriku fil-punti pprovduti fir-Regolament, bil-qari limitat għall-punti $E_{max}$, HV [1], fil-każ ta' raġġ għas-sewqan, u għall-punti HV, 50 R, 50 L fil-każ tar-raġġ tad-dawl baxx (ara l-figura fl-Anness 3).

2.5. Il-kriterji li jirregolaw l-aċċettabbiltà

Hija r-responsabbiltà tal-manifattur li jagħmel studju statistiku tar-riżultati tat-testijiet u jiddefinixxi, fi qbil mal-awtorità kompetenti, il-kriterji li jiddeċiedu kemm il-prodotti tiegħu jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet għall-verifika tal-konformità li jinsabu fil-paragrafu 10.1 ta' dan ir-Regolament.

Il-kriterji għall-kejl tal-aċċettabbiltà għandhom ikunu tali sabiex, b'livell ta' fiduċja ta' 95 %, il-probabbiltà minima li jgħaddu minn test għall-għarrieda skont l-Anness 7 (l-ewwel kampjunar) tkun ta' 0,95.

---

(1) Il-punt 50 V jinstab 375 mm 'l isfel minn HV fuq il-linja vertikali v-v fuq l-iskrin f'distanza ta' 25 m.

*ANNESS 6*

**REKWIŻITI GĦALL-FANALI LI FIHOM LENTIJIET MAGĦMULA MINN MATERJAL TAL-PLASTIK — L-ITTESTJAR TA' KAMPJUNI TAL-LENTI JEW TAL-MATERJAL U TA' FANALI KOMPLUTI**

1. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

1.1. Il-kampjuni pprovduti skont il-paragrafu 3.2.4 ta' dan ir-Regolament għandhom jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet indikati fil-paragrafi 2.1 sa 2.5 hawn taħt.

1.2. Iż-żewġ kampjuni ta' fanali kompluti pprovduti skont il-paragrafu 3.2.3 ta' dan ir-Regolament u li jinkorporaw lentijiet ta' materjal tal-plastik għandhom, fir-rigward tal-materjal tal-lenti, jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet indikati fil-paragrafu 2.6 aktar 'l isfel.

1.3. Il-kampjuni tal-lentijiet ta' materjal tal-plastik jew il-kampjuni tal-materjal għandhom jiġu soġġetti, flimkien mar-riflettur li huma intenzjonati li jitwaħħlu miegħu (fejn japplika), għat-testijiet tal-approvazzjoni fl-ordni kronoloġika indikat fit-Tabella A riprodotta fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness.

1.4. Madankollu, jekk il-manifattur tal-fanal jista' jipprova li l-prodott diġà għadda mit-testijiet preskritti fil-paragrafi 2.1–2.5 hawn isfel, jew testijiet ekwivalenti skont Regolament ieħor, dawk it-testijiet ma għandhomx għalfejn jiġu ripetuti; it-testijiet preskritti fit-tabella B tal-appendiċi 1 biss għandhom ikunu obbligatorji.

2. TESTIJIET

2.1. Reżistenza għal tibdil fit-temperatura

2.1.1. It-testijiet

Tliet kampjuni ġodda (lentijiet) għandhom jiġu soġġetti għal ħames ċikli ta' tibdil fit-temperatura u fl-umdità (RH = umdità relattiva) skont dan il-programm:

3 sigħat f'40 °C ± 2 °C u 85-95 % RH;

siegħa fi 23 °C ± 5 °C u 60-75 % RH;

15-il siegħa fi — 30 °C ± 2 °C;

siegħa fi 23 °C ± 5 °C u 60-75 % RH;

3 sigħat fi 80 °C ± 2 °C;

siegħa fi 23 °C ± 5 °C u 60-75 % RH;

Qabel dan it-test, il-kampjuni għandhom jinżammu f'temperatura ta' 23 °C ± 5 °C u f'RH ta' 60-75 % għal mill-inqas erba' sigħat.

*Nota* : Il-perjodi ta' siegħa f'temperatura ta' 23 °C ± 5 °C għandhom jinkludu l-perjodi ta' tranżizzjoni minn temperatura għall-oħra li huma neċessarji sabiex ikunu evitati l-effetti ta' xokk termali.

2.1.2. Pożizzjonijiet fotometriċi

2.1.2.1. Il-metodu

Għandu jitwettaq kejl fotometriku fuq il-kampjuni qabel u wara t-test.

Dan il-kejl għandu jsir bl-użu ta' bozza standard, fil-punti li ġejjin:

B 50 u 50 V għar-raġġ għas-sewqan ta' fanal għas-sewqan jew fanal tad-dawl baxx/għas-sewqan.

$E_{max}$ għar-raġġ għas-sewqan ta' fanal għas-sewqan jew fanal tad-dawl baxx/għas-sewqan;

2.1.2.2. Riżultati

Il-varjazzjoni bejn il-valuri fotometriċi mkejla fuq kull kampjun qabel u wara t-test m'għandhiex teċċedu l-10 % inklużi t-tolleranzi tal-proċedura fotometrika.

2.2. Reżistenza għall-aġenti atmosferiċi u kimiċi

2.2.1. Reżistenza għall-aġenti atmosferiċi

Tliet kampjuni ġodda (lentijiet jew kampjuni ta' materjal) għandhom ikunu esposti għar-radjazzjoni minn sors li jkollu distribuzzjoni tal-enerġija spettrali simili għal dik ta' korp iswed b'temperatura ta' bejn 5 500 K u 6 000 K. Il-filtri xierqa għandhom jitqiegħdu bejn is-sors u l-kampjuni sabiex inaqqsu kemm jista' jkun

ir-radjazzjonijiet b'tulijiet tal-mewġ iżgħar minn 295 nm u akbar minn 2 500 nm. Il-kampjuni għandhom jiġu esposti għal illuminazzjoni enerġetika ta' 1 200 W/m$^2$ ± 200 W/m$^2$ għal perjodu ta' ħin tant li l-enerġija luminuża li jirċievu tkun daqs 4 500 MJ/m$^2$ ± 200 MJ/m$^2$. Fil-kumpartiment, it-temperatura mkejla fuq il-pannell l-iswed imqiegħed fuq livell flimkien mal-kampjuni għandha tkun 50 °C ± 5 °C. Sabiex tiġi żgurata espożizzjoni regolari, il-kampjuni għandhom iduru madwar is-sors tar-radjazzjoni b'veloċità ta' bejn 1 u 5 1/min.

Il-kampjuni għandhom jiġu mraxxa bl-ilma distillat b'konduttività ta' inqas minn 1mS/m f'temperatura ta' 23 ° C ± 5 °C, skont iċ-ċiklu li ġej:

traxxix: 5 minuti;

inxif: 25 minuta.

2.2.2. Reżistenza għall-aġenti kimiċi

Wara li jkun sar it-test deskritt fil-paragrafu 2.2.1 imsemmi qabel u l-kejl deskritt fil-paragrafu 2.2.3.1 isfel, il-wiċċ ta' barra tal-imsemmija tliet kampjuni għandu jiġi ttrattat kif deskritt fil-paragrafu 2.2.2.2 bit-taħlita definita fil-paragrafu 2.2.2.1 hawn taħt.

2.2.2.1. Taħlita tal-ittestjar

It-taħlita tat-test għandha tkun magħmula minn 61,5 % n-ettan, 12,5 % toluwen, 7,5 % etil tetraklorur, 12,5 % trikloretilen u 6 % ksilen (volum fil-milja).

2.2.2.2. Applikazzjoni tat-taħlita tal-ittestjar

Xarrab biċċa ċarruta tal-qoton (skont ISO 105) sakemm ma tkunx tista' tixrob aktar fit-taħlita definita fil-paragrafu 2.2.2.1 hawn fuq u, f'10 sekondi, applikaha għal 10 minuti mal-wiċċ ta' barra tal-kampjun bi pressjoni ta' 50 N/cm$^2$, li tikkorrispondi għal sforz ta' 100 N applikata fuq superfiċje tal-ittestjar ta' 14 × 14 mm.

Matul dan il-perjodu ta' 10-minuti, iċ-ċarruta għandha tixxarrab għal darb'oħra bit-taħlita sabiex il-kompożizzjoni tal-likwidu applikat tkun kontinwament identika ma' dik tat-taħlita tal-ittestjar preskritta.

Matul il-perjodu tal-applikazzjoni, huwa permissibbli li tkun ikkompensata l-pressjoni applikata fuq il-kampjun sabiex ma tikkawżax tixqiq.

2.2.2.3. Tindif

Fit-tmiem tal-applikazzjoni tat-taħlita tat-test, il-kampjuni għandhom jitnixxfu fil-beraħ u mbagħad għandhom jinħaslu bis-soluzzjoni deskritta fil-paragrafu 2.3 (Reżistenza għad-deterġenti) 23 °C ± 5 °C.

Wara, il-kampjuni għandhom jitlaħalħu b'attenzjoni b'ilma distillat li ma fihx aktar minn 0,2 % fil-mija ta' impuritajiet f'temperatura ta' 23 °C ± 5 °C u mbagħad jintmesħu b'ċarruta ratba.

2.2.3. Riżultati

2.2.3.1. Wara t-test ta' reżistenza għall-aġenti atmosferiċi, il-wiċċ ta' barra tal-kampjuni għandu jkun ħieles minn xquq, grif, tixlif u deformazzjoni, u l-varjazzjoni medja fit-trażmissjoni

$\Delta t = \frac{T2-T3}{T2}$, imkejla fuq it-tliet kampjuni skont il-proċedura deskritta fl-appendiċi 2 għal dan l-anness ma għandhiex teċċedi 0,020 ($\Delta$ tm < 0,020).

2.2.3.2. Wara t-test ta' reżistenza għall-aġenti kimiċi, il-kampjuni m'għandux ikollhom traċċi ta' tbajja' kimiċi li jistgħu jikkawżaw varjazzjoni fid-diffużjoni tal-fluss, li l-varjazzjoni medja tiegħu

$\Delta d = \frac{T5-T4}{T2}$, imkejla fuq it-tliet kampjuni skont il-proċedura deskritta fl-appendiċi 2 ta' dan l-anness ma għandhiex teċċedi 0,020 ($\Delta d_m \leq 0,020$).

2.3. Reżistenza għal diterġenti u idrokarburi

2.3.1. Reżistenza għad-diterġenti

Il-wiċċ ta' barra tat-tliet kampjuni (il-lentijiet jew il-kampjuni tal-materjal) għandu jissaħħan għal temperatura ta' 50 °C ± 5 °C u wara jiġi mgħaddas għal ħames minuti f'taħlita miżmuma f'temperatura ta' 23 °C ± 5 °C u magħmula minn 99 parti ta' ilma distillat li ma fihx aktar minn 0,02 % ta' impuritajiet u parti ta' alkilaril sulfonat.

Fi tmiem it-test, il-kampjuni jitnixxfu f'50 °C ± 5 °C. Il-wiċċ tal-kampjuni għandu jitnaddaf b'ċarruta niedja.

2.3.2. Reżistenza għall-idrokarburi

Il-wiċċ ta' barra ta' dawn it-tliet kampjuni għandu mbagħad jingħorok ħafif għal minuta b'ċarruta tal-qoton imxarrba f'taħlita magħmula minn 70 % n-ettan u 30 % toluwee (volum fil-mija), u wara għandu jitnixxef fil-beraħ.

2.3.3. Riżultati

Wara li ż-żewġ testijiet imsemmija qabel ikunu twettqu suċċessivament, il-valur medju tal-varjazzjoni fit-trażmissjoni

$\Delta t = \frac{T2 - T3}{T2}$, imkejla fuq it-tliet kampjuni skont il-proċedura deskritta fl-appendiċi 2 ta' dan l-anness ma għandhiex teċċedi 0,010 ($\Delta t_m < 0{,}010$).

2.4. Reżistenza għad-deterjorazzjoni mekkanika

2.4.1. Metodu ta' deterjorazzjoni mekkanika

Il-wiċċ ta' barra tat-tliet kampjuni ġodda (lentijiet) għandu jiġi soġġett għat-test ta' deterjorazzjoni mekkanika uniformi bil-metodu deskritt fl-appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

2.4.2. Riżultati

Wara dan it-test, il-varjazzjonijiet:

fit-trażmissjoni: $\Delta t = \frac{T2 - T3}{T_2}$,

u fid-diffużjoni: $\Delta d = \frac{T5 - T4}{T_2}$,

għandhom jitkejlu skont il-proċedura deskritta fl-appendiċi 2 fl-erja speċifikata fil-paragrafu 3.2.4.1.1 ta' dan ir-Regolament. Il-valur medju tat-tliet kampjuni għandu jkun tali li:

$\Delta t_m < 0{,}100$;

$\Delta d_m < 0{,}050$.

2.5. Test tat-twaħħil tal-kisjiet, jekk applikabbli

2.5.1. Preparazzjoni tal-kampjun

Superfiċje b'erja ta' 20 mm × 20 mm tal-kisi ta' lenti għandha tinqata' b'xafra jew b'labra f'xibka ta' kwadri b'daqs bejn wieħed u ieħor ta' 2 mm × 2 mm. Il-pressjoni fuq ix-xafra jew fuq il-labra għandha tkun biżżejjed li tal-inqas taqta l-kisi.

2.5.2. Deskrizzjoni tat-test

Uża tejp adeżiv b'forza ta' twaħħil ta' 2 N/(cm tal-wisa') ± 20 % mkejjel fil-kundizzjonijiet standardizzati speċifikati fl-appendiċi 4 ta' dan l-Anness. Dan it-tejp adeżiv ta' wisa' minimu ta' 25 mm, għandu jingħafas għal mill-inqas ħames minuti mal-wiċċ ippreparat skont il-paragrafu 2.5.1.

Imbagħad it-tarf tat-tejp adeżiv għandu jitgħabba b'mod li l-forza tat-twaħħil mas-superfiċje kkunsidrata tkun ibbilanċjata b'forza perpendikulari għal dik is-superfiċje. F'dan l-istadju, it-tejp għandu jitqatta' b'veloċità kostanti ta' 1,5 m/s ± 0,2 m/s.

2.5.3. Riżultati

M'għandu jkun hemm ebda ħsara evidenti fiż-żona maqsuma f'kaxex. Ħsarat fl-intersezzjonijiet bejn il-kaxex jew fit-truf tal-qatgħat għandhom jiġu permessi, sakemm iż-żona tal-ħsara ma taqbiżx il-15 fil-mija tas-superfiċje maqsuma f'kaxex.

2.6. It-testijiet tal-fanal komplut li jinkorpora lenti ta' materjal tal-plastik

2.6.1. Reżistenza għal deterjorazzjoni mekkanika tas-superfiċje tal-lenti

2.6.1.1. It-testijiet

Il-lenti tal-fanal kampjun Nru 1 għandha tiġi soġġetta għat-test deskritt fil-paragrafu 2.4.1 imsemmi qabel.

2.6.1.2. Riżultati

Wara t-test, ir-riżultati tal-kejl fotometriku mwettaq fuq il-fanal skont dan ir-Regolament, m'għandhomx ikunu aktar minn 30 % tal-valuri massimi speċifikati fil-punt B 50, u mhux iktar minn 10 % inqas mill-valuri minimi speċifikati fil-punt 50 V.

2.6.2. Test tat-twaħħil tal-kisjiet, jekk applikabbli

Il-lenti tal-fanal kampjun Nru 2 għandha tiġi soġġetta għat-test deskritt fil-paragrafu 2.5. imsemmi qabel.

3. IL-VERIFIKA TAL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

3.1. Fir-rigward tal-materjali użati għall-manifattura tal-lentijiet, il-fanali ta' serje għandhom għandhom jiġu rikonoxxuti bħala konformi ma' dan ir-Regolament jekk:

3.1.1. Wara t-test tar-reżistenza għall-aġenti kimiċi u test tar-reżistenza għad-deterġenti u l-idrokarburi, il-wiċċ ta' barra tal-kampjuni ma juri la xquq, la brix, la laqx, la deformazzjonijiet viżibbli għall-għajnejn (ara l-paragrafi 2.2.2, 2.3.1 u 2.3.2);

3.1.2. Wara t-test deskritt fil-paragrafu 2.6.1.1, il-valuri fotometriċi fil-punti tal-kejl ikkunsidrati fil-paragrafu 2.6.1.2 ikunu fil-limiti preskritti għall-konformità tal-produzzjoni f'dan ir-Regolament.

3.2. Jekk ir-riżultati tat-test ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa, it-testijiet għandhom jiġu ripetuti fuq kampjun ieħor ta' fanali ta' quddiem magħżula kif ġie ġie.

*Appendiċi 1*

**ORDNI KRONOLOĠIKA TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI**

A. It-testijiet fuq il-materjali tal-plastik (il-lentijiet jew il-kampjuni ta' materjal ipprovduti skont il-paragrafu 3.2.4 ta' dan ir-Regolament).

| Kampjuni | | Lentijiet jew kampjuni tal-materjal | | | | | | Lentijiet | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Testijiet | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 1.1. | Fotometrija limitata (paragrafu 2.1.2) | | | | | | | | | | X | X | X | |
| 1.1.1. | Bidla fit-temperatura (paragrafu 2.1.1) | | | | | | | | | | X | X | X | |
| 1.1.2. | Fotometrija limitata (paragrafu 2.1.2) | | | | | | | | | | X | X | X | |
| 1.2.1. | Kejl tat-trażmissjoni | X | X | X | X | X | X | X | X | X | | | | |
| 1.2.2. | Kejl tad-diffużjoni | X | X | X | | | | X | X | X | | | | |
| 1.3. | Aġenti atmosferiċi (paragrafu 2.2.1) | X | X | X | | | | | | | | | | |
| 1.3.1. | Kejl tat-trażmissjoni | X | X | X | | | | | | | | | | |
| 1.4. | Aġenti kimiċi (paragrafu 2.2.2) | X | X | X | | | | | | | | | | |
| 1.4.1. | Kejl tad-diffużjoni | X | X | X | | | | | | | | | | |
| 1.5. | Deterġenti (paragrafu 2.3.1) | | | | X | X | X | | | | | | | |
| 1.6. | Idrokarburi (paragrafu 2.3.2) | | | | X | X | X | | | | | | | |
| 1.6.1. | Kejl tat-trażmissjoni | | | | X | X | X | | | | | | | |
| 1.7. | Deterjorazzjoni (paragrafu 2.4.1) | | | | | | | X | X | X | | | | |
| 1.7.1. | Kejl tat-trażmissjoni | | | | | | | X | X | X | | | | |
| 1.7.2. | Kejl tad-diffużjoni | | | | | | | X | X | X | | | | |
| 1.8. | Twaħħil (paragrafu 2.5) | | | | | | | | | | | | | X |

B. It-testijiet fuq il-fanali kompluti (ipprovduti skont il-paragrafu 3.2.3 ta' dan ir-Regolament).

| Testijiet | | Fanal komplut | |
|---|---|---|---|
| | | Kampjun Nru | |
| | | 1 | 2 |
| 2.1. | Deterjorazzjoni (paragrafu 2.6.1.1) | X | |
| 2.2. | Fotometrija (paragrafu 2.6.1.2) | X | |
| 2.3. | Twaħħil (paragrafu 2.6.2) | | X |

*Appendiċi 2*

**METODU TAL-KEJL TAD-DIFFUŻJONI U T-TRAŻMISSJONI TAD-DAWL**

1. TAGĦMIR (ara l-figura)

Ir-raġġ tal-kollimatur K b'nofs diverġenza $\beta/2 = 17{,}4 \times 10^{-4}$ rd huwa limitat b'dijaframma $D_T$ b'fetħa ta' 6 mm li magħha sserraħ l-istruttura li fuqha hemm il-kampjun.

Lenti akromatika konverġenti $L_2$, korretta għall-aberrazzjonijiet sferiċi tgħaqqad id-dijaframma $D_T$ mar-riċevitur R; id-dijametru tal-lenti $L_2$ għandu jkun tali li ma tinħoloqx dijaframma bid-dawl imxerred mill-kampjun f'kon b'nofs angolu ta' fuq ta' $\beta/2 = 14°$.

Id-dijaframma annulari $D_D$, bl-angoli $\alpha/2 = 1°$ u $\alpha_{max}/2 = 12°$ titqiegħed fi pjan fokali tal-immaġini tal-lenti $L_2$.

Il-parti ċentrali li mhix trasparenti tad-dijaframma hija meħtieġa biex jiġi eliminat id-dawl li jkun ġej direttament mis-sors tad-dawl. Għandu jkun possibbli li titneħħa l-parti ċentrali tad-dijaframma mir-raġġ tad-dawl b'tali mod li din tmur lura eżatt għall-pożizzjoni oriġinali tagħha.

Id-distanza $L_2$ $D_T$ u t-tul fokali $F_2$ ([1]) tal-lenti $L_2$ għandha tintagħżel b'mod li l-immaġini ta' $D_T$ tkopri kompletament ir-riċevitur R.

Meta l-fluss inizjali tal-inċidenza jissemma bħala 1 000 unità, il-preċiżjoni assoluta ta' kull qari għandha tkun aħjar minn unità waħda.

2. KEJL

Għandu jittieħed il-qari li ġej:

| Qari | Bil-kampjun | Bil-parti ċentrali ta' $D_D$ | Kwantità rappreżentata |
|---|---|---|---|
| $T_1$ | le | le | Fluss tal-inċidenza fil-qari inizjali |
| $T_2$ | Iva (qabel it-test) | le | Il-fluss trażmess mill-materjal il-ġdid f'medda ta' 24 °C |
| $T_3$ | iva (wara t-test) | le | Il-fluss trażmess mill-materjal ittestjat f'medda ta' 24 °C |
| $T_4$ | iva (qabel it-test) | iva | Fluss diffuż mill-materjal il-ġdid |
| $T_5$ | iva (wara t-test) | iva | Fluss diffuż mill-materjal ittestjat |

([1]) Għal $L_2$ huwa rrakkomandat li tintuża distanza fokali ta' madwar 80 mm.

*Figura 1*



*Appendiċi 3*

**METODU TA' TTESTJAR BIT-TRAXXIX**

1. TAGĦMIR TAL-ITTESTJAR

1.1. L-apparat tat-traxxix

L-apparat tat-traxxix użat għandu jkun mgħammar b'żennuna b'dijametru ta' 1,3 mm li tippermetti rata ta' fluss tal-likwidu ta' 0,24 ± 0,02 1/minuta fi pressjoni operattiva ta' 6,0 bars – 0, + 0,5 bar.

F'dawn il-kundizzjonijiet ta' użu, għandu jinkiseb merżuq b'dijametru ta' 170 mm ± 50 mm fuq il-wiċċ espost għad-deterjorazzjoni, f'distanza ta' 380 mm ± 10 mm miż-żennuna.

1.2. Taħlita tal-ittestjar

It-taħlita tal-ittestjar għandha tkun magħmula minn:

Ramel siliċiku ta' ebusija 7 fuq l-iskala Mohs u b'daqs ta' granula ta' bejn 0 u 0,2 mm b'distribuzzjoni kważi normali, li għandha fattur angulari ta' bejn 1,8 u 2;

Ilma b'ebusija li ma teċċedix il-205 g/m3 għal taħlita li tinkludi 25 g ta' ramel għal kull litru ta' ilma.

2. IT-TEST

Is-superfiċje ta' barra tal-lentijiet tal-fanal għandha tiġi soġġetta darba jew iktar minn darba għall-azzjoni tal-ġett tar-ramel prodott kif deskritt fuq. Il-ġett għandu jiġi sprejjat kważi b'mod perpendikulari mas-superfiċje li għandha tiġi ttestjata.

Id-deterjorazzjoni għandha tiġi verifikata permezz ta' kampjun wieħed jew iktar tal-ħġieġ imqiegħed bħala referenza ħdejn il-lentijiet li għandhom jiġu ttestjati. It-taħlita għandha tiġi mraxxa sakemm il-varjazzjoni fid-diffużjoni taddawl fuq il-kampjun jew il-kampjuni mkejla bil-metodu deskritt fl-appendiċi 2, tkun tali li:

$$\Delta d = \frac{T_5 - T_4}{T_2} = 0{,}0250 \pm 0{,}0025$$

Diversi kampjuni ta' referenza jistgħu jintużaw sabiex jiġi vverifikat li s-superfiċje kollha li għandha tiġi ttestjata tkun iddeterjorat b'mod omoġenju.

*Appendiċi 4*

**TEST TAT-TWAĦĦIL BIT-TEJP ADEŻIV**

1. SKOP

Dan il-metodu jippermetti li tiġi ddeterminata l-forza lineari tat-twaħħil f'kundizzjonijiet standard tat-tejp adeżiv ma' plejt tal-ħġieġ.

2. IL-PRINĊIPJU

Il-kejl tal-forza neċessarja sabiex jinqala' tejp adeżiv minn ma' folja tal-ħġieġ f'angolu ta' 90°.

3. KUNDIZZJONIJIET ATMOSFERIĊI SPEĊIFIKATI

Il-kundizzjonijiet tal-ambjent għandhom ikunu b'temperatura ta' 23 °C ± 5 °C u umdità relattiva (RH) ta' 65 ± 15 %.

4. BIĊĊIET TAT-TEST

Qabel it-test, ir-romblu tal-kampjun tat-tejp adeżiv għandu jiġi kkundizzjonat għal 24 siegħa fl-atmosfera speċifikata (ara l-paragrafu 3 msemmi qabel).

Ħames biċċiet tat-test, kull waħda twila 400 mm, għandhom jiġu ttestjati minn kull romblu. Dawn il-biċċiet tat-test għandhom jittieħdu mir-romblu wara li l-ewwel tliet dawriet ikunu ntremew.

5. PROĊEDURA

It-test għandu jsir fil-kundizzjonijiet ambjentali speċifikati fil-paragrafu 3.

Ħu l-ħames biċċiet tat-test filwaqt li tħoll it-tejp b'mod radjali b'veloċità ta' madwar 300 mm/s, imbagħad applikahom fi 15-il sekonda bil-mod kif ġej:

Waħħal it-tejp mal-plejt tal-ħġieġ progressivament billi togħrok b'mod ħafif bis-saba' mat-tul kollu, mingħajr pressjoni eċċessiva, b'tali mod li ma titħalla ebda bużżieqa tal-arja bejn it-tejp u l-plejt tal-ħġieġ.

Ħalli l-assemblaġġ fil-kundizzjonijiet atmosferiċi speċifikati għal 10 minuti.

Aqla' madwar 25 mm tal-biċċa tat-test minn mal-folja fi pjan perpendikulari għall-assi tal-biċċa tat-test.

Waħħal il-folja u itwi lura t-tarf ħieles tat-tejp f'90°. Applika forza b'tali mod li l-linja ta' separazzjoni bejn it-tejp u l-plejt tkun perpendikulari ma' din il-forza u perpendikulari mal-plejt.

Iġbed sabiex taqla' b'veloċità ta' 300 mm/s ± 30 mm/s u rreġistra l-forza meħtieġa.

6. RIŻULTATI

Il-ħames valuri miksuba għandhom jitqiegħdu fl-ordni u għandu jittieħed il-valur medju bħala r-riżultat tal-kejl. Dan il-valur għandu jiġi espress fi Newtons għal kull ċentimetru ta' wisa' tat-tejp.

*ANNESS 7*

**REKWIŻITI MINIMI GĦAT-TEĦID TA' KAMPJUNI MINN SPETTUR**

1. ĠENERALI

1.1. Ir-rekwiżiti tal-konformità għandhom jiġu kkunsidrati li ntlaħqu minn perspettiva mekkanika u ġeometrika, skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jekk applikabbli, jekk id-differenzi ma jaqbżux id-devjazzjonijiet inevitabbli fil-manifattura.

1.2. Fir-rispett tal-prestazzjoni fotometrika, il-konformità tal-fanali ta' quddiem prodotti bil-massa ma għandhiex tkun ikkontestata jekk, meta l-prestazzjonijiet fotometriċi ta' kwalunkwe fanal ta' quddiem magħżul kif ġie ġie u mgħammar b'bozza tal-filament standard;

1.2.1. l-ebda valur li jitkejjel ma jiddevja b'mod mhux favorevoli b'iżjed minn 20 % mill-valuri minimi preskritti f'dan ir-Regolament.

Fiż-żona III, id-devjazzjoni massima tista' tkun rispettivament:

0,3 lux ekwivalenti 20 %

0,45 lux ekwivalenti 30 %

1.2.2. u jekk, għar-raġġ għas-sewqan, HV ikun jinstab fl-isolux 0,75 $E_{max}$, tkun osservata tolleranza ta' + 20 % għall-valuri massimi u ta'– 20 % għall-valuri minimi għall-valuri fotometriċi fi kwalunkwe punt tal-kejl speċifikat fl-Anness 3, fil-paragrafu 4.3 u 4.4 ta' dan ir-Regolament.

1.2.3. Jekk ir-riżultati tat-testijiet deskritti aktar 'il fuq ma jissodisfawx ir-rekwiżiti, it-testijiet għandhom jiġu ripetuti bl-użu ta' bozza tal-filament standard oħra.

1.2.4. Fanali ta' quddiem b'difetti evidenti ma jiġux ikkunsidrati.

1.3. Il-koordinati tal-kromatiċità għandhom ikunu konformi ma' meta l-fanal ta' quddiem ikun mgħammar b'fanal ta' filament stabbilit f'temperatura tal-kulur Standard A.

Il-prestazzjoni fotometrika ta' fanal ta' quddiem li jarmi dawl isfar selettiv meta mgħammar b'bozza tal-filament bla kulur għandha tiġi mmultiplikata b'0,84.

2. L-EWWEL KAMPJUNAR

Fl-ewwel teħid ta' kampjuni erba' fanali ta' quddiem jintagħżlu kif ġie ġie. L-ewwel kampjun ta' tnejn ikun immarkat A, it-tieni kampjun ta' tnejn ikun immarkat B.

2.1. Il-konformità ma tiġix ikkontestata

2.1.1. Wara l-proċedura ta' teħid ta' kampjuni murija fil-Figura 1 ta' dan l-Anness il-konformità tal-fanali ta' quddiem prodotti bil-massa ma għandhiex tiġi kkontestata jekk id-devjazzjoni tal-valuri mkejla tal-fanali ta' quddiem fid-direzzjonijiet mhux favorevoli tkun:

2.1.1.1. kampjun A

| | | |
|---|---|---|
| A1: | fanal ta' quddiem wieħed | 0 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed mhux iktar minn | 20 % |
| A2: | iż-żewġ fanali ta' quddiem iktar minn | 0 % |
| | iżda mhux iktar minn | 20 % |
| | mur għall-kampjun B | |

2.1.1.2. kampjun B

| | | |
|---|---|---|
| B1: | iż-żewġ fanali ta' quddiem | 0 % |

2.2. Il-konformità tiġi kkontestata

2.2.1. Wara l-proċedura tat-teħid ta' kampjuni li tidher fil-Figura 1 ta' dan l-Anness il-konformità ta' fanali ta' quddiem prodotti bil-massa għandha tiġi kkontestata u l-manifattur jintalab jagħmel mezz li l-produzzjoni tiegħu tissodisfa r-rekwiżiti (allinjament) jekk id-devjazzjonijiet tal-valuri mkejla tal-fanali ta' quddiem ikunu:

2.2.1.1. kampjun A

| | | |
|---|---|---|
| A3: | fanal ta' quddiem wieħed mhux iktar minn | 20 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 20 % |
| | iżda mhux iktar minn | 30 % |

2.2.1.2. kampjun B

| | | |
|---|---|---|
| B2: | fil-każ ta' A2 | |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 0 % |
| | iżda mhux iktar minn | 20 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed mhux iktar minn | 20 % |
| B3: | fil-każ ta' A2 | |
| | fanal ta' quddiem wieħed | 0 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 20 % |
| | iżda mhux iktar minn | 30 % |

2.3. Approvazzjoni rtirata

Il-konformità għandha tkun ikkontestata u jiġi applikat il-paragrafu 11 jekk, wara l-proċedura tat-teħid tal-kampjuni fil-Figura 1 ta' dan l-Anness, id-devjazzjonijiet tal-valuri mkejla tal-fanali ta' quddiem ikunu:

2.3.1. kampjun A

| | | |
|---|---|---|
| A4: | fanal ta' quddiem wieħed mhux iktar minn | 20 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 30 % |
| A5: | iż-żewġ fanali ta' quddiem iktar minn | 20 % |

2.3.2. kampjun B

| | | |
|---|---|---|
| B4: | fil-każ ta' A2 | |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 0 % |
| | iżda mhux iktar minn | 20 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 20 % |
| B5: | fil-każ ta' A2 | |
| | iż-żewġ fanali ta' quddiem iktar minn | 20 % |
| B6: | fil-każ ta' A2 | |
| | fanal ta' quddiem wieħed | 0 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 30 % |

3. KAMPJUNAR RIPETUT

Fil-każ ta' A3, B2, B3 jinħtieġ kampjunar ripetut, it-tielet kampjun C ta' żewġ fanali ta' quddiem u r-raba' kampjun D ta' żewġ fanali ta' quddiem, magħżula mill-istokk immanifatturat wara l-allinjament, fi żmien xahrejn wara n-notifika.

3.1. Il-konformità ma tiġix ikkontestata

3.1.1. Wara l-proċedura tat-teħid ta' kampjuni li tidher fil-Figura 1 ta' dan l-Anness il-konformità ta' fanali ta' quddiem prodotti bil-massa m'għandhiex tiġi kkontestata jekk id-devjazzjonijiet tal-miżuri mkejla tal-fanali ta' quddiem ikunu:

3.1.1.1. kampjun C

| | | |
|---|---|---|
| C1: | fanal ta' quddiem wieħed | 0 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed mhux iktar minn | 20 % |
| C2: | iż-żewġ fanali ta' quddiem iktar minn | 0 % |
| | iżda mhux iktar minn | 20 % |
| | mur għall-kampjun D | |

3.1.1.2. kampjun D

| | | |
|---|---|---|
| D1: | fil-każ ta' C2 | |
| | iż-żewġ fanali ta' quddiem | 0 % |

3.2. Il-konformità tiġi kkontestata

3.2.1. Wara l-proċedura tat-teħid ta' kampjuni li tidher fil-Figura 1 ta' dan l-Anness il-konformità ta' fanali ta' quddiem prodotti bil-massa għandha tiġi kkontestata u l-manifattur jintalab jagħmel mezz li l-produzzjoni tiegħu tissodisfa r-rekwiżiti (allinjament) jekk id-devjazzjonijiet tal-valuri mkejla tal-fanali ta' quddiem ikunu:

3.2.1.1. kampjun D

| | | |
|---|---|---|
| D2: | fil-każ ta' C2 | |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 0 % |
| | iżda mhux iktar minn | 20 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed mhux iktar minn | 20 % |

3.3. Approvazzjoni rtirata

Il-konformità għandha tkun ikkontestata u jkun applikat il-paragrafu 11 jekk, wara l-proċedura ta' teħid ta' kampjuni fil-Figura 1 ta' dan l-Anness, id-devjazzjonijiet tal-valuri mkejla tal-fanali ta' quddiem ikunu:

3.3.1. kampjun C

| | | |
|---|---|---|
| C3: | fanal ta' quddiem wieħed mhux iktar minn | 20 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 20 % |
| C4: | iż-żewġ fanali ta' quddiem iktar minn | 20 % |

3.3.2. kampjun D

| | | |
|---|---|---|
| D3: | fil-każ ta' C2 | |
| | fanal ta' quddiem wieħed 0 jew iktar minn | 0 % |
| | fanal ta' quddiem wieħed iktar minn | 20 % |

4. BIDLA FIL-POŻIZZJONI VERTIKALI TAL-LINJA TAL-PUNT TAL-WAQFIEN

Fir-rigward tal-verifika tal-bidla fil-pożizzjonijiet vertikali tal-linja tal-punt tal-waqfien taħt l-influwenza tas-sħana, din il-proċedura għandha tiġi applikata:

Wieħed mill-fanali ta' quddiem tal-kampjun A wara l-proċedura tat-teħid tal-kampjuni fil-Figura 1 ta' dan l-Anness għandu jiġi ttestjat skont il-proċedura deskritta fil-paragrafu 2.1 tal-Anness 4 wara li jiġi soġġett għal tliet darbiet konsekuttivi għaċ-ċiklu deskritt fil-paragrafu 2.2.2 tal-Anness 4.

Il-fanal ta' quddiem għandu jiġi kkunsidrat aċċettabbli jekk Δr ma jeċċedix 1,5 mrad.

Jekk dan il-valur jeċċedi 1,5 mrad imma ma jkunx aktar minn 2,0 mrad, it-tieni fanal ta' quddiem tal-kampjun A għandu jiġi soġġett għat-test li warajh il-valur medju tal-valuri assoluti rreġistrati fuq iż-żewġ kampjuni ma għandux jeċċedi 1,5 mrad. Madankollu, jekk ma jkunx hemm konformità ma' dan il-valur ta' 1,5 mrad fuq il-kampjun A, iż-żewġ fanali ta' quddiem tal-kampjun B għandhom jiġu soġġetti għall-istess proċedura u l-valur ta' Δr għal kull wieħed minnhom ma għandux jeċċedi 1,5 mrad.

*Figura 1*



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT